# MALTA

**ATT Nru. IX ta' l-2003**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jemenda diversi liġijiet.**

**ACT No. IX of 2003**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend various laws.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

GUIDO DE MARCO
President

2 ta’ Settembru, 2003

**ATT Nru. IX ta’ l-2003**

*ATT biex jemenda diversi liġijiet*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f’dan il-Parlament, u bl-awtorità ta’ l-istess, ħareġ b’liġi dan li ġej:-

**Taqsima I**

**1.** (1) It-titolu fil-qosor ta’ dan l-Att hu Att ta’ l-2003 biex Jemenda Diversi Liġijiet. Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

(2) Id-disposizzjonijiet tad-diversi Taqsimiet ta’ l-Att, minbarra din it-Taqsima, għandhom jibdew iseħħu f’dawk id-dati skond ma hemm provdut fihom.

**Taqsima II**

**2.** (1) Din it-Taqsima ta’ l-Att temenda, u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda, mal-Kodiċi tal-Kummerċ hawn iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ “il-Kodiċi”. Emenda tal-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap 13.

(2) Din it-Taqsima ta’ dan l-Att għandha tibda sseħħ f’dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-kummerċ jista’ jistabbilixxi b’avviż fil-Gazzetta.

Sostituzzjoni tas-Sub-Titolu IV tat-Titolu IV tat-Taqsima I tal-Kodiċi.

**3.** Minflok is-Sub-Titolu IV ta' Titolu IV f'Taqsima I tal-Kodiċi għandu jidħol dan li ġej:

## "Sub-titolu IV

## FUQ L-AĠENTI TAL-KUMMERĊ

Kif tapplika din it-Taqsima.

70. (1) Ir-relazzjonijiet bejn aġenti tal-kummerċ u l-prinċipali tagħhom u l-attivitajiet ta' aġenti tal-kummerċ f'Malta huma regolati bid-disposizzjonijiet ta' dan is-sub-titolu.

(2) Dan is-sub-titolu ma għandux ikun japplika għal:

(a) aġenti tal-kummerċ li l-attivitajiet tagħhom ma jkunux rimunerati;

(b) aġenti tal-kummerċ meta dawn joperaw fuq skambji ta' kommoditajiet jew fis-suq tal-kommoditajiet; u

(ċ) persuni li l-attivitajiet tagħhom bħala aġenti kummerċjali huma sekondarji.

(3) Id-disposizzjonijiet tat-Taqsima I ta' l-Iskeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi għandha tkun tapplika sabiex jiġi stabbilit min huma dawk il-persuni li l-attivitajiet tagħhom bħala aġenti kummerċjali għandhom jitqiesu bħala sekondarji għall-finijiet tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2).

Tifsir ta' aġent tal-kummerċ, eċċ.

70A. F'dan is-sub-titolu:

"aġent tal-kummerċ" tfisser persuna li ma jkunx impjegat mal-prinċipal, li jkollu awtorità kontinwa li jinnegozja l-bejgħ jew ix-xiri ta' oġġetti jew servizzi għan-nom ta' xi persuna oħra (il-prinċipal), jew li jinnegozja u jikkonkludi l-bejgħ jew ix-xiri ta' oġġetti jew servizzi bħal dawk għal u f'isem dak il-prinċipal, imma ma tinkludix:

(i) persuna li, fil-kapaċità tagħha bħala uffiċjal ta' kumpannija jew assoċjazzjoni, jkollha s-setgħa tagħmel rabtiet li jkunu jorbtu lil dik il-kumpannija jew assoċjazzjoni;

(ii) soċju li jkun b'mod leġittimu awtorizzat jagħmel rabtiet li jkunu jorbtu lis-soċji tiegħu;

(iii) persuna li taġixxi bħala prattikant fl-insolvenza f'Malta jew f'posizzjoni ekwivalenti f'xi ġurisdizzjoni oħra;

"awtorità regolatorja" tfisser il-Kunsill tal-Kamra tal-Kummerċ;

"klawżola ta' restrizzjoni ta' kummerċ" tfisser ftehim jew klawsola fi ftehim li jkunu jirrestrinġu l-attivitajiet ta' negozju ta' aġent tal-kummerċ wara t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' aġenzija;

"kummissjoni" tfisser xi taqsima mir-rimunerazzjoni ta' aġent tal-kummerċ li tkun tvarja skond l-għadd jew il-valur ta' transazzjonijiet kummerċjali;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-kummerċ.

Liċenza bħala aġent tal-kummerċ.

71. (1) Ħadd ma jista' jagħmilha ta' aġent tal-kummerċ, kemm waħdu kemm f'soċjetà ma' oħrajn, mingħajr liċenza tal-Awtorità regolatorja.

(2) Dik il-liċenza ma tiġix mogħtija ħlief meta -

(a) issir talba bil-miktub lill-Awtorità regolatorja hawn fuq imsemmija f'dik il-forma li l-awtorità regolatorja tistabbilixxi, illi jkun fiha l-isem sħiħ u l-kunjom, l-età, l-indirizz privat u kummerċjali ta' min japplika u dawk il-partikolaritajiet l-oħra dwar il-kummerċ jew okkupazzjoni tiegħu, li l-awtorità regolatorja tista' titlob. Fil-każ ta' persuna li titlob liċenza biex tagħmilha ta' aġent tal-kummerċ f'soċjetà ma' oħrajn, fit-talba għandha ssir riferenza għad-dikjarazzjoni pubblikata fil-Gazzetta skond l-Att dwar il-Kumpanniji, li turi d-data tar-reġistrazzjoni tas-soċjeta u d-data li fiha jkun inħareġ iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni relattiv;

(b) min japplika jkun jissodisfa lill-awtorità regolatorja, b'riferenzi bankarji, kummerċjali jew b'riferenzi oħra, li huwa persuna kapaċi u tajba biex jagħmilha ta' aġent tal-kummerċ u li għandu konoxxenza

biżżejjed tal-liġijiet u kull użu kummerċjali dwar il-funzjonijiet, jeddijiet u dmirijiet ta' l-aġenti tal-kummerċ;

(ċ) min japplika iġib lill-awtorità regolatorja imsemmija ċertifikat ta' kondotta tajba mingħand il-Pulizija li jkun jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom.

(3) Ebda liċenza taħt dan l-artikolu ma tingħata lil persuna li hija fl-impieg tal-Gvern ta' Malta jew ta' xi istituzzjoni finanzjarja, jew lil xi persuna li għandha *warrant* biex teżerċita professjoni f'Malta u li attwalment tkun qegħda teżerċitaha, jew lil *stockbrokers* jew lil lil xi persuna li jew f'Malta jew barra mill-pajjiż ikun insab ħati ta' falliment frawdolenti.

(4) Jista' jsir appell, b'rikors, lill-Qorti ta' l-Appell fil-kompetenza tagħha inferjuri kontra kull rifjut li tinħareġ liċenza taħt dan l-artikolu.

(5) Il-liċenzi kollha mogħtijin taħt dan l-artikolu għandhom jiġu avżati fil-Gazzetta. Fix-xahar ta' Jannar ta' kull sena, lista sħiħa tal-liċenzi li jkunu jseħħu għandha wkoll tiġi maħruġa fil-Gazzetta.

(6) Kull liċenza maħruġa taħt dan l-artikolu tista' tiġi mħassra jew sospiża mill-Qorti ta' l-Appell fil-kompetenza tagħha inferjufi fuq rikors ta' l-Avukat Ġenerali, jekk il-pussessur tal-liċenza -

(a) jiġi misjub ħati ta' delitt kontra l-proprjetà;

(b) jiġi dikjarat fallut;

(ċ) jaċċetta impieg taħt il-Gvern ta' Malta, jew f'xi istituzzjoni finanzjarja, jew jiġi mogħti *warrant* biex jeżerċita professjoni, u fil-fatt jeżerċita dik il-professjoni jew isir *stockbroker*;

(d) jiġi ippruvat, b'sodisfazzjon tal-qorti, li mhux persuna kapaċi u tajba biex tkun aġent tal-kummerċ.

(7) Dak it-tħassir jew sospensjoni ta' liċenza għandhom jiġu avżati fil-Gazzetta.

(8) Kull proċediment taħt dan l-artikolu jista' jsir fil-qorti bil-magħluq, jekk il-qorti hekk tordna.

Setgha tal-Ministru li jistabbilixxi d-dritt ghal-liċenzi.

72. Il-Ministru wara li jikkonsulta lill-awtorità regolatorja jista', b'regolamenti, jistabbilixxi d-dritt li għandu jitħallas lill-Awtorità regolatorja għall-ħruġ ta' liċenza ta' aġent tal-kummerċ taħt id-disposizzjonijiet ta' l-aħħar artikolu qabel dan. B'dawk ir-regolamenti jista' jiġi stabbilit li barra d-dritt għall-ħruġ tal-liċenza għandu jitħallas dritt ieħor ta' kull sena u jista' jiġi provdut li fin-nuqqas tal-ħlas ta' dak id-dritt l-ieħor ta' kull sena, il-liċenza ma tibqax isseħħ.

Pieni.

73. Kull min, mingħajr liċenza li tkun isseħħ f'dak iż-żmien, juri ruħu li hu, jew jagħmilha jew jintrabat li jagħmilha ta' aġent tal-kummerċ, jista' jeħel:-

(a) meta jinsab ħati għall-ewwel darba multa ta' mhux iżjed minn elf lira;

(b) u fil-każ ta' reċidiva, il-piena ta' priġunerija ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux iżjed minn elfejn lira, jew il-priġunerija u l-multa flimkien.

Ma tinghatax jew tiġġeddidx liċenza qabel ma tithallas il-multa.

73A. Meta qorti tkun waħħlet multa taħt dan is-subtitolu, u dik il-multa ma tkunx tħallset, l-awtorità regolatorja ma għandhiex toħroġ jew iġġedded ebda liċenza meta din tiskadi sakemm titħallas dik il-multa.

Dmirijiet ta' aġent tal-kummerċ lejn il-prinċipal tieghu.

74. (1) Fit-twettiq ta' l-attivitajiet tiegħu, aġent tal-kummerċ għandu jħares l-interessi tal-prinċipal tiegħu u jaġixxi b'lealtà u bonafidi.

(2) B'mod partikolari, aġent tal-kummerċ għandu -

(a) jagħmel kull sforz kif imiss biex jinnegozja u, meta jkun adatt, jikkonkludi dawk it-transazzjonijiet li jitqabbad jieħu ħsieb tagħhom;

(b) iwassal lill-prinċipal tiegħu kull informazzjoni meħtieġa u li tkun disponibbli għandu;

(ċ) jimxi skond l-istruzzjonijiet raġonevoli li jingħatawlu mill-prinċipal tiegħu.

Dmirijiet ta' prinċipal lejn l-aġent tal-kummerċ tiegħu.

75. (1) Fir-relazzjonijiet tiegħu ma' l-aġent tal-kummerċ tiegħu prinċipal għandu jaġixxi b'lealtà u bonafidi.

(2) B'mod partikolari, prinċipal għandu -

(a) jipprovdi lill-aġent tal-kummerċ tiegħu b'kull dokumentazzjoni meħtieġa li tkun tirrigwarda l-oġġetti inkwisjoni;

(b) jikseb għall-aġent tal-kummerċ tiegħu kull informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tal-kuntratt ta' aġenzija, u b'mod partikolari javża lill-aġent tal-kummerċ tiegħu fi żmien raġonevoli ġaladarba huwa jantiċipa li l-volum ta' transazzjonijiet kummerċjali ikun iktar baxx b'mod sinifikanti minn dak li l-aġent tal-kummerċ seta' jistenna li jkun b'mod normali.

(3) Prinċipal għandu, iżjed minn hekk, jinforma lill-aġent tal-kummerċ tiegħu fi żmien raġonevoli li jkun qed jaċċetta jew jirrofta xi transazzjoni kummerċjali, u jekk jonqos milli jwettaq l-eżekuzzjoni tagħha, li l-aġent tal-kummerċ ikun ipprokuralu.

Projbizzjoni fuq deroga mill-artikoli 74 u 75 u l-konsegwenzi ta' xi ksur.

76. (1) il-partijiet jistgħu ma jidderogawx mill-artikoli 74 u 75 ta' dan l-Att.

(2) Il-liġi applikabbli għall-kuntratt għandha tirregola l-konsegwenzi ta' ksur tad-drittijiet u l-obbligazzjonijiet taħt l-artikoli 74 u 75 ta' dan l-Att.

Forma u ammont ta' rimunerazzjoni fin-nuqqas ta' ftehim .

77. (1) Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' xi liġi jew regola tal-liġi li tkun tirrigwarda l-livell ta' rimunerazzjoni ta' aġenti tal-kummerċ, fin-nuqqas ta' ftehim dwar ir-rimunerazzjoni bejn il-partijiet, aġent tal-kummerċ ikollu dritt għal dik ir-rimunerazzjoni li aġenti tal-kummerċ li jinħatru għall-oġġetti ttrattati fil-kuntratt ta' aġenzija tiegħu soltu jingħataw fil-lokal fejn huwa jkun qed iwettaq l-attivitajiet tiegħu u, jekk ma jkun hemm ebda prattika konswetudinarja bħal dik, aġent tal-kummerċ għandu jkollu jedd għal rimunerazzjoni raġonevoli filwaqt li jitqiesu l-aspetti kollha tat-transazzjoni li tkun se tuġi miftiehma bejn il-partijiet jew fin-nuqqas mill-qorti.

(2) Meta r-rimunerazzjoni ta' aġent tal-kummerċ ma tkunx stabbilita għalkollox jew biss f'parti bħala kummissjoni,

id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 77A sa 77F ma jkunux japplikaw.

Dritt għal kummissjoni dwar transazzjonijiet li jsiru matul kuntratt ta' aġenzija.

77A. (1) Aġent tal-kummerċ għandu jkollu dritt għal kummissjoni fuq transazzjonijiet kummerċjali li jsiru matul il-perjodu kopert bil-kuntratt ta' aġenzija -

(a) meta t-transazzjoni tkun saret bħala riżultat ta' l-intervent dirett jew indirett tiegħu; jew

(b) meta t-transazzjoni tkun saret ma' terza persuna li qabel kellu bħala klijent għal it-transazzjonijiet ta' l-istess xorta.

(2) Aġent tal-kummerċ ikollu wkoll id-dritt għal kummissjoni fuq dawk it-transazzjonijiet li jsiru matul il-perjodu kopert bil-kuntratt ta' aġenzija meta huwa jkollu dritt esklużiv għal xi area ġeografika speċifika jew għal xi assoċjazzjoni ta' klijenti speċifika u meta t-transazzjoni tkun saret ma' klijent li jappartjeni għal dik l-area jew assoċjazzjoni.

Dritt għal kummissjoni fuq transazzjonijiet li jsiru wara li kuntratt ta' aġenzija jkun intemm.

77B. Bla ħsara għall-artikolu 77Ċ, aġent tal-kummerċ għandu jkollu jedd għal kummissjoni fuq transazzjonijiet kummerċjali li jsiru wara li jkun intemm il-kuntratt ta' aġenzija jekk -

(a) it-transazzjoni tkun prinċipalment attribbwibbli għall-isforzi tiegħu matul il-perjodu kopert bil-kuntratt ta' aġenzija u jekk it-transazzjoni tkun saret fi żmien raġonevoli wara li dak il-kuntratt ikun intemm; jew

(b) skond il-kondizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 77A, l-ordni tat-terza parti tkun waslet għand il-prinċipal jew għand l-aġent tal-kummerċ qabel ma jkun intemm il-kuntratt ta' aġenzija.

Taqsim tal-kummissjoni bejn aġenti tal-kummerċ ġodda u dawk preċedenti.

77Ċ. (1) Aġent tal-kummerċ ma jkollux jedd għall-kummissjoni imsemmija fl-artikolu 77A jekk dik il-kummissjoni tithallas, bis-saħħa ta' l-artikolu 77B, lill-aġent tal-kummerċ preċedenti, sakemm din ma tkunx ekwa minħabba fiċ-ċirkostanzi li l-kummissjoni għandha tinqasam bejn l-aġenti tal-kummerċ.

(2) Il-prinċipal għandu jkun responsabbli li jagħti kull ammont dovut taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu

lill-persuna li jkollha dritt għalih skond dak il-paragrafu, u kull somma li l-aġent tal-kummerċ l-ieħor jirċievi u li ma jkollux jedd għaliha għandha titħallas lura lill-prinċipal.

Meta tkun dovuta l-kummissjoni u d-data għall-ħlas tagħha.

77D. (1) Il-kummissjoni għandha ssir dovuta hekk kif, u sal-limitu li, tiġri xi waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) il-prinċipal ikun eżegwixxa t-transazzjoni; jew

(b) il-prinċipal kien imissu, skond il-ftehim tiegħu mat-terza parti, eżegwixxa t-transazzjoni; jew

(ċ) it-terza parti tkun eżegwiet it-transazzjoni.

(2) Il-kummissjoni ssir dovuta l-iktar tard meta t-terza parti tkun eżegwiet is-sehem tagħha tat-transazzjoni jew kien imissa għamlet hekk li kieku l-prinċipal kien eżegwixxa s-sehem tiegħu tat-transazzjoni, kif kien imissu għamel.

(3) Il-kummissjoni għandha titħallas mhux iktar tard mill-aħħar ġurnata tax-xahar li jiġi wara t-tliet xhur meta kienet dovuta, u, għall-finijiet ta' dan is-sub-titolu, kemm-il darba ma jiġix miftiehem xort'oħra bejn il-partijiet, l-ewwel perjodu ta' tliet xhur għandu jibda għaddej mid-data li jibda jseħħ il-kuntratt ta' aġenzija, u perjodi li jiġu wara għandhom jibdew għaddejin minn dik id-data fit-tielet xahar li jiġi wara.

(4) Kull ftehim biex issir deroga mis-subartikoli (2) u (3) ta' dan l-artikolu għad-detriment ta' l-aġent tal-kummerċ, ikun null.

Estinzjoni tad-dritt għal kummissjoni.

77E. (1) Id-dritt għal kummissjoni jista' jiġi estint biss jekk u daqskemm jiġi stabbiliti li l-kuntratt bejn it-terza parti u l-prinċipal ma jkunx se jiġi eżegwit għal xi raġuni li għaliha l-prinċipal ma jkollux ħtija.

(2) Kummissjoni li l-aġent tal-kummerċ ikun diġà rċieva għandha titħallas lura jekk id-dritt għaliha ikun estint.

(3) Ftehim għal deroga mid-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) għad-detriment ta' l-aġent tal-kummerċ ikun null.

Ghoti ta' informazzjoni perjodika dwar il-kummissjoni dovuta u d-dritt ta' spezzjon tal-kotba tal-prinċipal.

77F. (1) Il-prinċipal għandu jipprovdi lill-aġent tal-kummerċ tiegħu dikjarazzjoni dwar il-kummissjoni dovuta, mhux aktar tard mill-aħħar ġurnata tax-xahar li jiġi minnufih wara it-tliet xhur meta tkun saret dovuta l-kummissjoni, u dik id-dikjarazzjoni għandu jkun fiha l-bażi użata fil-kalkolu ta' l-ammont tal-kummissjoni.

(2) Aġent tal-kummerċ għandu jkollu dritt jitlob li jiġi pprovdut bl-informazzjoni kollha (u b'mod partikolari b'estratt mill-kotba) li l-prinċipal tiegħu jkollu disponibbli u li l-aġent jista' jkollu bżonn sabiex jivverifika l-ammont tal-kummissjoni lilu dovuta.

(3) Ftehim ta' deroga mis-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu ikun null.

(4) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tneħħi jew tirrestrinġi l-effett ta', jew tipprevjeni l-konformità ma' xi liġi jew regola ta' liġi li tkun tirrikonoxxi d-dritt li jkollu aġent li jispezzjona l-kotba ta' prinċipal.

Dritt għal dikjarazzjoni ffirmata bil-miktub dwar il-pattijiet ta' kuntratt ta' aġenzija.

78. (1) L-aġent tal-kummerċ u l-prinċipal għandhom ilkoll id-dritt li jirċievu mingħand xulxin, fuq talba li jagħmlu għaldaqshekk, dokument bil-miktub u ffirmat li jkun jagħti l-pattijiet tal-kuntratt ta' aġenzija inklużi dawk il-pattijiet li jiġu miftiehma sussegwentement.

(2) Kull rinunzja bi skop tad-dritt imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tkun nulla.

Konverżjoni ta' kuntratt ta' aġenzija wara l-iskadenza ta' perjodu fiss.

78A. Kuntratt ta' aġenzija għal perjodu fiss li jibqa' jiġi mwettaq miż-żewġ partijiet wara li jkun skada dak il-perjodu għandu jitqies li jiġi konvertit f'kuntratt ta' aġenzija għal perjodu indefinit.

L-inqas perjodi ta' avviż għat-terminazzjoni ta' kuntratt ta' aġenzija.

78B. (1) Meta kuntratt ta' aġenzija jsir għal perjodu indefinit kull parti tista' ttemmu b'avviż.

(2) Il-perjodu ta' l-avviż għandu jkun -

(a) xahar għall-ewwel sena tal-kuntratt;

(b) xahrejn għat-tieni sena mibdija imma qabel ma tibda t-tielet sena;

(ċ) tliet xhur wara li tkun bdiet it-tielet sena;

u l-partijiet jistgħu ma jaqblux fuq perjodi aqsar ta’ avviż.

(3) Il-partijiet jaqblu fuq perjodi itwal minn dawk stipulati fis-subartikolu (2), sakemm il-perjodu ta’ avviż li għandu jingħata mill-prinċipal ma għandux ikun wieħed iqsar minn dak li għandu jingħata mill-aġent tal-kummerċ.

(4) Kemm-il darba ma jiġix miftiehem xort’oħra bejn il-partijiet, tmiem il-perjodu ta’ avviż għandu jkun jaħbat ma’ tmiem ix-xahar kalendarju.

(5) Id-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu għandhom ukoll japplikaw dwar kuntratt ta’ aġenzija għal perjodu fiss meta dan jiġi kkonvertit taħt l-artikolu 78A f’kuntratt ta’ aġenzija għal perjodu indefinit u għall-finijiet li jiġi kkalkulat il-perjodu ta’ avviż iż-żmien tal-kuntratt għal perjodu fiss għandu jitqies bħala parti mill kuntratt ta’ aġenzija għal perjodu indefinit.

Riservi dwar terminazzjoni immedjata.

78Ċ. Dan is-sub-titolu ma għandux jolqot l-applikazzjoni ta’ xi liġi jew regola ta’ liġi li jipprovdu għat-terminazzjoni immedjata tal-kuntratt ta’ aġenzija -

(a) minħabba fin-nuqqas ta’ xi parti waħda li twettaq l-obbligazzjonijiet kollha tagħha jew xi parti minnhom taħt dak il-kuntratt; jew

(b) meta jkun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali.

Dritt li aġent tal-kummerċ ikollu għall-indennizz jew kumpens meta jtemm kuntratt ta’ aġenzija.

78D. (1) Bla ħsara għas-subartikolu (7) u għall-artikolu 78E, l-aġent tal-kummerċ għandu jkollu dritt għal indennizz jekk u sa fejn -

(a) ikun kiseb għall-prinċipal klijenti ġodda jew ikun b’mod sinifikanti żied il-volum ta’ negozju ma’ klijenti ezistenti u l-prinċipal ikompli jikseb benefiċċji sostanzjali min-negozju ma dawk il-klijenti; u

(b) il-ħlas ta’ dan l-indennizz ikun wieħed ekwu fil qies taċ-ċirkostanzi u, b’mod partikolari, il-kummissjoni li l-aġent tal-kummerċ ikun tilef fuq in-negozju transatt ma’ dawk il-klijenti.

(2) L-ammont ta' l-indennizz ma għandux ikun jeċedi figura ekwivalenti għal indennizz għal xi sena waħda kkalkulat skond ir-rimunerazzjoni medja annwali ta' aġent tal-kummerċ fuq il-ħames snin preċedenti u jekk il-kuntratt ikun imur lura għal inqas minn ħames snin l-indennizz għandu jiġi kkalkulat fuq il-medja għall-perjodu inkwistjoni.

(3) L-għoti ta' indennizz kif imsemmi hawn qabel ma jipprevjenix aġent tal-kummerċ milli jfittex għad-danni.

(4) Bla ħsara għas-subartikolu (7) ta' dan l-artikolu u għall-artikolu 78E, l-aġent tal-kummerċ għandu jkun intitolat għal kumpens għad-danni li huwa jbati bħala riżultat tat-terminazzjoni tar-relazzjonijiet tiegħu mal-prinċipal tiegħu.

(5) Għall-fini ta' dan is-sub-titolu dawk id-danni għandhom jitqiesu li jiġru partikolarment meta t-terminazzjoni tiġri f'xi ċirkostanza waħda jew it-tnejn li huma minn dawn li ġejjin, jiġifieri ċirkostanzi li -

(a) jċaħħdu lill-aġent tal-kummerċ mill-kummissjoni li t-twettiq adatt tal-kuntratt ta' aġenzija kien kieku jipprokuralu filwaqt li jipprovdi lill-prinċipal tiegħu b'benefiċċji sostanzjali marbutin ma' l-attivitajiet tal-aġent tal-kummerċ; jew

(b) ma jkunux irrendew lill-aġent tal-kummerċ kapaċi jammortizza l-ispejjeż u l-infieq li jkun għamel fit-twettiq tal-kuntratt ta' aġenzija bil-parir tal-prinċipal tiegħu.

(6) Id-dritt għall-indennizz jew kumpens għad-danni kif provdut dwaru taħt is-subartikoli (1) sa (5) għandu wkoll joriġina meta l-kuntratt ta' aġenzija jintemm bħala riżultat tal-mewt ta' l-aġent tal-kummerċ.

(7) L-aġent tal-kummerċ jitlef kull dritt li jkollu għall-indennizz jew kumpens għad-danni fil-każijiet skond ma hemm provdut dwarhom fis-subartikoli ta' qabel jekk fi żmien sena mit-terminazzjoni tal-kuntratt ta' aġenzija li jkollu, ma jkunx avża lill-prinċipal tiegħu li jkun bi ħsiebu jfittex għad-dritt li jkollu.

Raġunijiet għall-esklużjoni ta' ħlas ta' indennizz jew ta' kumpens taħt l-artikolu 78D.

78E. L-indennizz jew il-kumpens imsemmi fl-artikolu 78D ma għandux jitħallas lill-aġent tal-kummerċ meta -

(a) il-prinċipal ikun ttemm il-kuntratt ta' aġenzija minħabba f'nuqqas attribwibbli lill-aġent tal-kummerċ li jkun jiġġustifika t-terminazzjoni immedjata tal-kuntratt ta' aġenzija konformi ma' l-artikolu 78C; jew

(b) l-aġent tal-kummerċ ikun hu nnifsu ttermina l-kuntratt ta' aġenzija, kemm-il darba dik it-terminazzjoni tkun ġustifikata -

(i) biċ-ċirkostanzi attribwibbli lill-prinċipal, jew

(ii) minħabba fl-età, inkapaċità jew mard ta' l-aġent tal-kummerċ li minħabba fihom ma jistax ikun raġonevolment meħtieġ ikompli bl-attivitajiet tiegħu; jew

(ċ) l-aġent tal-kummerċ, bi ftehim mal-prinċipal tiegħu, jassenja d-drittijiet u d-dmirijiet tiegħu taħt il-kuntratt ta' aġenzija lil xi persuna oħra.

Projbizzjoni ta' deroga mill-artikoli 78D u 78E.

78F. Il-partijiet ma jistgħux qabel ma jiskadi l-kuntratt ta' aġenzija, jidderogaw mill-artikoli 78D u 78E għad-detriment ta' l-aġent tal-kummerċ.

Klawżoli ta' restrizzjoni ta' kummerċ.

78G. (1) Klawżola ta' restrizzjoni ta' kummerċ għandha tkun valida biss jekk u sakemm din -

(a) issir bil-miktub; u

(b) tkun tirrigwarda l-area ġeografika jew l-assoċjazzjoni ta' klijenti u l-area -ġeografika li taqa' taħt l-aġent tal-kummerċ u x-xorta ta' oġġetti koperti mill-aġenzija tiegħu taħt il-kuntratt.

(2) Klawżola ta' restrizzjoni ta' kummerċ għandha tkun valida għal mhux iżjed minn sentejn wara t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' aġenzija.

(3) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tolqot lil xi liġi jew regola ta' liġi li jkunu jimponu restrizzjonijiet oħra fuq il-validità jew l-eżegwibilità ta' klawżoli ta' restrizzjoni ta' kummerċ jew li tkun tagħti setgħa lil xi qorti

li tnaqqas l-obbligazzjonijiet fuq il-partijiet li jirriżultaw minn klawżoli bħal dawk.

Żvelar ta' informazzjoni.

78H. Ebda ħaġa f'dan is-sub-titolu ma tesiġi li tingħata informazzjoni meta żvelar bħal dak ikun kuntrarju għar-regolament pubbliku.

Servizz ta' avviż eċċ.

78I. (1) Avviż, dikjarazzjoni jew xi dokument ieħor li għandu jingħata jew jiġi provdut lil xi aġent tal-kummerċ jew li għandu jingħata jew jiġi provdut lil xi prinċipal taħt dan is-sub-titolu jistgħu jiġu hekk mogħtija jew provduti:

(a) billi jiġu kkunsinnati lilu;

(b) billi jitħallew fl-indirizz proprju tiegħu hekk lilu indirizzati b'ismu;

(ċ) billi jintbagħtulu bil-posta jew fl-indirizz reġistrat tiegħu jew fl-indirizz ta' l-uffiċċju reġistrat jew prinċipali tiegħu; jew b'kull mezz ieħor skond ma jkun hemm provdut fil-kuntratt ta' aġenzija.

(2) Kull avviż, dikjarazzjoni jew dokument bħal dawk jistgħu -

(a) fil-każ ta' korp magħqud, jingħataw jew jiġu notifikati lis-segretarju jew lill-iskrivan ta' dak il-korp;

(b) fil-każ ta' soċjetà, jingħataw jew jiġu notifikati lil xi soċju jew lil xi persuna li jkollha l-kontroll jew it-tmexxija tan-negozju bi sħab.

Kuntratti li jkunu saru qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan is-sub-titolu.

78J. (1) Id-disposizzjonijiet ta' dan is-sub-titlu għandhom ukoll japplikaw għal kuntratt ta' aġenzija magħmulin qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan is-subtitolu:

Iżda ebda ħaġa fihom ma għandha tolqot xi dritt jew responsabbiltà inkorsi qabel dik id-data.".

**4.** (1) It-Taqsimiet I, II u III ta' l-Iskeda li tinsab mal-Kodiċi għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala t-Taqsimiet II, III u IV rispettivament. Emenda ta' l-Iskeda li tinsab mal-Kodiċi.

(2) Minnufih qabel it-Taqsima II ta' l-Iskeda kif enumerata mill-ġdid u li tinsab mal-liġi prinċipali għandu jiżdied dan li ġej:-

## “TAQSIMA I

**(Artikolu 70 (3))**

## ATTIVITAJIET SEKONDARJI TA’ AĠENTI TAL-KUMMERĊ

1. L-attivitajiet ta’ persuna bħala aġent tal-kummerċ huma sekondarji meta jkun jista’ raġonevolment jiftiehem li l-għan ewlieni ta’ l-arranġament mal-prinċipal ikun differenti minn dak stipulat fil-paragrafu 2 hawn aktar ’l isfel.

2. Arranġament ikun jinkwadra fl-ambitu ta’ dan il-paragrafu jekk -

(a) in-negozju tal-prinċipal ikun il-bejgħ, jew skond il-każ, ix-xiri ta’ oġġetti ta’ xi xorta partikolari; u

(b) l-oġġetti jew servizzi inkwisjoni huma tali li -

(i) t-transazzjonijiet huma normalment individwalment negozjati u magħmula fuq bażi kummerċjali, u

(ii) l-ipprokurar ta’ transazzjoni f’xi okkażjoni waħda x’aktarx li jwassal għal aktar transazzjonijiet f’dawk l-oġġetti jew servizzi ma’ dak il-klijent f’okkażjonijiet futuri, jew għal transazzjonijiet f’dawk l-oġġetti jew servizzi ma’ klijenti oħra fl-istess area ġeografia jew fost l-istess assoċjazzjoni ta’ klijenti u li skond hekk, ikun f’kull interess kummerċjali tal-prinċipal li jiġi żviluppat il-kummerċ f’dawk l-oġġetti li jaħtar rappreżentant għal dawk il-klijenti bl-għan li r-rappreżentant jiddedika kull sforz u ħila u jagħmel in-nefqa mir-risorsi tiegħu nnifsu ghal dak l-għan.

3. Dawn li ġejjin huma indikazzjonijiet li arranġament ikun jinkwadra fil-paragrafu 2 hawn qabel, u n-nuqqas ta’ xi wieħed minnhim hu indikazzjoni kuntrarja -

(a) il-prinċipal ikun il-manifattur, l-importatur jew id-distributur ta’ l-oġġetti;

(b) l-oġġetti jkunu speċifikatament identifikati mal-prinċipal fis-suq inkwistjoni aktar milli, jew fi grad aktar minn, xi persuna oħra;

(ċ) l-aġent sostanzjalment jiddedika iż-żmien kollu tiegħu għal attivitajiet rappreżentattivi (sew għal xi prinċipal wieħed jew għal għadd ta' prinċipali li ma jkollhomx interessi konfliġġenti);

(d) l-oġġetti ma jkunux normalment disponibbli fis-suq inkwistjoni ħlief permezz ta' l-aġent;

(e) l-arranġament ikun deskritt bħala wieħed ta' aġenzija kummerċjali.

4. Dawn li ġejjin huma indikazzjonijiet li arranġament ma jkunx jinkwadra f'paragrafu 2 hawn qabel -

(a) jiġi pprovdut materjal promozzjonali direttament lil klijenti potenzjali;

(b) persuni jingħataw aġenziji mingħajr ma ssir referenza għal aġenti ezistenti f'area partikolari jew għar-rigward ta' xi assoċjazzjoni partikolari;

(ċ) huma l-klijenti li normalment jagħżlu l-oġġetti għalihom infushom u sempliċement jagħmlu l-ordnijiet tagħhom permezz ta' l-aġent.

5. L-attivitajiet ta' dawn il-kategoriji ta' persuni li ġejjin jitqiesu, kemm-il darba ma jiġix stabbilit il-kuntrarju, li ma jinkwadrawx fil-paragrafu 2 hawn qabel -

• Aġenti ta' katalogu ta' ordnijiet bil-posta għal oġġetti għall-konsumatur.

• Aġenti ta' kreditu għall-konsumatur.".

## Taqsima III

**5.** (1) Din it-Taqsima għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar il-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda (Arġentiera), hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima imsejjħa "l-Ordinanza". Emenda Ordinanza dwar il-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda (Arġentiera), Cap. 46.

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi b'avviż fil-gazzetta jistabbilixxi u jistgħu jiġu stabbiliti dati differenti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Sostituzzjonji tat-Titolu twil u t-Titolu qasir ta' l-Ordinanza.

**6.** Minflok it-titolu twil ta' l-Ordinanza għandu jidħol dan li ġej: "Att biex jirregola l-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda (Arġentiera)"; u minflok it-titolu l-qasir ta' l-Ordinanza, għandhom jidħlu dawn il-kliem li ġejjin: "Att dwar il-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda (Arġentiera)".

Emenda ta' l-artikolu 1 ta' l-Ordinanza.

**7.** Minflok il-kliem "Ordinanza dwar il-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda (Arġentiera)" fl-artikolu 1 ta' l-Ordinanza, għandhom jidħlu l-kliem "Att dwar il-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda (Arġentiera)".

Sostituzzjoni ta' l-artikoli 2 sa 20 ta' l-Ordinanza.

**8.** Minflok l-artikoli 2 sa 20 ta' l-Ordinanza, għandhom jidħlu dawn l-artikoli 2 sa 18 ġodda li ġejjin:

"Tifsir.

2. F'dan l-Att, u fir-regolamenti kollha li jsiru taħtu –

"awtorizzat", kemm-il darba ma jkunx xort'oħra awtorizzat, tfisser mogħtija b'setgħa tal-Ministru jew persuna ekwivalenti għalih fi Stat Membru jew permezz ta' xi Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea jew minn xi persuna li tkun maħtura minn dawk hawn qabel imsemmija skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

"boll ta' garanzija ta' manifattur" tfisser boll li manifattur ikun awtorizzat li jagħmel fuq oġġett ta' metall prezzjuż li jkun magħmul mill-marka ta' manifattur kif ukoll marka *standard*;

"boll ta' garanzija ta' patrun " tfisser boll li patrun ikun awtorizzat japplika fuq oġġett ta' metall prezzjuż li jkun jinkludi l-marka tal-patrun u l-marka *standard*;

"boll ta' garanzija ta' l-uffiċċju" tfisser boll fuq oġġett ta' metall prezzjuż applikat minn korp awtorizzat li jagħti l-boll ta' garanzija li jkun mill-inqas fih marka *standard*;

"Konslu" tfisser il-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda (Arġentiera) u tinkludi lil kull uffiċjal pubbliku li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jawtorizza sabiex iwettaq id-dmirijiet ta' Konslu;

“korp awtorizzat li jagħti l-boll ta’ garanzija” tfisser persuna li tkun indipendenti mill-manifattur jew patrun ta’ oġġett ta’ metall prezzjuż, li jkun awtorizzat jimbolla marka ta’ l-uffiċċju fuq dak l-oġġett;

“kummerċjant” tfisser persuna li tinnegozja f’oġġetti ta’ metall prezzjuż jew ħaġar prezzjuż;

“Malta” għandha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

“manifattur” tfisser persuna li jagħmel oġġetti ta’ metall prezzjuż;

“marka ta’ finezza” hija marka li ssir b’numri għarbin fuq oġġett ta’ metall prezzjuż li tkun turi l-i*standard* ta’ finezza ta’ l-oġġett prezzjuż u li tindika t-tip ta’ metall prezzjuż użat fit-taħlita ta’ dan l-oġġett;

“marka ta’ manifattur” tfisser il-marka ta’ identifikazzjoni fuq oġġett ta’ metall prezzjuż li manifattur ikun awtorizzat jimbolla fuq l-oġġett ta’ metall prezzjuż li huwa jkun jimmanifattura;

“marka tal-patrun” tfisser il-marka ta’ identifikazzjoni li patrun ikun awtorizzat jimbolla fuq oġġett ta’ metall prezzjuż;

“marka *standard*” tfisser marka mbullata fuq it-taħlita ta’ metall prezzjuż ta’ oġġett ta’ metall prezzjuż li tkun tirrappreżenta l-i*standard* tat-taħlita u t-tip ta’ metall prezzjuż fiha;

“metall prezzjuż” tfisser deheb, platinu, palladju u fidda kemm fl-istat pur tagħhom kemm fit-taħlit tagħhom;

“Ministru” tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi;

“mqiegħed fis-suq” tfisser l-ewwel darba li oġġett ta’ metall prezzjuż ikun b’xi mod disponibbli fis-suq għal distribuzzjoni fit-territorju ta’ Malta jew dak it-territorju ieħor li jista’ jiġi ordnat;

“oġġett ta’ metall prezzjuż” tfisser kull oġġett ta’ ġojjellerija, kompletament manifatturat, magħmul minn ħaddiem id-deheb jew ħaddiem il-fidda, jew minn

arluġġar, u kull oġġett ieħor komplut magħmul għal kollox jew f'parti minnu minn metall prezzjuż;

"ordnat" tfisser kif ordnat b'regolamenti taħt l-Att;

"patrun" tfisser persuna li tidħol għall-istess responsabbiltajiet daqs manifattur;

"*standard*" tfisser il-kontenut frazzjonali skond il-piż ta' metall prezzjuż pur f'taħlita ta' metall prezzjuż;

"*standard* ta' finezza" ikun dak in-numru li jirrappreżenta għadd ta' partijiet bil-piż ta' metall prezzjuż pur f'elf parti bil-piż ta' taħlita ta' metall prezzjuż (*millesims*);

"Stat Membru" tfisser stat li jkun membru ta' l-Unjoni Ewropea;

"taħlita ta' metall prezzjuż" hija soluzzjoni solida ta' metall prezzjuż u xi metall wieħed jew aktar;

"it-Trattat" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea;

"Unjoni Ewropea" tfisser l-Unjoni Ewropea msemmija fit-Trattat.

*Standards* nominali.

3. L-i*standards* nominali għal oġġetti ta' metall prezzjuż għandhom ikunu dawk li jistgħu jiġu ordnati.

Imbollar ta' oġġetti ta' metall prezzjuż.

4. Ma għandu jiġi mqiegħed fis-suq ebda oġġett ta' metall prezzjuż jekk -

(i) salv skond ma jista' jiġi ordnat, dak l-oġġett ma jkunx imbollat b'marka *standard* li tkun superjuri għall-i*standard* attwali tal-metall prezzjuż;

(ii) dak l-oġġett ikollu żewġ marki *standard* jew iktar ħlief fil-każijiet fejn dan ikun fih komponenti magħmulin minn diversi metalli prezzjużi;

(iii) dak l-oġġett ma jkunx fih jew (a) boll ta' garanzija ta' l-uffiċċju jew (b) boll ta' garanzija ta' manifattur jew ta' patrun;

(iv) il-marki msemmija fis-subartikolu (iii) ta' dan l-artikolu ma jkunx fihoma dawk il-karrateristiċi l-oħra ulterjuri skond ma jistgħu jkunu ordnati;

(v) f'każ li l-oġġett ikun magħmul minn diversi metalli prezzjużi dan ma jkunx immarkat skond is-subartikoli (iii) u (iv) ta' dan l-artikolu għall-partijiet diversi ta' metall prezzjuż.

Eżenzjonijiet.

5. Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Att ma għandhomx ikunu japplikaw għal -

(a) xi oġġett ta' metall prezzjuż li ma jkunx jiflaħ għall-pressjoni tal-boll mingħajr ma jinkiser jew jitlef is-solidità jew li fuqu ikun teknikament diffiċli li jiġu imbollati l-marki meħtieġa;

(b) kull oġġett ta' metall prezzjuż li jkollu valur ta' anitikità;

(c) oġġetti ta' metall prezzjuż għal użu xjentifiku, tekniku, mużikali jew mediku;

(d) muniti magħmulin minn metall prezzjuż u muniti f'kollezzjonijiet u midalji maħruġin minn jew bl-awtorità ta' xi Stat;

(e) ingotti jew granuli ta' metall prezzjuż biex jintużaw fil-banek;

(f) oġġetti żgħar li jiżnu inqas minn gramma waħda fil-każ ta' deheb u platinu u tliet grammi fil-każ ta' fidda u palladju jew kull piż ieħor skond ma jista' jiġi ordnat;

(ġ) oġġetti ta' metall prezzjuż semi-manifatturati;

(ħ) oġġetti li mhumiex magħmulin minn metall prezzjuż iżda jkunu indurati b'metall prezzjuż jew ikunu xort'oħra laminati jew miksijin b'folja rqieqa ta' metall prezzjuż.

*Standards* tas-saldatura.

6. L-i*standards* tas-saldatura li għandhom jintużaw sabiex jitgħaqqdu l-partijiet komponenti ta' oġġetti ta' metall prezzjuż għandhom ikunu tali skond ma jista' jiġi ordnat.

Ittikettjar ta' oġġetti tal-metall prezzjuż.

7. Ma għandu jiġi mqiegħed fis-suq ebda oġġett ta' metall prezzjuż kemm-il darba: -

(i) dan ma jkollux tikketta li tkun tindika t-tip ta' metall prezzjuż użat fil-manifattura tiegħu u l-i*standard* ta' finezza tiegħu;

(ii) meta oġġett ikun fih xi parti li ma tkunx magħmula minn metall prezzjuż u li ma tkunx tingħaraf b'mod ċar, dak l-oġġett ma jkollux tikketta jew ma jkollux mehmuż miegħu dokument li jkun jidentifika b'mod ċar liema tkun dik il-parti;

(iii) dak l-oġġett li jaqa' taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att ma jkollux mehmuż miegħu dokument jew ċertifikat skond ma jista' jkun ordnat.

Responsabbiltà tal-manifatturi.

8. (1) Il-manifatturi ma jistgħux jużaw il-marki jew bolli ta' garanzija ta' xi manifattur jew patrun ieħor u jistgħu biss jimbollaw il-marka jew boll ta' garanzija ta' manifattur fuq oġġetti ta' metall prezzjuż li huma stess jimmanifatturaw.

(2) Il-manifattur ikun responsabbli għall-eżattezza tal-marka *standard* fil-boll ta' garanzija tal-manifattur.

Responsabbiltà tal-patrun.

9. (1) Il-patruni ma jistgħux jużaw il-marki jew il-bolli ta' garanzija ta' patruni jew manifatturi oħra u jistgħu biss jimbollaw il-marka tal-patrun jew boll ta' garanzija tagħhom fuq oġġetti ta' metall prezzjuż li huma jkunu patruni tagħhom.

(2) Il-patrun ikun responsabbli għall-eżattezza tal-marka *standard* fil-boll ta' garanzija ta' patrun.

Il-marka ta' l-Uffiċċju tal-Konslu.

10. (1) Il-Konslu għandu jkun korp indipendenti awtorizzat li jagħti l-boll ta' garanzija.

(2) Il-Konslu jista' jimbolla l-boll ta' garanzija ta' l-uffiċċju skond ir-regolamenti li jsiru, minn żmien għal żmien, mill-Ministru.

(3) Il-boll ta' garanzija ta' l-uffiċċju li jiġi imbollat mill-Konslu għandu jkun dak li jiġi ordnat.

(4) Jista' jintalab ħlas għall-imbollar ta' boll ta' garanzija ta' l-uffiċċju skond ma jiġi ordnat.

Dikjarazzjoni ta' omoġeneità.

11. (1) Kull min b'mod mhux korrett jiddikjara li xi oġġett prezzjuż jew parti minnu ippreżentat lill-Konslu għall-imbollar bil-boll ta' garanzija ta' l-uffiċċju tal-Konslu jew għaċ-ċertifikazzjoni huwa wieħed ta' sustanza omoġenea jew li ma jkunx jaħbi xi sustanzi estranji, jista' jeħel il-pieni li hemm fil-Kodiċi Kriminali dwar il-kontravvenzjonijiet.

(2) Kull min b'mod frawdolenti jiddikjara li oġġett ta' metall prezzjuż jew parti minnu ippreżentat lill-Konslu għall-imbollar bil-boll ta' garanzija ta' l-uffiċċju tal-Konslu jew għaċ-ċertifikazzjoni ikun ta' sustanza omoġenea jew ma jkunx jaħbi sustanzi estranji, jista', meta jinsab ħati, jeħel priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tmintax-il xahar.

(3) Jekk permezz ta' xi dikjarazzjoni frawdolenti bħal dik persuna tipprokura l-imbollar jew ċertifikazzjoni ta' oġġett ta' metall prezzjuż li jkun jaħbi xi sustanzi estranji, jew inkella ma jkunx ta' sustanza omoġenea, jew jekk xi persuna tibdel xi parti waħda jew aktar minn oġġett ta' metall prezzjuż imbollat, jew taħbi fih xi sustanzi estranji, dik il-persuna tista', meta tinsab ħatja, teħel priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn.

(4) Ma għandhom jittieħdu ebda proċedimenti kontra xi persuna li tkun għamlet dikjarazzjoni mhux korretta jew frawdolenti li oġġett ta' metall prezzjuż jew parti minnu ippreżentat lill-Konslu għall-imbollar bil-boll ta' garanzija ta' l-uffiċċju tal-Konslu jew għaċ-ċertifikazzjoni ikun ta' sustanza omoġenea, qabel ma jiskadu tmint ijiem minn meta jingħatalha avviż li jkun jgħid dan mill-Konslu; u f'dak iż-żmien dik il-persuna tista' titlob li l-oġġett ta' metall prezzjuż jew parti minnu hekk ippreżentat jiġi mdewweb u li l-Konslu jagħmel eżami mill-ġdid tas-sustanza li toħroġ minn dak it-tidwib.

Awtorizzazzjoni tal-marki tal-manifatturi u tal-patruni.

12. (1) Il-Konslu għandu jawtorizza l-marki u l-bolli ta' garanzija ta' manifatturi u patruni skond regolamenti li għandhom, minn żmien għal żmien, isiru mill-Ministru.

(2) L-awtorizzazzjoni ta' marka tal-patrun jew boll ta' garanzija għandhom jingħataw mingħajr preġudizzju għall-obbligazzjoni tal-patrun li jwettaq kull ħtieġa sabiex jikkonforma ruħu mal-liġijiet tal-privattiva sew lokali sew internazzjonali.

(3) Dik l-awtorizzazzjoni tista' tkun soġġetta għall-ħlas ta' dritt skond ma jkun ordnat.

Spezzjonijiet mill-Konslu.

13. (1) Il-Konslu għandu f'kull żmien, jispezzjona kull fond jew lokalità fejn tkun qed issir il-manifattura ta' oġġetti ta' metall prezzjuż jew fejn dawk l-oġġetti jkunu qegħdin jiġu imbollati sabiex jiġi aċċertat li d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ta' xi regolamenti li jsiru taħtu jkunu qegħdin jiġu mħarsa u biex jiġbor kwalunkwe kampjuni jew oġġetti għal dak il-għan.

(2) Il-proċedura li għandha tiġi segwita fil-ġbir ta' kampjuni jew oġġetti skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha tkun skond ma jiġi ordnat.

(3) Kull oġġett jew kampjun li jinġabar skond is-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu ma jkun soġġett għal ebda kumpens.

(4) Kull oġġett jew kampjun miġbur skond is-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu u li jkunu jirriżultaw lill-Konslu li ma jkunux skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, għandhom jingħataw lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Valutazzjonijiet.

14. (1) Il-Ministru għandu b'avviż jippubblika fil-Gazzetta l-prezzijiet uffiċjali ta' metalli prezzjużi bbażata fuq il-prezzijiet li jkunu fis-seħħ fis-swieq internazzjonali skond ma jiġi ordnat.

(2) Il-Konslu jkun l-istimatur uffiċjali għal oġġetti prezzjużi tal-metall u għandu jibbaża l-istima tiegħu fuq il-prezz uffiċjali tal-metalli prezzjużi, liema stima għandha tkun soġġetta għal ħlas skond ma jiġi ordnat.

*Records* kummerċjali.

15. (1) Manifattur, patrun, kummerċjant jew kummerċjant ieħor ma jkunx jista' skond il-liġi jixtri xi oġġetti ta' metall prezzjuż jew ħaġar prezzjuż, mingħand xi persuna li ma jkunux jafuha qabel ma l-ewwel juru dawk l-oġġetti jew ħaġar prezzjuż lill-Konslu.

(2) Il-Konslu li lilu jiġu ppreżentati dawk l-oġġetti jew ħaġar prezzjuż għandu jirreġistrahom għal dak l-għan, fejn jispeċifika l-piż, il-kwalità u l-valur tagħhom, il-ġurnata meta dawn ikunu ġew ippreżentati lilu, u l-partikolaritajiet tal-persuna li jkunu ġew hekk ippreżentati minnha.

(3) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw meta x-xiri isir f'bejgħ b'irkant bil-qorti jew f'bejgħ ta' oġġetti mirhunin fil-Monti.

Prospetti dwar kwantitajiet miżmuma.

16. (1) Il-Konslu jista', f'kull żmien b'avviż bil-miktub, jeħtieġ lil xi persuna li tinnegozja f'oġġetti tal-metall prezzjuż jew ħaġar prezzjuż tagħmel prospett fejn tagħti dawk id-dettalji murija fl-avviż dwar kwantitajiet ta' oġġetti jew ħaġar prezzjuż bħal dawk li tali persuna jkollha għandha f'xi data speċifikata fl-avviż qabel ma tiftaħ għan-negozju, li tkun jew id-data ta' meta jasal l-avviż jew data li tiġi wara.

(2) L-avviż imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu jagħti ż-żmien, li f'ebda każ ma għandu jkun inqas minn sitt ijiem minn meta jasal dak l-avviż, sa meta jkollu jintbagħat dak il-prospett lill-imsemmi Konslu.

Pieni għal reati.

17. Salvi d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 11 ta' l-Att u l-artikoli 19 u 543 tal-Kodiċi Kriminali, Qorti tal-Maġistrati, li tkun qegħda toqgħod bħala qorti ta' ġudikatura kriminali, tista' tapplika għal kull reat kontra dan l-Att, jew kontra regolamenti magħmulin taħtu, xi waħda mill-pieni stabbiliti f'dak il-Kodiċi għall-kontravenzjonijiet jew xi żewġ pieni jew aktar flimkien skond iċ-ċirkostanzi.

Setgħa ta' għemil ta' regolamenti.

18. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti b'mod ġenerali għat-twettiq aħjar tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u jista' b'mod partikolari permezz ta' dawk ir-regolamenti jagħmel regoli li jkunu jirregolaw l-għarfien ta' awtorizzazzjonijiet ta' korpi awtorizzati li jagħmlu bolli ta' garanzija u fejn jordna dak kollu li jkun jew li jista' jkun ordnat skond dan l-Att.".

Disposizzjonijiet transitorji.

**9.** Oġġett regolat billi jkun ġie imbollat b'marka jew b'marki skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza kif kienu fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima għandhom jitqiesu bħala li jkunu ġew imbollati kif imiss b'mod konformi ma' l-Ordinanza kif emendata b'din it-Taqsima.

## Taqsima IV

Emenda ta' l-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi, Kap 117.

**10.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha tidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-kummerċ jista' b'avviż jistabbilixxi fil-Gazzetta.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

**11.** L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar u s-subartikolu (1) preżenti għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala d-disposizzjoni kollha;

(b) fis-subartikolu (1) kif enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu sħiħ:-

(i) it-tifsiriet "oġġetti essenzjali", "rekwiżizzjoni" u "bejgħ" għandhom jitħassru;

(ii) minnufih qabel it-tifsira "intrapriża" għandha tidħol din it-tifsira li ġejja:

Kap. 379.

" "Direttur" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar il-Kompetizzjoni;";

(iii) minflok it-tifsira "intrapriża" għandhom jidħlu dawn it-tifsiriet li ġejjin:

" "intrapriża" tfisser kull intrapriża kummerċjali, intrapriża ta' kummerċ jew negozju, kemm ta' xorta privata jew pubblika, li tkun involuta fil-manifattura, bejgħ jew distribuzzjoni ta' oġġetti jew servizzi fil-kuntest tat-tifsir mogħti f'dan l-Att;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-kummerċ;

Kap. 378.

"oġġetti", "servizzi" u "kummerċjanti" għandhom l-istess tifsir mogħti lilhom bl-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur;

(iv) minflok it-tifsira " "stabbilit" jew "speċifikat" " għandhom jidħlu dawn it-tifsiriet li ġejjin:

"prezz" tfisser il-prezz finali ta' xiri bi ħlas fil-pront inklużi l-ispejjeż kollha;

"stabbilit" tfisser ordnat b'regolamenti taħt dan l-Att.".

**12.** Minflok l-artikoli 3 sa 11 (inklużi) ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu dawn l-artikoli 3 sa 8 li ġejjin:

Sostituzzjoni ta' l-artikoli 3 sa 11 ta' l-Att prinċipali.

"Drittijiet tal-konsumaturi.

3. (1) Il-konsumaturi għandhom id-dritt ikunu f'pożizzjoni li jixtru kwantitajiet adegwati u raġonevoli ta' l-oġġetti jew is-servizzi kollha li jkun hemm disponibbli fis-suq sabiex jissodisfaw il-ħtiġiet normali tagħhom.

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma għandhomx ikunu direttament enforzabbli f'xi qorti jew tribunal, iżda għandhom jiġu segwiti fit-tifsir mogħti lil dan l-Att u fl-implimentazzjoni tiegħu u ta' kull regolamenti magħmulin taħtu.

Ordnijiet temporanji dwar prezzijiet.

4. (1) Meta l-Ministru jkun sodisfatt li minħabba f'fatturi estranji jkun hemm sitwazzjoni anormali jew eċċezzjonali f'xi settur partikolari ta' attività ekonomika b'impatt soċjali rilevanti, jew ikun sodisfatt li l-kompetizzjoni ma tistax tiffunzjona jew ma tkunx qed tiffunzjona b'mod raġonevolment effettiv f'dak is-settur, huwa jista' wara li jikkonsulta lid-Direttur b'regolamenti joħroġ ordni temporanju dwar xi prezz skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu biex jikkontrolla l-prezz ta' xi oġġett jew servizz li jkun jaqa' taħt dak is-settur.

(2) Ordni li jsir skond is-subartikolu (1) jista' jispeċ ifika li xi oġġetti jew servizzi partikolari, jew xi klassi jew kategorija partikolari minnhom, tkun soġġetta għal prezz massimu, jew senjalazzjoni ta' prezz massimu jew perċentwali ta' profitt massimu skond ma jista' jiġi speċifikat f'dak l-ordni.

(3) Kull ordni bħal dak għandu jinħareġ għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u għandu jispeċifika d-data meta jibda jseħħ. Ordni jista' jittawwal għal perjodu jew perjodi addizzjonali ta' mhux iżjed minn sitt xhur kull wieħed.

(4) Ma jistax ordni jkollu effett retrospettiv.

(5) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu huma mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kompetizzjoni.

(6) Il-ksur ta' ordni maħruġ taħt dan l-artikolu jikkostitwixxi reat taħt dan l-Att.

(7) Ordni temporanju dwar xi prezz u kull estensjoni għalih għandhom jiġu pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern.

Setgħa li jsiru regolamenti.

5. (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti għall-aħjar implimentazzjoni ta' dan l-Att u jista' b'dawk ir-regolamenti jordna kull ħaġa li tkun jew li tista' tiġi ordnata.

(2) Regolamenti li jsiru taħt is-subartikolu minnufih preċedenti jistgħu jimponu obbligazzjonijiet fuq kummerċjanti u jistgħu jistabbilixxu kontrolli u ħtiġiet oħra għar-rigward:

(a) tal-prezzijiet li bihom xi oġġetti jew servizzi li l-Ministru jqis li jkunu essenzjali għall-ħajja jew il-benesseri tal-komunità jkunu jistgħu jiġu provvisti jew mibjugħa, u r-regolament tal-provvista, produzzjoni, ħżin, distribuzzjoni, xiri u bejgħ ta' dawk l-oġġetti jew servizzi, skond ma jista' jkun meħtieġ sabiex tiġi żgurata d-disponibilità ta' provvisti ta' dawk l-oġġetti fis-suq;

(b) tal-fatturi u provi oħra tal-kalkolu ta' prezzijiet ta' dawk l-oġġetti u servizzi offruti lill-konsumaturi u xerrejja oħra.

(3) B'mod konformi ma' u għall-finijiet tas-subartikoli minnufih preċedenti, il-Ministru għandu, minn żmien għal żmien, b'avviż fil-Gazzetta, jsemmi l-kategoriji ta' oġġetti u servizzi li jqis li jkunu essenzjali għall-ħajja jew il-benesseri tal-komunità.

(4) Il-Ministru wkoll jagħmel regolamenti li jkunu jeħtieġu lill-kummerċjanti b'mod ġenerali jew xi klassi jew kategorija tagħhom, li jżommu dawk il-kotba, kontijiet u dokumenti oħra u li jibgħatu dawk il-prospetti skond ma jistgħu jiġu ordnati jagħmlu.

(5) Regolamenti magħmulin taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet preċedenti ta' dan l-artikolu jistgħu jassenjaw

dawk il-funzjonijiet u responsabbiltajiet lid-Direttur skond ma l-Ministru jista' jqis li jkunu adatti għall-implimentazzjoni aħjar tad-disposizzjonijiet u l-għanijiet ta' dan l-Att u regolamenti magħmulin taħtu.

Rekwiżizzjonar ta' oġġetti u intrapriżi.

6. (1) Il-Ministru jista' b'ordni bil-miktub jipprovdi dwar ir-rekwiżizzjonar u t-teħid ta' pussess u kontroll ta' oġġetti li dwarhom ikun hemm fis-seħħ ordni ta' prezz skond l-artikolu 4 ta' dan l-Att, b'dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu ordnati. Meta jiġu rekwiżizzjonati xi oġġetti kif hawn qabel imsemmi, uffiċjal li jkun awtorizzat għal dan l-għan mill-Ministru jista' juża jew jagħmel minn dawk l-oġġetti għal dawk il-finijiet u b'dak il-mod skond ma dak l-uffiċjal jista' jqis li jkun meħtieġ jew spedjenti u jista' jżomm, jaħżen jew bl-awtorizzazzjoni speċifikat bil-miktub tal-Ministru ibiegħ jew xort'oħra jiddisponi mill-oġġetti bħallikieku kien is-sid tagħhom.

(2) F'ċirkostanzi ta' xorta eċċezzjonali meta huwa jqis li jkun meħtieġ għall-protezzjoni tal-konsumaturi u fl-interess pubbliku ġenerali li hekk jagħmel, il-Ministru jista' jawtorizza bil-miktub lid-Direttur li jieħu f'idejh il-ġestjoni u l-maniġġar ta' xi intrapriża kollha kemm hi jew ta' xi parti minnha li tkun tipproduċi jew tipprovdi oġġetti jew servizzi li għar-rigward tagħhom ikun hemm ordni ta' prezzijiet fis-seħħ skond ma hemm fl-artikolu 4 ta' dan l-Att.

(3) Meta u għall-fini li jiġu eżerċitati l-funzjonijet u s-setgħat assenjati lilu b'dan l-Att, il-Ministru jista' jitlob l-għajnuna tal-Pulizija għall-fini li jidħol u jfittex ġewwa xi bini u sabiex jikseb aċċess fi u jieħu kontroll fuq bini u oġġetti.

(4) Fl-eżerċizzju ta' xi waħda mill-funzjonijiet lilu assenjati jew delegati taħt dan l-Att, id-Direttur jista' jeżerċita kull jew xi poter minn dawk lilu assenjati taħt l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Kompetizzjoni.

Reati.

7. (1) Kull min jikser jew jonqos milli jħares xi disposizzjoni ta' dan l-Att, (inklużi dawk tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu) jew ta' xi regolament magħmul taħthom, ikun ħati ta' reat kontra dan l-Att.

(2) Proċedimenti dwar xi reat kontra dan l-Att jew regolamenti magħmulin tahthom jistgħu jinbdew fi żmien sena minn meta jsir ir-reat.

(3) Min ikun ħati ta' reat kontra dan l-Att jista' meta jinsab ħati jeħel:

priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew multa ta' mhux iżjed minn Lm2,000 jew dik il-multa u priġunerija flimkien; jew

flimkien ma' jew mingħajr multa addizzjonali ta' mhux iżjed minn ħames darbiet il-profitt magħmul kawża tar-reat;

Il-qorti tista' iktar minn hekk tordna:

is-sospensjoni jew it-tħassir ta' xi liċenza jew awtorizzazzjoni oħra maħruġa mid-Direttur jew xi liċenza maħruġa skond l-Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ f'isem il-persuna li tkun hekk instabet ħatja u tista' iktar minn hekk tordna l-pubblikazzjoni ta' kull sentenza, jew dikjarazzjoni tagħha, li tkun tat relattivament għall-ħati.

(4) Id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-*Probation* ma għandhomx ikunu japplikaw għal reat kontra dan l-Att.

(5) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali għandhom japplikaw għar-rigward ta' oġġetti li r-reat ikun sar dwarhom.

Responsabbiltà ta' kummerċjanti.

8. (1) Kull kummerċjant għandu jara li jiżgura konformità sħiħa mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' regolamenti magħmulin taħtu, u għandu jeżerċita diliġenza kif imiss biex jiżgura li d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ma jkunux miksura minn xi persuna taħt l-awtorità, kontroll jew responsabbiltà tiegħu.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu minnufih preċedenti, meta reat kontra dawn ir-regolamenti isir minn, jew xi att jew ommissjoni li tammonta għal reat tista' tiġi attribwita lil individwu li jkun qed jaġixxi f'isem, jew fl-interess ta' kumpannija jew xi forma oħra ta' sħubija jew assoċjazzjoni jew xi korp jew grupp iehor ta' persuni jew meta tittieħed azzjoni kontra individwu bis-saħħa tar-responsabbiltà li jkollu bħala direttur, *manager*, segretarju jew xi uffiċjal simili iehor ta' dak il-korp, assoċjazzjoni jew grupp u jirriżulta li jkun ġara xi att jew ommissjoni li jammontaw għal reat kontra r-regolamenti, id-

disposizzjonijiet ta' l-artikolu 8 dwar is-sospensjoni jew it-tħassir ta' xi liċenza miżmuma mill-ħati jew minn persuna oħra kif qabel imsemmija għandhom ukoll japplikaw għal kull liċenza miżmuma minn jew f'isem, jew għal jew fl-interess tal-kumpannija, sħubija, assoċjazzjoni jew korp ieħor jew grupp ta' persuni li tagħhom il-ħati jew persuna oħra kif hawn qabel imsemmija jkunu direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal ieħor jew li f'ismu jew fl-interess tiegħu jew għalih dik il-persuna kienet qed taġixxi, u dik il-liċenza għandha bl-istess mod tkun sospiża jew imħassra skond dan.".

Disposizzjoni transitorja.

**13.** (1) Regolamenti magħmulin taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Att prinċipali kif kien fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima għandhom jitqiesu li saru taħt id-disposizzjonijiet korrispondenti ta' l-Att prinċipali kif emendat b'din it-Taqsima u jistgħu jiġu emendati, revokati jew sostitwiti skond dan.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artkolu, kull ordni ta' prezzijiet magħmul taħt l-Att prinċipali qabel id-dħul fis-seħħ ta' din it-Taqsima huwa b'dan imħassar.

## Taqsima V

Emenda ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, Kap. 123.

**14.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara ħaġa waħda ma' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima dwar dan l-Att għandhom jibdew iseħħu f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi.

Emenda ta' artikolu 9B ta' l-Att prinċipali.

**15.** L-artikolu 9B ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu:

(i) minnufih qabel it-tifsira "assi kwalifikattivi" għandhom jidħlu dawn it-tifsiriet li ġejjin:

" "assi eliġibbli barranin" tfisser dawk l-assi barranin li jistgħu jiġu preskritti taħt l-Att dwar Transazzjonijiet Esterni;

"assi eliġibbli lokali" tfisser dawk l-assi barranin li jistgħu jiġu preskritti taħt l-Att dwar Transazzjonijiet Esterni;"; u

(ii) fit-tifsira "assi kwalifikattivi" minflok il-kliem "taħt l-artikolu 39 ta' l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju", għandhom jidħlu l-kliem "taħt l-Att dwar Transazzjonijiet Esterni".

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu minflok il-kliem "assi kwalifikattiv" kull fejn dawn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "assi kwalifikattiv li ma jkunx assi eliġibbli lokali";

(ii) minflok il-paragrafu (b) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(b) *income*, inkluż qligħ kapitali, sal-limitu li assi kwalifikattiv ikun jirrappreżenta dak l-*income* jew parti mhux dikjarata ta' dak l-*income* jew akkumulazzjoni tiegħu:

(i) għar-rigward ta' assi eliġibbli barrani, li jkun *income* miksub minn xi persuna matul is-sena minnufih preċedenti xi sena ta' stima li dwarha dik il-persuna tkun ipprovdiet prospett ta' l-*income* tagħha lill-Kummissarju qabel l-1 ta' Settembru, 2001, jew matul is-sena li minnufih tippreċedi xi sena ta' stima li tibda fi jew qabel l-1 ta' Jannar, 2001, li dwarha dik il-persuna ma kienetx meħtieġa tibgħat prospett dwar l-*income* tagħha;

(ii) għar-rigward ta' assi eliġibbli lokali, li jkun *income* miksub minn persuna matul is-sena minnufih preċedenti s-sena ta' stima 2002 jew xi sena ta' stima preċedenti li dwarha dik il-persuna tkun bagħtet prospett dwar l-*income* tagħha lill-Kummissarju qabel il-31 ta' Marzu, 2003, jew matul is-sena minnufih preċedenti xi sena ta' stima li tibda fi jew qabel l-1 ta' Jannar, 2002 li dwarha dik il-persuna ma kienetx meħtieġa tibgħat prospett dwar l-*income* tagħha;"; u

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "qabel l-1 ta' Settembru, 2001" għandhom jidħlu l-kliem "qabel l-1 ta' Settembru, 2001 għar-rigward ta' assi eliġibbli barrani u l-31 ta' Marzu, 2003 għar-rigward ta' assi eliġibbli lokali", u minflok il-kliem "qabel id-data msemmija" għandhom jidħlu l-kliem "qabel l-1 ta' Settembru, 2001 (għar-rigward ta' assi eliġibbli barrani) u l-31 ta' Marzu, 2003 (għar-rigward ta' assi eliġibbli lokali)".

**16.** Ebda ħaġa fl-artikolu 15 ta' dan l-Att ma għandha titqies bħala li tippreġudika xi eżenzjoni mogħtija taħt l-artikolu 9B ta' l-Att prinċipali kif kien fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-imsemmi artikolu 15.

Riserva.

## Taqsima VI

**17.** Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Liberazzjoni u t-Trasport ta' Merkanzija, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-Att dwar il-Liberazzjoni u t-Trasport ta' Merkanzija, Kap. 203.

**18.** L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

(a) fit-tifsira "burdnar":

(i) minflok il-kliem minn " "burdnar" "sa tmiem il-paragrafu (a) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

" "burdnar" tfisser kull min ikun id-detentur ta' permess maħruġ mid-Dwana u li xogħlu jkun:

(a) li jagħmel id-dikjarazzjonijiet tad-Dwana u li jgħaddi mid-Dipartiment tad-Dwana dokumenti li għandhom x'jaqsmu mal-merkanzija; u"; u

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu minflok il-kliem "ta' konsenja;" għandhom jidħlu l-kliem " ta' konsenja; u";

(b) it-tifsira "detentur ta' liċenza" għandha titħassar; u

(ċ) minnufih qabel it-tifsira "Kontrullur", għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "detentur ta' permess mid-Dwana" tfisser persuna awtorizzata kif imiss taħt dan l-Att biex tagħmilha ta' burdnar;".

**19.** Fl-Att prinċipali, minflok il-kliem "liċenza", "ikollu liċenza" u "detentur ta' liċenza" kull fejn dawn jinsabu inkluża kull nota marġinali ma' xi artikolu, għgandhom rispettivament jidħlu l-kliem "permess tad-Dwana", "awtorizzat" u "detentur ta' permess mid-Dwana".

Emenda ġenerali ta' l-Att prinċipali.

**20.** Minnufih wara subartikolu (3) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied dan is-subartikolu li ġej:-

Emenda ta' artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

"(4) Id-detentur ta' permess mid-Dwana għandu f'kull waqt ikollu fil-pussess tiegħu permess ta' operatur maħruġ mill-Awtorità ta' Malta dwar it-Trasport.".

Thassir ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali u enumerazzjoni mill-ġdid sussegwenti tad-disposizzjonijiet l-ohra.

**21.** L-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali għandha titħassar u l-artikoli 10 u 11 ta' l-Att prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 9 u 10 tiegħu.

Emenda ta' l-artikolu 9 (qabel 10) ta' l-Att prinċipali.

**22.** Fl-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "jippreżenta personalment dokumenti tad-Dwana" għandhom jidħlu l-kliem "jagħmel id-dikjarazzjonijiet tad-Dwana".

Emenda ta' l-artikolu 10 (qabel 11) ta' l-Att prinċipali.

**23.** Is-subartikolu 10 (1) ta' l-Att prinċipali kif enumerat mill-ġdid, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok in-numri "3, 7, 9 jew 10" għandhom jidħlu n-numri "3, 7 jew 9"; u

(b) minflok il-kliem "mitejn lira" għandhom jidħlu l-kliem "elf lira".

Żjieda ta' l-artikolu 11 ġdid ma' l-Att prinċipali.

**24.** Minnufih wara l-artikolu 10, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu 11 ġdid li ġej:

"Relazzjoni ma' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, Kap. 337.

11. Xejn f'dan l-Att ma għandu jidderoga minn ebda disposizzjoni ta' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni.".

## Taqsima VII

Emenda ta' l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili, Kap. 232.

**25.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili u għandha tinqara u tiftiehem bħala ħaġa waħda ma' l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima imsejjħa "l-Att prinċipali".

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-avjazzjoni ċivili jista' b'avviż fil-gazzetta jistabbilixxi u jistgħu jiġu stabbiliti dati differenti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

**26.** L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:- Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

(a) id-disposizzjoni preżenti għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala l-artikolu (1) tiegħu;

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid:

(i) minnufih qabel it-tifsira "Gazzetta" għandhom jidħlu dawn it-tifsiriet li ġejjin:

" "ċertifikat ta' operatur ta' l-ajru" tfisser ċertifikat
Kap. 218. mogħti taħt l-artikolu 4 ta' l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili (Ċertifikati ta' Operaturi ta' l-Ajru);

"Direttur" tfisser id-Direttur ta' l-Avjazzjoni Ċivili;";

(ii) minnufih wara t-tifsira "Gazzetta" għandhom jidħlu dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "impriża tat-trasport bl-ajru" tfisser impriża li l-kummerċ tagħha jinkludi l-ġarr bl-ajru ta' passiġġieri jew ta' merkanzija b'kiri jew bi ħlas;

"kontroll effettiv" tfisser relazzjoni kostitwita bi drittijiet, kuntratti jew b'kull mezz ieħor li, jew separatament jew konġuntement u fil-qies tal-konsiderazzjonijiet ta' fatt jew liġi involuti, jagħtu l-possibilità ta' l-eżerċizzju dirett jew indirett ta' influwenza deċiżiva fuq impriża, b'mod partikolari:

(a) bid-dritt li jintuża l-attiv kollu ta' l-impriża, jew parti minnu;

(b) bid-drittijiet jew kuntratti li jagħtu influwenza deċiżiva fuq il-kompożizzjoni, l-ivvutar jew deċiżjonijiet tal-korpi ta' impriża jew xort'oħra jagħtu influwenza deċiżiva fuq il-ġestjoni tal-kummerċ ta' l-impriża;";

(iii) fejn hemm it-tifsira ta' "tariffa" -

(a) minnufih qabel dik it-tifsira għandha tidħol din it-tifsira li ġejja:

" "Stat Membru" tfisser stat li jkun membru ta' l-Unjoni Ewropea;"; u

(b) minnufih wara dik it-tifsira għandha tidħol din it-tifsira li ġejja:

" "it-Trattat" għandha l-istess tifsira kif inhu mogħti lilha bl-Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea;"; u

(iv) minnufih wara t-tifsira "telf jew ħsara" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Unjoni Ewropea" tfisser l-Unjoni Ewropea msemmija fit-Trattat."; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied dan is-subartikolu (2) ġdid li ġej:

"(2) Il-Ministru jista' b'ordni minn żmien għal żmien jestendi t-tifsira ta' Stat Membru għal xi Stat li jkun assoċjat ma' l-Unjoni Ewropea fi ħdan l-Area Ekonomika Ewropea jew kull assoċjazzjoni bħal dik ma' l-Unjoni Ewropea u jista' b'ordni sussegwenti jemenda, jirrevoka jew jissostitwixxi kull ordni bħal dak.".

Sostituzzjoni ta' l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att prinċipali.

**27.** Minflok l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Liċenzi għas-servizzi ta' l-ajru.

7. (1) Is-setgħa li tingħat liċenza għal servizz bl-ajru, jiġifieri liċenza għal kull servizz ta' trasport bl-ajru jew għal skop ieħor speċifikat fil-liċenza, ikun vestit fid-Direttur li għandu jagħti lil impriża tat-trasport bl-ajru dik il-liċenza meta huwa jkun sodisfatt li l-impriża tat-trasport bl-ajru tkun konformi mal-ħtiġiet ta' dan l-Att u dawk il-ħtiġiet l-oħra li jistgħu jiġu ordnati.

(2) Liċenza għal servizz bl-ajru tista' tingħata taħt dawk il-kondizzjonijiet inklużi d-drittijiet ta' aċċess għal rotot speċifiċi jew swieq li jistgħu jkunu speċifikati fil-liċenza.

(3) Applikazzjoni lid-Direttur għall-għoti ta' liċenza għal servizz bl-ajru għandu jkun fiha dawk il-partikolaritajiet u jkollha magħha dawk id-drittijiet li jistgħu jiġu ordnati.

(4) Impriża tat-trasport bl-ajru li tipprovdi servizz tat-trasport bl-ajru ma għandhiex tingħata liċenza għal servizz bl-ajru kemm-il darba ma jiġix muri għas-sodisfazzjon tad-Direttur, kull meta jkun meħtieġ minnu li hekk isir, li:-

(a) il-post ta' negozju prinċipali tagħha u, jekk ikollha, l-uffiċċju reġistrat tagħha jkunu jinsabu f'Malta, u

(b) il-ħidma prinċipali tagħha hu t-trasport bl-ajru għalih waħdu jew mgħaqqad ma' xi operazzjoni kummerċjali ta' inġenji ta' l-ajru jew it-tiswija u l-manutenzjoni ta' inġenji ta' l-ajru, u

(ċ) is-sidien tagħha huma u hekk ikunu se jkomplu direttament jew permezz ta' proprjetà maġġoritarja minn Stati Membri jew ċittadini ta' Stati Membri, li f'kull waqt għandu jkollhom kontroll effettiv ta' l-impriża tat-trasport bl-ajru.

(5) Id-Direttur għandu biss jagħti liċenza għal servizz bl-ajru lil applikant jekk dak applikant ikollu Certifikat ta' operatur ta' l-ajru validu li jkun jispeċifika l-attivitajiet li jkollhom jiġu koperti fil-liċenza għal servizz bl-ajru.

(6) Il-liċenza għal servizz bl-ajru għandha tibqa' valida għal daqs kemm l-impriża tat-trasport bl-ajru tibqa' tkun konformi mal-ħtiġiet għall-ħruġ tagħha. Id-detentur tal-liċenza għandu kull meta hekk jintalab jagħmel mid-Direttur jipprovdilu kull informazzjoni pertinenti li d-Direttur jista' jeħtieġ sabiex ikun f'pożizzjoni li jaċċerta ruħu li l-liċenza tkun għadha waħda valida.

(7) Kemm jista' jkun prattikament malajr wara l-għoti ta' xi liċenza taħt dan l-artikolu, id-Direttur għandu jara li jingħata avviż dwarha fil-Gazzetta.

Revoka, sospensjoni u varjazzjoni ta' liċenzi.

8. (1) Jekk, fil-każ ta' xi persuna li tkun detentur ta' liċenza dwar servizz bl-ajru, id-Direttur ma jibqax aktar f'xi żmien sodisfatt li dik il-persuna:

(a) tkun konformi mal-kondizzjonijiet f'dan l-Att u taħtu għall-ħruġ u t-tiżmim ta' liċenza għal servizz bl-ajru; jew

(b) tkun kompetenti u persuna adatta u idonea sabiex topera inġenji ta’ l-ajru għall-finijiet awtorizzati bil-liċenza,

id-Direttur għandu, skond ma jidhirlu li jkun xieraq fiċ-ċirkostanzi, jirrevoka, jissospendi jew jibdel dik il-liċenza.

(2) Jekk, bħala riżultat ta’ proċeduri ta’ insolvenza jew proċeduri bħal dawk kontra d-detenturi ta’ liċenza għal servizz bl-ajru, id-Direttur ikun sodisfatt li ma jkun hemm ebda prospett realistiku ta’ rikostruzzjoni finanzjarja sodisfaċenti tad-detentur fi żmien raġonevoli, huwa għandu jirrevoka l-liċenza.”.

Emenda ta’ artikolu 9 ta’ l-Att prinċipali.

**28.** Fl-artikolu 9 ta’ l-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem “li taħthom il-permess ikun ingħata” għandhom jiżdiedu l-kliem li ġejjin: “kemm-il darba dak l-inġenji ta’ l-ajru ma jkunx qiegħed jintuża fl-eżerċizzju ta’ drittijiet tat-traffiku li jirrigwardaw l-aċċess ta’ impriżi tat-trasport bl-ajru ta’ l-Unjoni Ewropea fuq rotot ta’ l-ajru fit-territorju ta’ l-Unjoni Ewropea”.

## Taqsima VIII

Emenda ta’ l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju, Kap. 233.

**29.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma’ l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju, hawn iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ “l-Att prinċipali”.

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f’dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi b’avviż fil-gazzetta jistabbilixxi u jistgħu jiġu stabbiliti dati differenti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta’ dan l-Att.

Sostituzzjoni tat-titolu twil u t-titolu qasir ta’ l-Att prinċipali.

**30.** (1) Minflok it-titolu t-twil li għandu l-Att prinċipali għandu jidħol dan it-titolu li ġej:

“Att biex jistabbilixxi qafas għal-liberalizzazzjoni ta’ transazzjonijiet esterni u biex jipprovdi dwar il-kollezzjoni ta’ informazzjoni li għandha x’taqsam ma’ dan.”.

(2) Minflok it-titolu qasir li għandu l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni”.

**31.** It-Taqsim ta' l-Att li jidher qabel l-Att prinċipali, għandu jitħassar.

Tħassir tat-Taqsim ta' l-Att.

**32.** Fl-artikolu 1 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju" għandhom jidħlu l-kliem "Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni".

Emenda ta' l-artikolu 1 ta' l-Att prinċipali.

**33.** Minflok l-artikoli 2 sa 38 u l-artikoli 40 sa 45 ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu dawn l-artikoli 2 sa 10:

Sostituzzjoni ta' l-artikoli 2 sa 38 u 40 sa 45 ta' l-Att prinċipali.

"Tifsir.

2. (1) F'dan l-Att kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra –

"assi eliġibbli" tfisser depożiti kif imfissra fl-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, titoli inklużi ishma u *stock* fil-kapital ta' kumpannija, *debentures*, ċertifikati ta' depożitu, *bonds*, noti u kull istrument ieħor li juri li hemm xi forma ta' debitu, unitajiet fi skema ta' investiment kollettiv, poloz ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja u *annuity* għal żmien twil kemm jekk dawn ikunu *index-linked* kemm jekk ma jkunux, metalli prezzjużi, ingotti, *warrants*, opzjonijiet, *futures* u derivattivi oħra kif ukoll kull strument ieħor finanzjarju li jsir għal finijiet ta' investiment, kif ukoll tinkludi kull assi oħrajn skond ma jista' jiġi stabbilit minn żmien għal żmien mill-Ministru b'avviż fil-Gazzetta;

Kap. 204.

"il-Bank Ċentrali" tfisser il-Bank Ċentrali ta' Malta imwaqqaf taħt l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta;

"ħlas" tfisser –

(a) avveniment li, għal kollox jew biss f'parti, jaqta' d-debitu ta' ammont ta' flus bejn persuna residenti u persuna mhux residenti f'dak li għandu x'jaqsam ma' transazzjoni esterna;

(b) kull trasferiment ta' fondi, sew b'kontijiet jew bi flus likwidi, bejn Malta u pajjiż barrani li jsir minn persuna residenti li tittrasferixxi fondi lejn jew iġġib lura fondi mill-kont tiegħu li jkollu barra l-pajjiż;

(ċ) kull trasferiment ta' fondi f'xi kont jew

bi flus likwidi bejn Malta u pajjiż barrani li fih kemm il-prinċipal kemm il-benefiċjarju jkunu t-tnejn li huma persuni residenti;

(d) kull trasferiment ta' fondi f'munita barranija li jsir f'Malta bejn persuni residenti;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi;

"munita barranija" tfisser kull nota, munita, ċekk, *draft, travellers' cheque,* ittra ta' kreditu, nota promissorja, kambjala, *voucher,* karta ta' kreditu jew ta' debitu jew kull *card* jew mezz ieħor fejn jiddaħħal valur permezz ta' metodi elettroniċi jew manjetiċi u li kull persuna mhux speċifikata tkun tista' tuża biex tħallas bihom minflok muniti, jew xi mezz ieħor ta' ħlas kif espress fil-munita ta' xi pajjiż li ma jkollux valuta legali f'Malta u riferenzi f'dan l-att għal munita barranija jinkludu riferenzi għal kull dritt li tiġi riċevuta meta hekk tintalab munita barranija għar-rigward ta' kull kreditu jew bilanċ f'kull istituzzjoni ta' kreditu tkun fejn tkun;

"persuna mhux residenti" tfisser persuna, korp magħqud jew entità oħra li ma tkunx persuna residenti;

"persuna residenti" tfisser:

(a) persuna naturali minkejja ta' liema nazzjonalità tkun, li tkun ordinarjament toqgħod f'Malta jew li kienet toqgħod f'Malta jew ikollha l-ħsieb li toqgħod f'Malta jew fi Stat Membru għal żmien kontinwu ta' sena;

(b) korp magħqud inkorporat fi jew taħt il-liġijiet ta' Malta jew ta' Stat Membru, jew entità li topera minn jew li tkun xort'oħra reġistrata f'Malta;

(ċ) persuna naturali minkejja ta' liema nazzjonalità tkun, li tkun ordinarjament toqgħod fi Stat Membru jew li kienet toqgħod jew ikollha l-ħsieb li toqgħod fi Stat Membru għal żmien kontinwu ta' sena;

(d) korp magħqud inkorporat fi jew taħt il-liġijiet ta' Stat Membru, jew entità li topera minn

jew li tkun xort'oħra reġistrata fi Stat Membru;

"Stat Membru" tfisser stat li jkun membru ta' l-Unjoni Ewropea;

"transazzjonijiet esterni" tinkludi kemm il-kapital kemm transazzjonijiet korrenti li jkunu jinvolvu operazzjonijiet bejn persuni residenti u persuni mhux residenti jew entitajiet oħrajn, sew f'Malta sew barra minn Malta, u jistgħu wkoll jinkludu operazzjonijiet li jkunu jinvolvu munita barranija minn xi residenti jew bejn residenti;

"transazzjonijiet kapitali" tfisser transazzjonijiet esterni li joriġinaw mit-trasferiment jew il-moviment ta' kapital u tinkludi:

(a) trasferimenti ta' proprjetà immobbli;

(b) investimenti diretti;

(ċ) il-ħruġ, bejgħ jew ix-xiri ta' titoli inklużi ishma u *stock* fil-kapital ta' kumpannija, *debentures*, ċertifikati ta' depożitu u kull istrument ieħor simili li jkun juri li hemm xi debitu;

(d) il-ħruġ, bejgħ jew ix-xiri ta' unitajiet fi skema ta' investiment kollettiv, poloz ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja u *annuity* għal żmien twil kemm jekk dawn ikunu *index-linked* kemm jekk ma jkunux;

(e) is-self, tislif u l-ħlas jew li tiġi riċevuta amortizzazzjoni fuq is-self;

(f) l-għoti ta' garanziji jew xi għamla oħra ta' titolu biex isir il-ħlas;

(g) *warrants*, opzjonijiet, *futures* u derivattivi oħra kif ukoll kull strument ieħor li jsir għal finijiet ta' investiment;

(h) depożiti li jsiru f'istituzzjonijiet ta' kreditu;

(i) għotjiet u gratifikazzjonijiet; u

(j) kull tip ieħor ta' transazzjoni li l-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali, jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta;

"transazzjonijiet korrenti" tfisser transazzjonijiet esterni li joriġinaw minn tmexxija korrenti u tinkludi:

(a) il-kummerċ esteru ta' oġġetti u servizzi inklużi ħlasijiet ta' mgħax, dividendi, *royalties*, qligħ investit mill-ġdid u profitti mqassma;

(b) ħlasijiet oħra kummerċjali korrenti li joriġinaw minn servizzi, kummerċ bankarju fuq medda ta' żmien qasira u faċilitajiet ta' kreditu; u

(ċ) ħlasijiet lura għall-ispejjeż tal-għajxien tal-familja;

"it-Trattat" għandha l-istess tifsira mogħti lilha mill-Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea;

Kap. 422.

"Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika" tfisser l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika mwaqqaf taħt l-Att dwar l-Awtorità ta' l-Istatistika ta' Malta;

"Unjoni Ewropea" tfisser l-Unjoni Ewropea msemmija fit-Trattat.

(2) Il-Ministru jista' jaħtar lill-Bank Ċentrali biex jagħmilha ta' aġent għall-istess Ministru għal xi skop wieħed jew aktar ta' dan l-Att, iżda ħatra bħal dik għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-eżerċizzju ta' kull poter bħal dak mill-Ministru.

(3) Għal dak iż-żmien sakemm il-Bank Ċentrali jiġi maħtur aġent tal-Ministru taħt is-subartikolu (2), kull riferenza f'dan l-Att għall-Ministru għandha, fil-qies u bla ħsara għall-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' dik il-ħatra, titqies bħala li tinkludi riferenzi għall-Bank Ċentrali. Għandu jiġi pubblikat avviż ta' kull ħatra bħal dik, u ta' kull revoka tal-pattijiet u l-kondizzjonijiet fihom ta' dik il-ħatra jew bidla fihom, fil-Gazzetta.

## TAQSIMA II

## LIBERALIZZAZZJONI U MIŻURI TA' SIGUREZZA

Liberalizzazzjoni.

3. Kemm-il darba ma jiġix xort'oħra speċifikat permezz ta' regolamenti jew ordnijiet maħruġa mill-Ministru taħt l-artikoli 4 u 5 it-transazzjonijiet esterni kollha u ħlasijiet relatati jistgħu jsiru mingħajr ebda restrizzjoni.

Restrizzjonijiet f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

4. (1) Meta jkun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali, il-Ministru jista', bir-rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali, jagħmel regolamenti li jkunu jimponu dawk ir-restrizzjonijiet fuq transazzjonijiet kapitali u ħlasijiet relatati, sew ta' xorta speċifika jew ġenerika, skond ma jistgħu jitqiesu meħtieġa:

Iżda dawk ir-restrizzjonijiet ma għandhomx ikunu imposti għar-rigward ta' Stat Membru.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1), għandhom jitqiesu li jkun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali meta l-Ministru li jaġixxi bir-rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali, jiddikjara li:

(a) jkun hemm xi kriżi immedjata fil-bilanċ tal-pagamenti ta' Malta; jew

(b) movimenti ta' kapital lejn jew minn Malta ikunu qed jikkaġunaw jew jheddu li jikkaġunaw diffikultajiet serji għall-istabbilità tas-sistema finanzjarja.

(3) Regolamenti magħmulin taħt is-subartikolu (1) għandhom jiġu revokati mill-Ministru mingħajr ebda dewmien hekk kif ir-raġunijiet li jkunu taw lok għal dawk ir-restrizzjonijiet itemmu milli jibqgħu jeżistu u, f'kull każ, ma għandhomx jibqgħu fis-seħħ għal perjodu li jeċċedi s-sitt xhur.

Sanzjonijiet.

Kap. 365.

5. Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 4 u 5 huma mingħajr preġudizzju għas-setgħat mogħtijin mill-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-interess Nazzjonali, li jiġu imposti kontrolli jew restrizzjonijiet fuq kapital jew transazzjonijiet oħra jew ħlasijiet relatati għar-rigward ta' xi stat, persuna jew grupp ta' persuni sew jekk dan ikun joriġina mill-obbligi internazzjonali ta' Malta taħt iċ-*Charter* tan-Nazzjonijiet Uniti, mit-Trattat jew xort'oħra unilateralment sabiex jitħarsu l-interessi nazzjonali ta' Malta.

## TAQSIMA III

## ĠABRA TA’ INFORMAZZJONI U AĊĊESS GĦAL *RECORDS*

Talba għal informazzjoni.

6. Mingħajr preġudizzju għal kull disposizzjoni oħra ta’ dan l-Att, il-Ministru jista’ jeħtieġ lil kull persuna f’Malta tipprovdi dik il-kjarifika u, jew informazzjoni skond ma l-Ministru jista’ jqis li tkun meħtieġa għall-fini li tiġi żgurata konformità ma’ regolamenti magħmulin taħt Taqsima II ta’ dan l-Att.

Dikjarazzjoni ta’ munita għall-importazzjoni u l-esportazzjoni.

7. Il-Ministru jista’ b’regolamenti jeħtieġ lil kull persuna tiddikjara lill-kontrullur tad-Dwana dwar l-importazzjoni jew l-esportazzjoni minn tali persuna ta’ flus tal-karti u muniti denominati f’Liri Maltija u, jew f’munita barranija, u, jew metalli prezzjużi li jidħlu f’Malta jew joħorġu minnha f’dawk l-ammonti skond ma jistgħu jkunu speċifikati f’dawk ir-regolamenti u li jiżvelaw kull informazzjoni oħra li tista’ tiġi preskritta f’dawk ir-regolamenti għar-rigward ta’ dik l-importazzjoni jew esportazzjoni.

Informazzjoni statistika.

8. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta’ qabel ta’ dan l-Att, il-Ministru jista’ wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali u l-Uffiċċju Nazzjonali ta’ l-Istatistika b’regolamenti li jkunu jeħtieġu lil xi persuna f’dak iż-żmien u b’dak il-mod skond ma jista’ jiġi ordnat li jagħti lill-Ministru, jagħti dik l-informazzjoni, prospett jew dettall ieħor li jkollu x’jaqsam ma’ transazzjonijiet esterni skond ma jista’ jinħtieġ li jiġbor, jikkompila u jxerred informazzjoni statistika dwar transazzjonijiet esterni.

Ma għandhiex tixxerred informazzjoni.

9. (1) Ħlief għall-fini ta’ xi prosekuzzjoni għal xi reat kontra l-Att bil-kunsens miktub ta’ l-individwu jew tar-rappreżentant tiegħu, ebda informazzjoni li tista’ tkun relatata ma’ persuna identifikabbli u li tinkiseb taħt dan l-Att ma għandha tixxerred, tintwera jew titwassal lil xi persuna jew korp.

(2) Minkejja d-disposizzjoni tas-subartikolu (1), il-Ministru jista’ jiżvela kull informazzjoni li tiġi pprovduta jew miksuba taħt dan l-Att, ukoll meta din ikollha x’taqsam ma’ persuna identifikabbli, xi korp jew awtorità f’Malta responsabbli għall-ġbir ta’ xi taxxa, u jista’ jagħmel l-istess, abbażi ta’ ftehim ma’ stati oħra li jipprovdi dwar l-iskambju reċiproku ta’ dik l-informazzjoni, jiżvela informazzjoni lil korpi jew awtoritajiet bħal dawk fl-istati:

Iżda:

(a) il-korpi u l-awtoritajiet li lilhom tiġi żvelata l-informazzjoni huma soġġetti għal obbligi ta’ segretezza li

huma ekwivalenti għal dawk li japplikaw taħt il-liġijiet ta' Malta; u

(b) tinkiseb obbligazzjoni minn dawk il-korpi u awtoritajiet li l-informazzjoni pprovduta tintuża biss għall-finijiet li tkun intalbet dwarhom u li tkun se tinżamm kunfidenzjali u ma tkunx se titwassal lil ħadd jekk dan ma jkunx impjegat mill-awtoritajiet u li ma jkunx soġġett għal xi dmir ta' segretezza bħal dak dwar dik l-informazzjoni.

Reati u pieni.

10. (1) Regolamenti taħt dan l-Att li jimponu restrizzjonijiet fuq transazzjonijiet, jew xi obbligu li jsir xi rapport, tiġi pprovduta statistika jew informazzjoni oħra jistgħu wkoll jipprovdu li kull min jikser xi disposizzjoni tagħhom ikun ħati ta' reat u jista' jeħel meta jinsab ħati dik il-piena li ma tkunx iżjed minn multa ta' mhux iżjed minn għoxrin elf lira, u dawk ir-regolamenti jistgħu iktar minn hekk jipprovdu dwar pieni amministrattivi li jistgħu jingħataw minflok ma jsiru proċeduri kriminali, il-proċeduri li jiġu adottati għaldaqstant kif ukoll dwar l-appelli minn deċiżjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' dan għal quddiem it-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji mwaqqaf taħt l-artikolu 21 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta jew dak il-korp ieħor li jista' jiġi ordnat.

(2) Ma jistgħu jinbdew ebda proċeduri kriminali għal xi reat taħt dawk ir-regolamenti mingħajr il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali.".

Emenda ta' l-artikolu 39 ta' l-Att prinċipali.

**34.** L-artikolu 39 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu 11 u għandu jiġi emendat iktar kif ġej:–

(a) is-subartikoli (2), (3) u (4) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (1), (2) u (3) rispettivament;

(b) fis-subartikolu (1) kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "taħt is-subartikolu (1), għandha tiġi meqjusa bħallikieku ma tkun għamlet ebda reat taħt dan l-artikolu" għandhom jidħlu l-kliem "taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 39 ta' l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju kif dan kien fis-seħħ fl-1 ta' Lulju, 2003, jew kull liġi oħra li l-Ministru jista' jordna, għandha tiġi meqjusa bħallikieku ma tkun għamlet ebda reat taħt dak l-artikolu 39 jew xi liġi oħra skond ma jkun ordnat";

(ċ) fis-subartikolu (2) kif enumerat mill-ġdid –

(i) minflok il-kliem “tas-subartikolu (2)” għandhom jidħlu l-kliem “tas-subartikolu (1)”; u

(ii) minflok il-kliem “mingħajr il-ħtieġa ta’ ebda permess taħt dan l-Att” għandhom jidħlu l-kliem “mingħajr il-ħtieġa li jinkisbu dawk il-permessi jew li jitħarsu dawk il-ħtiġiet taħt din il-liġi jew xi liġi oħra skond ma jista’ jiġi ordnat”; u

(d) fis-subartikolu (3) kif enumerat mill-ġdid minflok il-kliem “is-subartikolu (3)” għandhom jidħlu l-kliem “is-subartikolu (2)”.

Disposizzjoni transitorja.

**35.** Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista’ fl-avviż magħmul taħt is-subartikolu 29(2) jipprovdi li kull restrizzjoni jew obbligazzjoni li tkun teżisti taħt l-Att prinċipali kif kien fis-seħħ qabel il-ħruġ ta’ dak l-avviż għandha tibqa’ sseħħ dwar kull ħaġa indefinittivament jew għal dak iż-żmien skond ma jista’ jiġi dikjarat fl-avviż u d-disposizzjonijiet ta’ l-Att prinċipali kif kien fis-seħħ qabel il-ħruġ ta’ dak l-avviż għandhom jibqgħu japplikaw għar-rigward ta’ dik ir-restrizzjoni jew obbligazzjoni.

## Taqsima IX

Emenda ta’ l-Att dwar l-Akkwist ta’ Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti, Kap. 246.

**36.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma’ l-Att dwar l-Akkwist ta’ Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti, hawnhekk iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ “l-Att prinċipali”.

(2) Id-disposizzjonijiet ta’ din it-Taqsima jibdew iseħħu f’dik id-data li il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista’ b’avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta’ din it-Taqsima.

Emenda ta’ l-artikolu 2 ta’ l-Att prinċipali.

**37.** L-artikolu 2 ta’ l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) minnufih qabel it-tifsira “Gvern” għandhom jidħlu dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

“ “area msemmija speċjali” tfisser żona deskritta fl-Ewwel Skeda u kull żona oħra li l-Ministru jista’ minn żmien għal żmien b’ordni fil-Gazzetta jżid ma’ dik l-iskeda;

“bini” tinkludi biċċa art għall-iskopijiet ta’ l-artikolu 6 u n-nefqa proġettata għall-iżvilupp relattiv;

"finijiet ta' residenza sekondarja" tfisser finijiet li ma jkunux dawk ta' post ta' residenza ewlieni jew għal xi wieħed mill-finijiet elenkati fl-artikolu 3(2)(b) jew (3);";

(b) minflok it-tifsiriet "Ministru", "persuna mhux residenti", u "persuna residenti ta' Malta" għandhom jidħlu dawn it-tifsiriet li ġejjin:

" "Ministru" tfisser il-ministru responsabbli għall-finanzi, u minbarra għall-finijiet ta' ordni li jsir skond l-artikolu 6(1) jew regolamenti li jsiru bis-saħħa ta' l-artikolu 8, tinkludi meta jkun delegat bil-miktub mill-Ministru, kull uffiċjal pubbliku fil-Ministeru tal-Finanzi li jkun ġie hekk delegat mill-Ministru;

"perjodu kontinwu" għandu jiġi kalkulat billi ma jingħatax każ ta' kull perjodu li jammonta għal anqas minn disgħin ġurnata f'xi sena kalendarja li matulhom individwu ma jkunx qiegħed f'Malta iżda dawk il-perjodi ma għandhomx jeċċedu d-disgħin ġurnata f'xi sena kalendarja li tkun;

"permess għal residenza" tfisser permess għal residenza maħruġ skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni;

"persuna mhux residenti" tfisser u tinkludi:

(a) individwu li ma jkunx ċittadin ta' Malta jew ta' Stat Membru ieħor; jew

(b) ċittadin ta' Malta jew ta' Stat Membru ieħor, anke, f'kull wieħed miż-żewġ każi jekk ikollu permess validu għal residenza, li ma kienx residenti f'Malta għal żmien minimu kontinwu ta' ħames snin f'kull waqt li jiġi qabel id-data ta' l-akkwist; jew

(ċ) kull korp jew assoċjazzjoni oħra ta' persuni, u kull awtorità, istituzzjoni, organizzazzjoni, fond, *trust*, ditta u kull enti oħra li tkun, kemm korporata kemm mhix, jekk dawn:

(i) ikunu kostitwiti, iffurmati, stabbiliti, inkorporati jew reġistrati fi, jew taħt il-liġijiet ta' stat li ma jkunx Malta jew Stat Membru ieħor; jew

(ii) ikollhom l-indirizz reġistrat tagħhom,

post prinċipali ta’ residenza jew ta’ negozju tagħhom fi stat li ma jkunx Malta jew Stat Membru ieħor; jew

(iii) ikollhom ħamsa u għoxrin fil-mija jew iktar mis-sehem tagħhom jew kapital ieħor li tkun proprjetarja tiegħu persuna mhux residenti jew li jkun reġistrat f’isem kumpannija li jkollha liċenza biex taġixxi bħala kumpanija *nominee*; jew

(iv) ikunu b’xi mod u kemm direttament kemm indirettament ikkontrollati minn xi persuna waħda jew aktar li ma jkunux residenti;

“persuna residenti ta’ Malta” tfisser individwu li jkun:

(a) ċittadin ta’ Malta jew Stat Membru ieħor li kien persuna residenti ta’ Malta għal żmien minimu kontinwu ta’ ħames snin li jiġi qabel id-data ta’ akkwist;

(b) il-konjuġi, raġel jew mara, ta’ liema nazzjonalità jkunu u jkunu fejn ikunu residenti, ta’ ċittadin ta’ Malta jew Stat Membru meta dawk il-konjuġi jkunu qed jakkwistaw flimkien bl-istess kuntratt;

“post ta’ residenza ewlieni” tfisser id-dar ta’ abitazzjoni fejn individwu jkun abitwalment joqgħod, jew ikollu l-ħsieb li abitwalment joqgħod, bħala l-post ta’ abitazzjoni prinċipali tiegħu, kemm f’Malta jew band’oħra;”; u

(ċ) minnufih wara t-tifsira “proprjetà immobbli” għandhom jidħlu dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

“ “Stat Membru” tfisser stat li jkun membru ta’ l-Unjoni Ewropea;

“it-Trattat” għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fl-artikolu 2 ta’ l-Att ta’ l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea;

“Unjoni Ewropea” tfisser l-Unjoni Ewropea msemmija fit-Trattat.”.

Enumerazzjoni mill-ġdid ta’ l-artikoli 3 sa 7 ta’ l-Att prinċipali.

**38.** L-artikoli 3 sa 7 ta’ l-Att prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikolu 4 sa 8 rispettivament.

Żieda ta’ l-artikolu 3 ġdid ma’ l-Att prinċipali.

**39.** Minnufih wara l-artikolu 2 għandu jiġi miżjud ma’ l-Att prinċipali dan l-artikolu 3 ġdid li ġej:–

"Persuni li jistgħu jakkwistaw proprjetà immobbli mingħajr permess.

3. (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att:

(a) persuna residenti ta' Malta tista' takkwista b'att inter vivos proprjetà immobbli f'Malta b'kull jew taħt kull titlu mingħajr il-ħtieġa li jinkiseb permess taħt dan l-Att;

(b) ċittadin ta' Malta u ċittadin ta' Stat Membru li ma jkunx f'kull wieħed miż-żewġ każi persuna residenti ta' Malta ma jistax, mingħajr il-ħtieġa li jikseb permess taħt dan l-Att, jakkwista proprjetà immobbli għal finijiet ta' residenza sekondarja b'att *inter vivos* f'Malta.

(2) Għall finijiet ta' dan l-Att "proprjetà immobbli għal finijiet ta' residenza sekondarja" teskludi:-

(a) kull proprjetà immobbli li għandha sservi bħala r-residenza ewlenija għall-persuna li tkun qed takkwista l-proprjetà immobbli; jew

(b) dik il-proprjetà immobbli li l-akkwist tagħha jkun meħtieġ għat-twettiq ta' l-attivitajiet kummerċjali ta' persuna bħal dik jew għall-provvista ta' servizzi minn persuna bħal dik.

(3) Persuna, li ma tkunx persuna fiżika jew persuna mhux residenti, tista' takkwista b'att *inter vivos* proprjetà immobbli f'Malta mingħajr il-ħtieġa li tikseb permess taħt dan l-Att meta dik il-proprjetà immobbli tkun meħtieġa għall-fini tat-twettiq ta' l-attività li tkun twaqqfet għaliha.".

Sostituzzjoni ta' l-artikoli 5 u 7 ta' l-Att prinċipali.

**40.** Minflok l-artikoli 5 u 7 kif enumerati mill-ġdid ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu l-artikoli 5 u 7 li ġejjin:

"Eċċezzjoni f'xi każijiet.

5. (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4 ma għandhomx japplikaw dwar:

(a) proprjetà immobbli li tkun qed tgħaddi għal għand xi persuna *causa mortis*, tkun fejn tkun residenti, sakemm il-persuna li l-proprjetà immobbli tkun għaddiet minn għandha tkun akkwistat dik il-proprjetà immobbli, meta dan ikun japplika, skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att; jew;

(b) l-akkwist ta' proprjetà immobli minn xi persuna, tkun fejn tkun residenti, f'xi area msemmija speċjali; jew

(ċ) l-akkwist ta' kull sehem ieħor diviż jew indiviż fi proprjetà immobbli minn xi persuna, tkun fejn tkun residenti, meta dik il-persuna tkun qabel akkwistat sehem f'dik il-proprjetà immobbli skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att; jew

(d) it-trasferiment ta' proprjetà immobbli f'eredità bejn werrieta flimkien; jew

(e) il-partizzjoni ta' proprjetà immobbli bejn werrieta flimkien; jew

(f) l-akkwist ta' proprjetà immobbli minn kumpannija jew soċjetà kummerċjali oħra, li ma tkunx persuna mhux residenti, minn xi membru wieħed jew aktar tagħha li jkollha iżjed minn ħamsin fil-mija interess fil-kapital azzjonarju, jew mill-kapital azzjonarju tiegħu; jew

(g) id-donazzjoni ta' proprjetà immobbli lil konjuġi, dixxendent jew axxendent fid-linja diretta tagħhom u lill-konjuġi relattivi tagħhom, jew fin-nuqqas ta' dixxendenti lil xi ħu jew oħt u lid-dixxendenti tagħhom, sakemm dik il-proprjetà immobbli tkun ġiet akkwistata skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, meta dan ikun japplika.

(2) Il-parti li tkun qed takkwista l-proprjetà immobbli jew li lilha tiġi assenjata l-proprjetà immobbli b'qasma jew li tgħaddi għal għandha skond xi waħda jew iktar mill-eċċezzjonijiet elenkati taħt is-subartikolu (1) għandha tiddikjara fil-kuntratt li dak it-trasferiment ikun ġie hekk kopert, u n-nutar li jkun qed jippubblika dak il-kuntratt għandu javża lil dik il-persuna bl-importanza tal-verità ta' dik id-dikjarazzjoni u jinkludi dik id-dikjarazzjoni f'dak il-kuntratt.

(3) Nutar li jirċievi xi att li ma jkunx fih dikjarazzjoni bħalma tkun meħtieġa taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, jew li jonqos milli javża lill-partijiet partikolarment dwar l-importanza li tingħad il-verità f'dik id-dikjarazzjoni jew milli jirreġistra fl-att li huwa jkun ikkonforma ruħu ma' dik il-ħtieġa, ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att, u meta jinsab ħati jista' jeħel multa ta' mhux inqas minn elf lira u mhux iżjed minn għaxart elef lira.

Il-proprjetà immobbli tintuża biss għall-għan indikat.

7. (1) Ebda persuna ma tista', mingħajr il-kunsens bil-miktub tal-Ministru, tuża, jew tħalli li tintuża, xi proprjetà immobbli akkwistata bis-saħħa ta' kunsens mogħti taħt l-artikolu 6, b'xi mod jew għal xi għan li ma jkunx dak muri fl-applikazzjoni għal kunsens bħal dak.

(2) Persuna awtorizzata takkwista proprjetà immobbli f'Malta skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3 għandha, fil-kuntratt li jittrasferixxi t-titlu, tiddikjara li hija tkun tikkwalifika biex takkwista dik il-proprjetà u għandha iktar minn hekk tiddikjara r-raġunijiet għal dik il-kwalifika kif ukoll, meta tkun hekk meħtieġa tagħmel b'dan l-Att, il-fini ta' dak l-akkwist, u n-nutar li jkun qed jippubblika l-kuntratt għandu javża lil dik il-persuna kemm ikun importanti li dik id-dikjarazzjoni tkun waħda vera u għandu wkoll iniżżel dik id-dikjarazzjoni f'dak il-kuntratt.

(3) Nutar li jirċievi kuntratt li ma jkunx fih dikjarazzjoni skond ma hemm meħtieġ taħt id-disposiżżjonijiet ta' dan l-artikolu, jew li jonqos milli javża lill-partijiet partikolarment dwar kemm ikun importanti li tingħad il-verità f'dik id-dikjarazzjoni jew li jirreġistra fil-kuntratt li jkun ħares dik il-ħtieġa, ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att, u meta jinsab ħati jista' jeħel multa ta' mhux anqas minn elf lira u mhux iżjed minn għaxart elef lira.

(4) Jekk issir jew tonqos milli ssir xi ħaġa bi ksur ta' xi waħda mid-disposizzjoni tas-subartikoli (1) jew (2) jew ta' xi kondizzjoni, restrizzjoni, limitazzjoni jew kwalifika li tkun tinsab f'xi kunsens jew sensja mogħtija taħt dan l-Att, il-persuna li lilha jkunu l-aħħar ingħataw il-kunsens jew is-sensja u kull persuna oħra li tkun qed tagħmel jew tonqos milli tagħmel jew li tkun qed tippermetti li ssir jew tonqos milli ssir dik il-ħaġa kif hawn qabel imsemmi, tkun ħatja ta' reat taħt dan l-Att u tista' teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn għaxart elef lira (Lm10,000) jew id-doppju tal-prezz tas-suq tal-proprjetà immobbli hekk akkwistata, skond liema jkun l-ogħla ammont, u, fil-każ ta' reat kontinwat, multa oħra ta' mhux anqas minn mitt lira u mhux iżjed minn elf lira (Lm1,000) għal kull ġurnata, esklużi l-ewwel mija u tmenin ġurnata, li matulhom ikompli r-reat:

Iżda ma għandhom jiġu mibdija ebda proċedimenti kontra tali persuna matul mija u tmenin ġurnata mid-data ta' akkwist, u ma għandhom isiru ebda proċedimenti jekk, matul dak iż-żmien ta' mija u tmenin ġurnata, dik il-persuna tkun

irrimedjat il-ksur u tkun ħarset id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew tkun xort'oħra b'mod legali ttrasferiet l-proprjetà:

Iżda wkoll jekk ikunu meħtieġa xi kunsens jew sensja sabiex titħares il-liġi u dak il-kunsens jew dik is-sensja jkunu rifjutati, ma għandhom isiru ebda proċedimenti kontra dik il-persuna, u dawk li jkunu diġà nbdew għandhom jiġu irtirati, jekk dik il-persuna tittrasferixxi l-proprjetà immobbli matul mija u tmenin ġurnata mid-data ta' dak ir-rifjut.

(5) Salvi d-disposizzjonijiet tal-provisos mas-subartikolu (4), ebda ħaġa f'dak is-subartikolu ma għandha tiftiehem bħala li tkun qed tikkonvalida xi ħaġa li ma tkunx qed issir b'mod konformi ma' xi kondizzjoni, restrizzjoni, limitazzjoni jew kwalifika li jkun hemm f'kunsens jew sensja mogħtijin taħt dan l-Att.".

Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

**41.** L-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali, kif enumerat mill-ġdid, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (l) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "jagħti permess" għandhom jidħlu l-kliem "jagħti kunsens";

(ii) minflok il-kliem "fil-permess" għandhom jidħlu l-kliem "fil-kunsens";

(iii) minflok il-kliem "dak il-permess" għandhom jidħlu l-kliem "dak il-kunsens";

(iv) fit-test Ingliż, minflok il-kliem "by a non-resident" għandhom jidħlu l-kliem "by a non-resident person";

(v) minflok il-kliem "f'dik il-forma u b'dak il-mod, jekk ikun hemm, kif jiġu preskritti u jingħata b'dak it-tagħrif li jista' jiġi preskritt jew li l-Ministru jista' jeħtieġ," għandhom jidħlu l-kliem "skond dawk il-*policies*, dik il-forma u b'dak il-mod, jekk ikun il-każ, skond ma jistgħu jiġu stabbiliti b'regolamenti magħmulin taħt dan l-Att, u tkun ingħatat dik l-informazzjoni li tista' tkun ordnata permezz ta' regolamenti,";

(vi) fil-paragrafu (a) tal-proviso għalih il-kliem "fil-każ ta' kull persuna msemmija fil-paragrafu (b) tat-tifsira ta'

persuna mhux residenti fl-artikolu 2 ta' dan l-Att" għandhom jitħassru;

(vii) fil-paragrafu (b) tal-proviso għalih minflok il-kliem "(jew dik is-somma l-oħra li l-Ministru jista' jistabbilixxi minn żmien għal żmien b'ordni fil-Gazzetta tal-Gvern)" għandhom jidħlu l-kliem "(liema ammont għandu jkun appuntat konformament ma' indiċi ta' prezzijiet tal-proprjetà immobbli li għandu jiġi ppubblikat ta' kull sena fil-Gazzetta mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika)";

(viii) minflok il-kliem "xi proprjetà immobbli oħra f'Malta" fil-paragrafu (b) tal-proviso għalih, għandhom jidħlu l-kliem "xi proprjetà immobbli oħra f'Malta barra minn xi proprjetà immobbli li l-akkwist tagħha jkun eżentat taħt l-artikolu 4(2) jew 5";

(ix) minnufih wara l-paragrafu (b) tal-proviso għalih, għandu jidħol il-paragrafu (ċ) ġdid li gej:

"(ċ) il-proprjetà immobbli tkun jew:

(i) *garage* li jinsab f'medda ta' ħames mitt metru mir-residenza li l-applikant ikun akkwista qabel; jew

(ii) biċċa art jew bini adjaċenti inkluża bħala estensjoni għal, u biex tkun integrata mar-residenza li l-applikant ikun akkwista qabel;";

(x) minflok il-kliem "il-Ministru jista' jżomm milli jagħti l-permess tiegħu" fil-proviso l-ieħor għalih, għandhom jidħlu l-kliem "il-Ministru jista' jżomm milli jagħti kunsens";

(b) fis-subartikolu (2) minflok il-kelma "testment" kull fejn tinstab, għandha tidħol il-kelma "suċċessjoni";

(ċ) minflok is-subartikolu (3) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Il-kundizzjonijiet, restrizzjonijiet, limitazzjonijiet u kwalifiki li taħthom jingħata l-kunsens imsemmi f'dan l-artikolu jkunu dawk elenkati fit-Tieni Skeda."; u

(d) minflok il-kelma "permess" fis-subartikoli (4) u (5), għandha tidħol f'kull każ il-kelma "kunsens", u minflok il-kliem

"artikolu 3" kull fejn jidhru fis-subartikolu (4) għandhom jidħlu l-kliem "artikolu 4".

Emenda ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

**42.** L-artikolu 8, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikoli (2) u (3) tiegħu għandhom jiġu mħassra, u s-subartikolu (1) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu 8 kollu kemm hu;

(b) minflok il-kelma "permess" kull fejn din tinsab, għandha tidħol il-kelma "kunsens";

(ċ) il-paragrafi (b) sa (d) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (ċ) sa (e) rispettivament, u minnufih wara l-paragrafu (a) għandu jidħol dan il-paragrafu (b) ġdid li ġej:

"(b) jemenda, jħassar jew jissostitwixxi kull waħda mill-Iskedi li tinsab ma' dan l-Att;";

(d) minflok il-kelma "5" fil-paragrafu (ċ) għandha tidħol il-kelma "6";

(e) fil-paragrafu (d) minflok il-kliem "elf lira u mhux aktar minn ħamsin lira", għandhom jidħlu l-kliem "għaxart elef lira jew id-doppju tal-prezz tas-suq tal-proprjetà immobbli akkwistata u mhux aktar minn elf lira";

(f) fil-paragrafu (e) il-kliem "mhux residenti" għandhom jitħassru.

Żieda ta' artikolu 9 ġdid ma' l-Att prinċipali.

**43.** Minnufih wara l-artikolu 8, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol l-artikolu 9 ġdid li ġej:–

"Transazzjonijiet kuluriti.

9. Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom japplikaw ukoll fejn persuna takkwista ishma jew interess ta' ekwità ieħor f'soċjetà kummerċjali biex iddur madwar u tevadi l-ħtieġa ta' kunsens taħt dan l-Att, u fejn xi persuna hekk takkwista dawk l-ishma jew interess ta' ekwità għal dak l-iskop mingħajr ma qabel tottjeni kunsens, id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, inklużi, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dan, id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 4 u 7 tiegħu, għandhom japplikaw għall-akkwist ta' dawk l-ishma jew interess ta' ekwità daqs li kieku l-akkwist kien tal-proprjetà immobbli li jkollha dik is-soċjetà.".

**44.** Minnufih wara l-artikolu 8, kif enumerat mill-ġdid, ta' l-Att prinċipali għandhom jiġu miżjuda dawn l-Iskedi li ġejjin: Żieda ta' Skedi ma' l-Att prinċipali.

**"L-EWWEL SKEDA**

List ta' żoni skedati skond l-artikolu 2

1. FORTI CHAMBRAY

Il-Forti Chambray fil-limiti ta' Għajnsielem fil-Gżira ta' Għawdex, kif tidher delineata bl-aħmar fi pjan markat bħala Dokument X iskritt fl-atti tan-Nutar Pubbliku fid-Dipartiment ta' l-Art Dott. Vinċent Miċeli bil-Kuntratt Nru. 121 datat it-13 ta' April, 1993.

2. ŻVILUPP TA' PORTOMASO

L-Iżvilupp ta' Portomaso li jinsab fuq biċċa art ġewwa Spinola, San Ġiljan, Malta, li jidhru delineati bl-ikħal fi pjan markat bħala Dokument B anness ma' kuntratt fl-atti ta' l-Assistent Nutar tal-Gvern, Dottor Anthony Attard, bil-Kuntratt Nru. 83 datat id-19 ta' Mejju, 1964.

3. ŻVILUPP TA' COTTONERA

L-Iżvilupp ta' Cottonera li jikkonsisti fil-proprjetà immobbli, skond il-Pjanijiet LD 23/99, LD 23A/99; LD 23B/99; LD 24/99; LD 24A/99; LD 24B/99 u LD 24C/99 markati bħala Dokumenti "X", "Y", "F", W", "P", "O" u "K" rispettivament annessi mal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Duttur tal-Liġi Vinċent Miċeli bil-Kuntratt Nru. 100 tat-2 ta' Ġunju, 1999.

4. MANOEL ISLAND/PONTA TA' TIGNÈ

Manoel Island/Ponta ta' Tignè fil-limiti tal-Gżira u Tas-Sliema fil-Gżira ta' Malta, skond il-pjanijiet Skizz tal-Proprjetà numru erbgħa u ħamsin żbarra elfejn (PD 54/2000) u Skizz tal-Proprjetà numru ħamsa u ħamsin żbarra elfejn (PD 55/2000) dwar artijiet f'Manoel Island/Ponta ta' TignË rispettivament markati "X" u "Y" rispettivament iskritti fl-atti tan-Nutar Pubbliku fid-Dipartiment ta' l-Artijiet Vinċent Miċeli tat-3 ta' Marzu, tas-sena elfejn (2000).".

## IT-TIENI SKEDA

Kondizzjonijiet, restrizzjonijiet, limitazzjonijiet u kwalifiki għall-għoti ta' permess taħt l-artikolu 6

1. Persuna mhux residenti li tkun trid takkwista proprjetà immobbli skond l-artikolu 6 ta' l-Att għandu jippreżenta formola kif muri fl-Anness A jew B ma' din l-Iskeda mimlija kif imiss u li jkun fiha dawk il-partikolaritajiet u jintehmżu magħha dawk id-dokumenti, skond ma jkunu indikati f'dik il-formola.

2. Il-Ministru jista' jirrifjuta li joħroġ permess lil persuna mhux ta' mġieba tajba.

3. Meta jkun qed joħroġ permess skond l-artikolu 6 ta' l-Att, il-Ministru għandu jimponi dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

A. Fil-każ ta' dar ta' abitazzjoni:

(i) li l-proprjetà immobbli tintuża biss bħala residenza mill-applikant u l-familja tiegħu u għal ebda raġuni oħra;

(ii) li l-akkwist għandu jsir fi żmien sitt xhur mid-data tal-ħruġ tal-permess, salv li tista' tingħata estensjoni skond ma jintalab;

(iii) li fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' l-akkwist, għandha tintbagħat kopja awtentikata ta' dak il-kuntratt għandha tasal fl-uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni (Dipartiment tal-*Capital Transfer Duty*); u

(iv) li l-proprjetà immobbli ma tistax tinbiegħ biss f'parti minnha, jew tiġi xort'oħra konvertita f'iktar minn dar waħda ta' abitazzjoni.

B. Fil-każ ta' *garage* jew proprjetà immobbli oħra konġunta:

(i) li l-proprjetà immobbli tintuża biss bħala *garage* mill-applikant u l-familja tiegħu jew bħala estensjoni li tkun se tiġi integrata ma' l-abitazzjoni eżistenti ta' l-applikant;

(ii) li l-akkwist għandu jsir fi żmien sitt xhur mid-data tal-ħruġ tal-permess, salv li tista' tingħata estensjoni skond ma jintalab;

(iii) li fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' l-akkwist, għandha tintbagħat kopja awtentikata ta' dak il-kuntratt fl-uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni (Dipartiment tal-*Capital Transfer Duty*); u

(iv) li l-proprjetà immobbli msemmija f'dan il-permess ma tkunx tista' tinbiegħ jew tiġi xort'oħra mneħħija separatament imma biss flimkien mad-dar ta' abitazzjoni oriġinali ta' l-applikant.

C. Fil-każ ta' biċċa art:

(i) li l-applikant għandu jiżviluppa dik l-art f'residenza waħda singola u kompleta li tkun lesta biex tiġi okkupata fi żmien sentejn mid-data tal-ħruġ ta' dan il-permess;

(ii) li l-proprjetà immobbli għandha eventwalment tintuża biss bħala residenza mill-applikant u l-familja tiegħu u għal ebda raġuni oħra;

(iii) li l-akkwist għandu jsir fi żmien sitt xhur mid-data tal-ħruġ tal-permess, salv li tista' tingħata estensjoni skond ma jintalab; u

(iv) li fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' l-akkwist, għandha tintbagħat kopja awtentikata ta' dak il-kuntratt fl-uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni (Dipartiment tal-*Capital Transfer Duty).*

4. Id-drittijiet li għandhom jitħallsu jkunu ta' Lm100 għal kull permess, jew dawk id-drittijiet li jistgħu, minn żmien għal żmien, jiġu ordnati b'Ordni tal-Ministru.

ANNESS A

APPLIKAZZJONI LILL-MINISTRU RESPONSABBLI GĦALL-FINANZI MINN KORP TA' PERSUNI BIEX JAKKWISTAW PROPRJETÀ IMMOBBLI F'MALTA SKOND L-ATT DWAR L-AKKWIST TA' PROPRJETÀ IMMOBBLI MINN PERSUNI MHUX RESIDENTI (KAP. 246)

TAQSIMA I

A. Partikolaritajiet dwar l-applikant li jaqa' taħt paragrafu (ċ) tat-tifsira "persuna mhux residenti" fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti, Kap. 246 (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-Att).

1. Isem tal-korp, assoċjazzjoni, awtorità eċċ. jew entità oħra li tkun qed tapplika:

..........................................................................................
..........................................................................................

2. Jekk dawn humiex korporati jew le:

................................................................

3. Fejn jew taħt liema liġijiet u ta' liema pajjiż dawn jinsabu kostitwiti, iffurmati, stabbiliti, inkorporati jew reġistrati: (għandha tintehmeż kopja awtentikata ta' kull kuntratt ta' kostituzzjoni jew inkorporazzjoni rilevanti) .....................................................................

4. Jekk ikollhomx il-post prinċipali ta' residenza jew kummerċ tagħhom barra minn Malta:

......................................................................

5. (a) Lista ta' l-azzjonisti kollha li tkun turi l-għadd ta' ishma li jinżammu minn kull wieħed, iċ-ċittadinanza ta' kull azzjonist u l-post ta' residenza; u

........................................................................................
........................................................................................

(b) Meta l-azzjonist ikun korp, assoċjazzjoni, awtorità eċċ., il-partikolaritajiet kollha relattivi għalihom skond (a) hawn qabel:

........................................................................................
........................................................................................

(Tista' tintehmeż lista separata ma' l-applikazzjoni li tkun iffirmata mill-applikant u ġġib id-data kif imiss, u nota li tkun tgħid dan u li ssir fl-ispazju ta' hawn fuq).

6. Jekk dawn ikunux b'xi mod sew direttament sew indirettament kontrollati minn xi persuna mhux residenti waħda jew iżjed kif imfisser fl-Att:

..........................................................................................

..........................................................................................

(Għandhom jingħataw il-partikolaritajiet kollha kif ikun meħtieġ)

B. Partikolaritajiet dwar il-proprjetà immobbli li tkun se tiġi akkwistata minn persuni mhux residenti.

1. Deskrizzjoni dettaljata ta' proprjetà immobbli inkluż it-tip ta' proprjetà, il-lokalità u partikolaritajiet oħra meħtiega sabiex din tiġi identifikata u l-area tal-proprjetà f'metri kwadri:

..........................................................................................

..........................................................................................

..........................................................................................

..........................................................................................

2. Il-prezz jew korrispettiv ieħor li jkun qed jitħallas:

................................

3. Jekk ikun se jsir xi żvilupp, dettalji ta' l-ispejjeż tax-xogħlijiet u ż-żmien kalkolat sabiex jilħaq isir dak ix-xogħol:

..........................................................................................

4. Taħt liema titlu tkun se tiġi akkwistata l-proprjetà immobbli:

..........................................................................................

(L-applikant għandu jippreżenta kopja tal-konvenju u ta' dokumenti oħra relatati li jkollhom x'jaqsmu ma' l-akkwist tal-proprjetà).

5. Skop għaliex tkun se tiġi akkwistata l-proprjetà immobbli:

..........................................................................................

6. Mnejn ikunu ġejjin il-flus għall-akkwist tal-proprjetà immobbli:

.............................................................................................

7. Partikolaritajiet oħra:

.............................................................................................

.............................................................................................

C. Partikolaritajiet tal-persuna li tkun qegħda tiġi akkwistata l-proprjetà immobbli mingħandha.

1. Isem: ...........................................................................

2. Indirizz:.......................................................................

.............................................................................................

D. Dettalji ta' kull proprjetà immobbli f'Malta li l-applikant diġà jkollu pussess tagħha jew ikun proprjetarju tagħha b'xi jew taħt liema titlu jkun:

.............................................................................................

.............................................................................................

.............................................................................................

Jiena qiegħed hawn niddikjara li l-partikolaritajiet hawn qabel mogħtija huma veri u korretti u li hu maħsub li l-proprjetà immobbli tintuża għall-iskop hawn qabel imsemmi.

Data ................................

Firma ta' l-Applikant ..................................

NOTA: L-applikant jinsab mgħarraf li l-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni ta' importanza għar-rigward ta' l-għoti ta' permess mill-Ministru, li tkun skorretta jew qarrieqa, tirrendi fost affarijiet oħra kontemplati fl-Att kuntratt jew att relattiv null u bla effett.

TAQSIMA II

Għall-użu ta' l-uffiċċju biss.

ANNESS B

APPLIKAZZJONI LILL-MINISTRU RESPONSABBLI GĦALL-FINANZI MINN INDIVIDWU SABIEX JAKKWISTA PROPRJETÀ IMMOBBLI F'MALTA SKOND L-ATT DWAR L-AKKWIST TA' PROPRJETÀ IMMOBBLI MINN PERSUNI MHUX RESIDENTI (KAP. 246)

TAQSIMA I

A. Partikolaritajiet ta' l-applikant:

1. Isem u kunjom: ............................................................

2. Post u data tat-twelid: ..................................................

3. Ismijiet tal-ġenituri inkluż kunjom xbubit l-omm:
.........................................................................................

4. Professjoni jew sengħa:................................................

5. Ċittadinanza: ................................................................

6. Post ta' residenza: (indirizz sħiħ) .................................
.........................................................................................
.........................................................................................

7. Indirizz postali tar-residenza jekk differenti minn dak ta' hawn qabel:
.........................................................................................
.........................................................................................

Żewġ ritratti tat-tip li jintużaw fuq passaport ta' l-applikant u fotokopja tal-passaport ta' l-applikant fejn jintwerew id-dettalji, għandha tiġi mehmuża flimkien ma' din l-applikazzjoni

B. Partikolaritajiet tal-proprjetà immobbli li għandha tiġi akkwistata minn persuna mhux residenti

1. Deskrizzjoni dettaljata ta' proprjetà immobbli (i) tip ta' proprjetà, lokalità, irjieħat (meta dan ikun meħtieġ) u partikolaritajiet oħra li jkunu meħtieġa biex jidentifikawha u (ii) daqs tal-proprjetà fejn tingħata l-area shiħa f'metri kwadri, dettalji tal-bini, u kull ħaġa oħra relattiva għal dan kollu, (iii) sew jekk il-proprjetà tkun jew ma tkunx ta' importanza storika jew tkun tinsab f'area storika:

..........................................................................................
..........................................................................................
..........................................................................................
..........................................................................................
..........................................................................................
..........................................................................................
..........................................................................................

2. Il-prezz jew korrispettiv ieħor li jkun qed jitħallas:......................

3. Jekk din tkun għall-iżvilupp, dettalji ta' l-ispiża tax-xogħlijiet u ż-żmien li x'aktarx jittieħed biex isir kollu:

..........................................................................................
..........................................................................................

4. Taħt liema titlu il-proprjetà immobbli tkun se tiġi akkwistata:

..........................................................................................

(L-applikant għandu jippreżenta kopja tal-konvenju u ta' kull dokument li jkollu x'jaqsam ma' l-akkwist tal-proprjetà).

5. Skop li għalih tkun se tiġi akkwistata il-proprjetà immobbli:

..........................................................................................

6. Mnejn ikun ġejjin il-flus għall-akkwist tal-proprjetà immobbli:

..........................................................................................

7. Xi partikolaritajiet oħra: ................................................

C. Partikolaritajiet tal-persuna jew korp ta' persuni li mingħandhom tkun qiegħda tiġi akkwistata il-proprjetà immobbli:

1. Isem: ..............................................................................

2. Indirizz: ........................................................................
.........................................................................................

3. Ċittadinanza jew fil-każ ta' korp ta' persuni, jekk hux "residenti" skond l-Att
.........................................................................................
.........................................................................................

D. Partikolaritajiet ta' proprjetà immobbli li tkun diġà miżmuma minn sid jew li tkun tinsab fil-pussess tiegħu:

1. Dettalji ta' kull proprjetà immobbli f'Malta li tkun diġà miżmuma minn sid jew li tkun tinsab għandu taħt liema titlu jkun mill-applikant: .......................................................
.........................................................................................

2. Dettali ta' kull proprjetà immobbli f'Malta li tkun diġà miżmuma bi proprjetà jew li tkun tinsab għandhom taħt liema titlu jkun mill-familja ta' l-applikant:
.........................................................................................
.........................................................................................

3. Dettalji ta' kull proprjetà immobbli f'Malta mneħħija mill-applikant jew minn xi membru tal-familja tiegħu matul l-aħħar 10 snin: .........................................................................
.........................................................................................

Qiegħed b'dan niddikjara li l-partikolaritajiet huma veri u korretti.

Data................................

Firma ta' l-Applikant/Mandatarju/Prokuratur

.....................................................

NOTA: L-applikant jinsab mgħarraf li l-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni ta' importanza għar-rigward ta' l-għoti ta' permess mill-Ministru, li tkun skorretta jew qarrieqa, tirrendi fost affarijiet oħra kontemplati fl-Att kuntratt jew att relattiv null u bla effett.

TAQSIMA II

Għall-użu ta' l-uffiċċju biss.".

Disposizzjoni transitorja.

**45.** Sakemm jiġi ppubblikat l-aġġustament imsemmi f'artikolu 6 ta' l-Att prinċipali, mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, il-valuri stabbiliti fl-avviż legali 98 ta' l-1999 għandhom ikomplu japplikaw.

## Taqsima X

Emenda ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kap. 249.

**46.** (1) Din it-Taqsima temenda u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar l-Interpretazzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha tibda sseħħ f'dik id-data li l-Prim Ministru jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

Żieda ta' l-artikolu 16 ġdid ma' l-Att prinċipali.

**47.** Minnufih wara l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Pubblikazzjoni elettronika.

16. Meta xi att jew dokument ikun meħtieġ li jiġi ppubblikat fil-Gazzetta, ikun biżżejjed li dak l-att jew dokument jiġi pubblikat f'format elettroniku fuq CD Rom jew li jintgħamel disponibbli fuq *website* li tkun pubblikament aċċessibbli fuq l-internet u li jiġi pubblikat avviż fil-Gazzetta dwar dik il-pubblikazzjoni f'format elettroniku fuq CD Rom jew li d-dokument ikun disponibbli fuq *website*:

Iżda meta att jew dokument Jiġi hekk pubblikat f'format elettroniku fuq CD Rom jew jintgħamel hekk disponibbli fuq *website* li tkun pubblikament aċċessibbli fuq l-internet, għandu jkun hemm kopja ta' dak id-dokument li tkun disponibbli għall-ispezzjon pubbliku matul il-ħinijiet normali tax-xogħol f'dipartiment jew uffiċċju tal-Gvern u għandu jiġi wkoll pubblikat avviż dwar dik id-disponibbilt· fil-Gazzetta.".

## Taqsima XI

Emenda ta' l-Att dwar l-Estradizzjoni. Kap. 276.

**48.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar l-Estradizzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha tibda sseħħ f'dik id-data li l-Ministru tal-Ġustizzja jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi.

Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

**49.** L-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "kull pajjiż li miegħu jkun hemm jew ikun sar arranġament" għandhom jiżdiedu l-kliem "inklużi kull arranġament, deċiżjoni, ordni jew att ieħor ta' l-Unjoni Ewropea magħmulin taħt jew skond it-Trattat"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu li ġej:

"(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "it-Trattat" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea.".

## Taqsima XII

Emenda ta' l-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk. Kap. 315.

**50.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha tibda sseħħ f'dik id-data li l-Ministru tas-Saħħa Pubblika jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

**51.** Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi mħassar u s-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi numerat mill-ġdid bħala d-disposizzjoni sħiħa ta' dak l-artikolu, u l-artikolu kif numerat mill-ġdid għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira ta' "preskritt" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "prodott tat-tabakk" tfisser prodotti għall-finijiet ta' tipjip magħmulin kollha kemm huma jew f'parti minnhom mit-tabakk;";

(b) minnufih wara t-tifsira ta' "prodott tat-tabakk" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "reklamar" tfisser kull għamla ta' komunikazzjoni kummerċjali li jkollha l-iskop li tippromwovi, b'mod dirett jew mhux dirett, prodotti tat-tabakk;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira ta' "rekwiżiti għat-tipjip" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "servizzi ta' soċjetá ta' informazzjoni" tfisser servizzi fil-kuntest tat-tifsira ta' l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 98/34/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju ta' l-1998 li tistipula proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' standards u regolamenti tekniċi u ta' regoli dwar Servizzi ta' Soċjetá ta' Informazzjoni kif emendati bid-Direttiva 98/48 EC (pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea taħt ir-riferenza OJ L 204, 21.7.1998 1937 u OJ L 217, 5.8.1998, rispettivament);";

(d) minnufih wara t-tifsira ta' "sigarrett" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "sponsorjar" tfisser kull għamla ta' kontribuzzjoni pubblika jew privata għal xi avveniment, attivitá jew individwu bil-għan jew effett dirett jew mhux dirett li ssir il-promozzjoni ta' prodott tat-tabakk;";

(e) fit-tifsira "tabakk" minflok il-kliem "għat-tabakk" għandhom jidħlu l-kliem "għat-tabakk, u tinkludi kull prodott tat-tabakk"; u

(f) minnufih wara t-tifsira ġdida ta' "reklamar" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "uffiċjal awtorizzat" tinkludi lil kull persuna assenjata fid-Dipartiment tas-Saħħa awtorizzata kif imiss mis-Suprintendent biex teżerċita kull setgħa tas-Suprintendent skond dan l-Att, u tinkludi wkoll uffiċjali tal-pulizija;".

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

**52.** L-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

(a) l-artikolu 4 sħiħ kif inhu bħalissa għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 4; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) kif enumerat mill-ġdid, għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli (2), (3) u (4) ġodda li ġejjin:–

“(2) Ir-radju, it-televiżjoni u programmi oħra mxandra b’mezzi oħra ma għandhomx ikunu sponsorjati minn impriżi li l-attività prinċipali tagħhom tkun il-manifattura jew il-bejgħ ta’ prodotti tat-tabakk.

(3) Ebda prodott tat-tabakk ma għandu jġib l-isem tad-ditta, *trade mark*, emblema jew fattizz distintiv ieħor ta’ xi prodott jew servizz ieħor, kemm-il darba dak il-prodott tat-tabakk ma jkunx qabel ġie kkummerċjat taħt dak l-isem tad-ditta, *trade mark*, emblema jew fattizz distintiv ieħor qabel dak il-proġett l-ieħor.

(4) L-isem tad-ditta, *trade mark*, emblema u kull fattizz distintiv ieħor ta’ prodott jew servizz għandhom ikunu ppreżentati b’mod għalkollox distint minn dak użat għall-prodott tat-tabakk.”.

Enumerazzjoni mill-ġdid ta’ l-artikolu 5 ta’ l-Att prinċipali.

**53.** L-artikolu 5 ta’ l-Att prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu 7 ta’ dak l-Att.

Sostituzzjoni ta’ l-artikolu 6 ta’ l-Att prinċipali.

**54.** Minflok l-artikolu 6 ta’ l-Att prinċipali għandhom jidħlu l-artikoli 6 u 6A li ġejjin:

“Projbizzjoni ta’ tqassim b’xejn jew xi metodu ieħor ta’ promozzjoni.

6. (1) Kull reklamar fl-istampa u f’pubblikazzjonijiet oħra stampati għandu jkun limitat għal pubblikazzjonijiet esklużivament intiżi għall-professjonisti li jkunu jaħdmu fin-negozju tat-tabakk u għal pubblikazzjonijiet li jkunu stampati u ppubblikati f’pajjiżi oħra, meta dawk il-pubblikazzjonijiet ma jkunux prinċipalment intiżi għas-suq lokali.

(2) Ikun ipprojbit kull reklamar ieħor fl-istampa u f’pubblikazzjonijiet stampati oħra.

(3) Reklamar li ma jkun la permess fl-istampa u lanqas f’pubblikazzjonijiet stampati oħra ma għandux ikun permess f’servizzi ta’ soċjetà ta’ informazzjoni.

Sponsorjar.

6A. (1) Għandu jkun projbit l-isponsorjar ta’ avvenimenti jew attivitajiet li jkunu jinvolvu lil diversi Stati Membri ta’ l-Unjoni Ewropea jew li xort’oħra jkollhom effett transkonfini.

(2) Kull tqassim b'xejn ta' prodotti tat-tabakk fil-kuntest ta' l-isponsorjar ta' avvenimenti kif imsemmi fis-subartikolu (1), li jkollu l-iskop jew l-effett dirett jew mhux dirett li jippromwovi dawk il-prodotti, għandu jkun projbit.".

Enumerazzjoni mill-ġdid ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

**55.** L-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu 5 ta' dak l-Att.

Sostituzzjoni ta' l-artikoli 8 u 9 ta' l-Att prinċipali.

**56.** Minflok l-artikoli 8 u 9 ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu dawn li ġejjin:

"Avviżi dwar is-saħħa.

8. (1) Kull pakkett tas-sigarretti u kull prodott tat-tabakk ieħor importat, mibjugħ, imqassam jew fornut, sew jekk jingħata jew ma jingħatax kumpens, għandu jkollu fuqu dik l-informazzjoni, inkluża informazzjoni dwar l-ingredjenti u l-kwantititajiet tagħhom.

(2) Għall fini tas-subartikolu (1) u għal kull fini ieħor ta' dan l-Att, is-Suprintendent jista' jitlob lill-manifatturi u lill-importaturi tas-sigarretti u prodotti tat-tabakk jissottomettu lista ta' l-ingredjenti kollha u tal-kwantitajiet relattivi li jintużaw fil-manifattura ta' tali prodotti tas-sigarretti jew tat-tabakk.

Regolamenti.

9. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti għall-aħjar twettiq tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u sabiex inaqqas il-ħsara li tirriżulta mill-konsum tat-tabakk jew prodotti tat-tabakk, u b'mod partikolari u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralit· ta' dik is-setgħa, jista' jagħmel regolamenti għal kull wieħed jew xi wieħed minn dawn l-iskopijiet li ġejjin:

(a) biex jippreskrivi li l-avviżi dwar is-saħħa skond dawk imsemmija fl-artikolu 10 għandhom jitwaħħlu f'pożizzjonijiet prominenti f'postijiet pubbliċi u fuq vetturi li jkollhom liċenza jew li jintużaw għat-trasport pubbliku, u li d-detentur tal-liċenza u s-sewwieq ikollhom id-dmir, skond il-każ, li jħarsu dak ir-regolament;

(b) biex jippreskrivi l-inqas kontenut permissibbli ta' qatran, nikotina u kontenut ieħor li jista' jkun fihom is-sigarretti jew għamliet oħra ta' tabakk jew prodotti tat-tabakk, u l-ogħla riżultat ta' dawk is-sustanzi li jistgħu jinkisbu minnhom;

(ċ) biex jippreskrivi il-kondizzjonijiet li taħthom il-bejgħ jew it-tqassim ta' sigarretti, sigarri jew prodotti oħra tat-tabakk għandhom ikunu projbiti jew ristretti;

(d) biex jipprojbixxi jew jikkontrolla kull reklam li jkun b'mod dirett jew mhux dirett konness mat-tabakk jew mat-tipjip tat-tabakk;

(e) biex jikkontrolla n-numru ta' sigarretti li jistgħu jiġu offerti għall-bejgħ bħala pakkett wieħed bl-imnut, u sabiex jipprojbixxi l-bejgħ ta' sigarretti sfużi:

Iżda l-Ministru ma għandux jagħmel regolamenti li jipprojbixxu l-bejgħ ta' pakketti ta' sigarretti li jkun fihom dak in-numru ta' sigarretti bħall-pakketti tas-sigarretti li jkun hemm għall-bejgħ fil-jum tal-bidu fis-seħħ ta' dan il-paragrafu;

(f) biex jikkontrrolla l-mod kif jiġu ppreżentati s-sigarretti, sigarri u prodotti oħra tat-tabakk;

(g) biex jipprojbixxi jew jikkontrolla t-tipjip f'xi post jew parti minnu; u

(h) biex jippreskrivi kull ħaġa oħra li tista' jew li tkun meħtieġa li tiġi preskritta b'dan l-Att.".

**57.** Fl-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali, il-kliem "il-lingwa," għandhom jitħassru. Emenda ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

**58.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "dikjarazzjoni korretta ta' l-ammont ta' qatran u ta' nikotina f'kull sigarrett" għandhom jidħlu l-kliem "dik l-informazzjoni li s-Suprintendent jista' minn żmien għal żmien jeħtieġ b'regolamenti li jagħmel". Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

**59.** L-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu, u minnufih wara s-subartikolu (1) kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej: Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

"(2) Ħadd ma jista' jbiegħ jew jawtorizza l-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk fi jew minn -

(a) l-imkejjen ta' sptarijiet, kliniċi, spiżeriji jew stabbilimenti tal-kura tas-saħħa oħra;

(b) l-imkejjen ta' skejjel, kulleġġi, jew xi istituzzjoni edukattiva oħra;

(ċ) faċilitajiet sportivi jew atletiċi.".

Emenda ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali.

**60.** L-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "is-sittax-il sena" għandhom jidħlu l-kliem "it-tmintax-il sena";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem minn "fir-ristoranti" sa "fejn il-bejgħ minn dawn il-makni jista' jkun kontrollat" għandhom jidħlu l-kliem "fejn dawn il-makni jistgħu jkunu kontrollati"; u

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "is-sittax-il sena" għandhom jidħlu l-kliem "it-tmintax-il sena".

Emenda ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali.

**61.** L-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "jew jekk ikun reġistrat;" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew f'xi post jew stabbiliment ieħor jew parti minnu skond ma l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jipprovdi permezz ta' regolamenti li jagħmel taħt dan l-Att;", u minflok il-kliem "sittax-il sena" għandhom jidħlu l-kliem "tmintax-il sena";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jitħassar; u

(ċ) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi numerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (2) tiegħu.

Emenda ta' l-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali.

**62.** Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Kull min jinsab ħati ta' reat kontra dan l-Att jew kontra regolamenti magħmulin taħt dan l-Att jista', mingħajr preġudizzju għal kull responsabbiltà li jkollu taħt kull liġi oħra, jeħel, meta jinsab ħati għall-ewwel darba, multa ta' mhux inqas minn mitt lira u mhux iżjed minn ħames mitt lira, u meta l-att jew l-ommissjoni li jkunu jagħmlu r-reat jibqgħu għaddejin għal iktar minn ġurnata, il-Qorti għandha iktar minn hekk timponi multa ta' mhux inqas minn għaxar liri u mhux iżjed minn ħamsin lira għal kull ġurnata li matulha dak l-att jew ommissjoni jibqa' għaddej, u meta jkun hemm sejbien ta' ħtija għat-tieni jew aktar drabi, b'żieda ma' dawk il-pieni, u, fuq talba tal-prosekuzzjoni, għal priġunerija għal żmien

mhux iżjed minn tliet xhur, u għas-sospensjoni tal-liċenza ta' xi fond jew mezz tat-trasport pubbliku fejn ikun sar ir-reat, għal perjodu ta' mhux inqas minn ġimgħa u mhux iżjed minn xahar.".

**63.** Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali.

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "bħala *Chairman*" għandhom jidħlu l-kliem "bħala *Chairman*, jew ir-rappreżentant tiegħu";

(b) minflok il-paragrafu (d) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(d) id-Direttur tal-Promozzjoni tas-Saħħa, jew ir-rappreżentant tiegħu;"; u

(ċ) minflok is-subparagrafi (i) u (ii) tal-paragrafu (e) għandu jidħol dan li ġej:

"(i) uffiċjal inkarigat mill-promozzjoni tas-saħħa mid-Dipartiment tas-Saħħa;

(ii) membru wieħed ta' Assoċjazzjoni tal-Konsumaturi;".

## Taqsima XIII

**64.** Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar l-*Eurocontrol*, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda ta' l-Att dwar l-*Eurocontrol*, Kap. 333.

**65.** L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

(a) id-disposizzjoni preżenti għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala l-artikolu (1) tiegħu;

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid:

(i) fit-tifsira ta' "*Agency*" il-kliem "*Air Traffic Services*" għandhom jitħassru;

(ii) minflok it-tifsira "Ordni dwar in-Navigazzjoni ta' l-Ajru" u l-kliem "A.L. 10 ta' l-1963 fin-nota marġinali għandu jidħol dan li ġej:

"A.L. 176 ta' l-1990.

"Ordni dwar in-Navigazzjoni ta' l-Ajru" tfisser The Air Navigation Order, 1990, jew kull Ordni oħra li tissostitwiha;";

(iii) it-tifsiriet ta' "Commission", "Stat Kontraenti", "Multilateral Agreement", "State addressed" u "State of Origin" għandhom jiġu mħassra;

(iv) minnufih wara titfsira ta' "Ordni dwar in-Navigazzjoni ta' l-Ajru " għandhom jidħlu dawn it-tifsiriet li ġejjin:

" "Parti Kontraenti" tfisser Stat li jkun jew li jsir parti fil-Konvenzjoni;

"Parti Kontraenti indikata" għar-rigward ta' deċiżjoni tfisser il-Parti Kontraenti li fiha tintalab li d-deċiżjoni tiġi infurzata;

"Parti Kontraenti ta' Oriġini" għar-rigward ta' deċiżjoni tfisser il-Parti Kontraenti li fiha tkun ingħatat id-deċiżjoni;";

(v) minflok it-tifsira ta' "Konvenzjoni" għandu jidħol dan li ġej:

" "Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni dwar il-Koperazzjoni għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni bl-Ajru (Eurocontrol) iffirmata fi Brussel fit-13 ta' Diċembru, 1960, kif emendata bil-Protokoll Addizzjonali li hemm magħha ffirmat fi Brussel fis-6 ta' Lulju 1970, kif imbagħad emendata bl-emenda għall-Protokoll Addizzjonali ffirmat fi Brussel fil-21 ta' Novembru, 1978, u kif emendata bil-Protokolli li jemendaw il-Konvenzjoni iffirmati fi Brussel fit-12 ta' Frar, 1981 u s-27 ta' Ġunju 1997, liema Konvenzjoni u Protokolli jinsabu depożitati fl-Arkivji tar-Renju tal-Belġju; test konsolidat tal-Konvenzjoni u l-Protokolli qiegħed fl-Iskeda li tinsab ma dan l-Att;";

(vi) fit-tifsira ta' "Eurocontrol" minflok il-kliem minn "Permanent Commission" sal-kliem "l-Organization", għandhom jidħlu l-kliem "il-General Assembly, Council u Agency kompriżi f'dik l-Organization";

(vii) fit-tifsira ta' "manager" minflok il-kliem minn "l-artikolu 61" sal-kliem "Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili", għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 69 ta' l-Ordni dwar in-Navigazzjoni ta' l-Ajru, jew id-disposizzjoni korrispondenti ta' xi ordni li tissostitwiha;"; u

(viii) fit-tifsira "autorità rilevanti" minflok il-kliem "Stat Kontraenti" għandhom jidħlu l-kliem "Parti Kontraenti"; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied dan is-subartikolu (2) li ġej:

"(2) Fil-każ ta' inkonsistenza bejn it-test tal-Konvenzjoni kif riprodott fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att u t-test tal-Konvenzjoni depożitata fl-Arkivji tar-Renju tal-Belġju, dan l-aħħar test għandu jipprevali.".

**66.** Fl-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali, il-kliem "jew fil-Multilateral Agreement" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

**67.** In-nota marġinali "A.L.10 ta' l-1963" maġenb l-artikolu 6(5) ta' l-Att prinċipali għandha titħassar.

Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

**68.** Fl-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali, il-kliem "jew il-Multilateral Agreement" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

**69.** Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "l-Artikolu 22" kull fejn dawn jidhru, għandhom jidħlu l-kliem "l-Artikolu 25".

Emenda ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

**70.** Minflok il-kliem "l-Artikolu 13 tal-Multilateral Agreement" fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu l-kliem "l-Artikolu 8 ta' l-Anness IV mal-Konvenzjoni", u l-kliem "jew tal-Multilateral Agreement" fis-subartikolu (3) ta' l-imsemmi artikolu 11 tal-liġi prinċipali għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

**71.** L-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "fi Stat Kontraenti" għandhom jidħlu l-kliem "f'Parti Kontraenti";

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "fl-Artikolu 15 tal-Multilateral Agreement" u minflok il-kliem "l-Artikolu 16 ta' l-imsemmi Multilateral Agreement" għandhom rispettivament

jidħlu l-kliem "fl-Artikolu 11 ta' l-Anness IV mal-Konvenzjoni" u l-kliem "l-Artikolu 12 ta' l-Anness IV mal-Konvenzjoni";

(ċ) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "l-Artikolu 13 tal-Multilateral Agreement" u minflok il-kliem "fl-Artikolu 18 tal-Multilateral Agreement" għandhom rispettivament jidħlu l-kliem "l-Artikolu 8 ta' l-Anness IV mal-Konvenzjoni" u l-kliem "fl-Artikolu 14 ta' l-Anness IV mal-Konvenzjoni"; u

(d) fis-subartikolu (8) tiegħu, minnufih wara l-kliem "tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili" għandhom jidħlu l-kliem "jew ta' xi liġi oħra li jkollha x'taqsam mar-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi barranin".

Emenda ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali.

**72.** Fl-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali, u fin-nota marġinali maġenbu, il-kliem "u għall-Multilateral Agreement" kull fejn dawn jinsabu, għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

**73.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "L-Iskedi li jinsabu ma' dan l-Att għandhom ikunu" għandhom jidħlu l-kliem "L-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att għandha tkun".

Sostituzzjoni ta' l-Iskedi ma' l-Att prinċipali.

**74.** Minflok l-iskedi ma' l-Att prinċipali, għandha tidħol din l-Iskeda ġdida li ġejja:

**"Schedule**

(Articles 2 and 14)

CONSOLIDATED VERSION WHICH INCORPORATES THE TEXTS REMAINING IN FORCE OF THE EXISTING CONVENTION AND THE AMENDMENTS MADE BY THE DIPLOMATIC CONFERENCE OF 27 JUNE 1997

CONSOLIDATED TEXT OF THE ENACTING TERMS OF THE CONVENTION

Article 1

1. In order to achieve harmonisation and integration with the aim of establishing a uniform European air traffic management system, the Contracting Parties agree to strengthen their co-operation and to develop their joint activities in the field of air navigation, making due allowance for defence needs and providing maximum freedom for all airspace users consistent with the required level of safety in the provision of cost-effective air traffic services, and taking into account the need to minimise, where this is feasible, *inter alia*, in operational, technical and economic terms, any adverse environmental impact.

The pursuit of these objectives shall not prejudice the principle that every State has complete and exclusive sovereignty over the airspace above its territory nor the capacity of every State to exercise its prerogatives with regard to security and defence in its national airspace.

To this end, they agree:

(a) to determine a European policy in the air traffic management field, involving the definition of strategies and programmes whose objective is to develop the capacity needed to meet the requirements of all civil and military users in a cost-effective manner while maintaining the required level of safety;

(b) to commit themselves to the establishment of specific targets regarding the efficiency and effectiveness of air traffic management operations in the Flight Information Regions listed in Annex II to this Convention in which States, pursuant to the relevant provisions of the Convention on International Civil Aviation, have agreed to provide air traffic services without prejudice to the principles of free movement in airspace not subject to the sovereignty of the States which result from conventions, international agreements, and the rules or principles of customary public international law;

(c) to introduce an air traffic management performance review and target setting system;

(d) to implement a common convergence and implementation plan for air navigation services and facilities in Europe;

(e) to adopt and apply common standards and specifications;

(f) to harmonise air traffic services regulations;

(g) to develop the available capacity to meet the air traffic demand and to ensure its most effective utilisation through the joint establishment, operation and development of a common European air traffic flow management system, in the framework of the introduction of a uniform European air traffic management system;

(h) to encourage common procurement of air traffic systems and facilities;

(i) to implement a common policy for the establishment and calculation of charges levied on users of en route air navigation facilities and services, hereinafter called "route charges";

(j) to implement a mechanism, separate from service provision, for the multilateral development and harmonisation of a safety regulatory regime in the field of air traffic management within a total aviation safety system approach;

(k) to participate in the design, the implementation and the monitoring of a global navigation satellite system;

(l) to identify new possibilities for common actions in the field of design, implementation, monitoring or operation of systems and services in air navigation;

(m) in the context of a "gate-to-gate" concept, to develop an overall policy and an appropriate, efficient and effective process for the strategic design and planning of routes and airspace.

2. For this purpose they hereby establish a "European Organisation for the Safety of Air Navigation (EUROCONTROL)", hereinafter called "the Organisation", which shall act in co-operation with the national civil and military authorities and the user organisations. The Organisation shall comprise three organs:

(a) a General Assembly, which shall constitute the organ responsible for the formulation and approval of the Organisation's general policy, including:

(i) the common policy for route charges and the Organisation's other charges activities;

(ii) the performance review and assessment functions of the Organisation;

(iii) the setting of objectives for the Organisation, including those of standardisation, planning, performance and safety regulation;

(iv) the technical and financial selection of major framework programmes for co-operation;

(v) external relations with States and organisations and applications for accession to this Convention;

(b) a Council, which shall constitute the organ tasked with implementing the General Assembly's decisions and, subject to the powers conferred upon the latter, ruling on all measures which are addressed to and binding on the Contracting Parties, and supervising the Agency's work;

(c) an Agency, whose Statute is contained in Annex I to this Convention, which shall be the organ entrusted to undertake the Organisation's tasks, in accordance with the provisions of the following articles of this Convention and the tasks assigned to it by the General Assembly or the Council, to initiate relevant proposals and to deploy the technical, financial and staff resources to achieve the objectives laid down.

3. The headquarters of the Organisation shall be in Brussels.

Article 2

1. The Organisation shall undertake the following tasks:

(a) to develop and endorse detailed plans for the harmonisation and integration of the air traffic services and systems of the Contracting Parties, in particular the ground and airborne air navigation systems, with a view to the establishment of a uniform European air traffic management system;

(b) to coordinate the implementation plans of the Contracting Parties so as to secure convergence towards a uniform European air traffic management system;

(c) to examine and coordinate on behalf of the Contracting Parties matters in the field of air navigation studied by the International Civil Aviation Organization (ICAO) and other international organisations concerned with civil aviation and to coordinate and submit amendments or proposals to these bodies;

(d) to define, design, develop, validate and organise the implementation of a uniform European air traffic management system;

(e) to develop and operate a common European air traffic flow management system at a common international centre in the framework of (d) above;

(f) to develop, adopt, and keep under review common standards, specifications and practices for air traffic management systems and services;

(g) to develop and endorse procedures towards a strategy for the common procurement of air traffic systems and facilities;

(h) to coordinate the Contracting Parties' research and development programmes relating to new techniques in the field of air navigation, to collect and distribute their results and to promote and conduct common studies, tests and applied research as well as technical developments in this field;

(i) establish an independent performance review system that will address all aspects of air traffic management, including policy and planning, safety management at and around airports and in the airspace, as well as financial and economic aspects of services rendered, and set targets that will address all these aspects;

(j) to study and promote measures for improving cost-effectiveness and efficiency in the field of air navigation;

(k) to develop and endorse common criteria, procedures and methods to ensure the highest efficiency and quality of air traffic management systems and air traffic services;

(l) to develop proposals for the harmonisation of European air traffic services regulations;

(m) to support the improvement of efficiency and flexibility in the use of airspace between civil and military users;

(n) to develop and endorse coordinated or common policies to improve air traffic management at and around airports;

(o) to develop and endorse common criteria for the selection, and common policies for the training, licensing, and proficiency checking of air traffic services staff;

(p) to develop, establish and operate the future common European system elements entrusted to it by the Contracting Parties;

(q) to establish, bill and collect the route charges on behalf of the Contracting Parties participating in the common route charges system as provided for in Annex IV;

(r) to establish and implement a mechanism for the multilateral development and harmonisation of safety regulation in the air traffic management field;

(s) to perform any other task relating to the principles and objectives of this Convention.

2. At the request of one or more Contracting Parties and on the basis of a special agreement or agreements between the Organisation and the Contracting Parties concerned, the Organisation may:

(a) assist such Contracting Parties in the planning, specification and setting up of air traffic systems and services;

(b) provide and operate, wholly or in part, air traffic facilities and services on behalf of such Contracting Parties;

(c) assist such Contracting Parties in the establishment, billing and collection of charges which are levied by them on users of air navigation services and which are not covered by Annex IV to this Convention.

3. The Organisation may:

(a) conclude special agreements with non-Contracting Parties interested in participating in the performance of the tasks provided for in Article 2.1;

(b) at the request of non-Contracting Parties or other international organisations, perform on their behalf any other tasks pursuant to this Article, on the basis of special agreements between the Organisation and the Parties concerned.

4. The Organisation shall, as far as is practicable, ensure that its service provision functions, in particular those provided for in Articles 2.1 (e), 2.1 (g), 2.1 (p), 2.1 (q), 2.2 and 2.3 (b), are exercised independently of its regulatory functions.

5. In order to facilitate the execution of its tasks, the Organisation may, by decision of the General Assembly, create undertakings governed by specific articles of association governed either by public international law or by the national law of a Contracting Party, or acquire majority shareholdings in such undertakings.

Article 3

1. This Convention shall apply to en route air navigation services and related approach and aerodrome services for air traffic in the Flight Information Regions listed in Annex II.

2. (a) Any amendment which a Contracting Party wishes to make to the list of its Flight Information Regions in Annex II shall be decided upon by the General Assembly by unanimity of the votes cast if it would result in a change in the overall limits of the airspace covered by this Convention.

(b) Any amendment which does not result in such a change shall nevertheless be notified to the Organisation by the Contracting Party concerned.

3. For the purposes of this Convention the expression "air traffic" shall comprise civil aircraft and those military, customs and police aircraft which conform to the procedures of the International Civil Aviation Organization.

On the basis of a special agreement, as provided for in Article 2.2(b), a Contracting Party may request that the expression "air traffic" shall apply to other air traffic operating within its territory.

Article 4

The Organisation shall have legal personality. In the territory of the Contracting Parties it shall have the fullest legal capacity to which corporate bodies are entitled under national law; it shall *inter alia* have the right to acquire or transfer movable or immovable property and to go to law. Except as otherwise provided in this Convention or the Statute at Annex I, it shall be represented by the Agency, which shall act in its name. The Agency shall administer the property of the Organisation.

Article 5

1. The General Assembly shall be composed of representatives of the Contracting Parties at Ministerial level. Each Contracting Party may appoint several delegates in order, in particular, to allow the interests of both civil aviation and national defence to be represented, but shall have only a single voting right.

2. The Council shall be composed of representatives of the Contracting Parties at the level of the Directors General for Civil Aviation. Each Contracting Party may appoint several delegates in order, in particular, to allow the interests of both civil aviation and national defence to be represented, but shall have only a single voting right.

3. On matters relating to the common route charges system, the General Assembly and the Council shall be made up of representatives of the Contracting Parties participating in the common route charges system under the conditions stipulated in Annex IV.

4. The representatives of international organisations which can contribute to the work of the Organisation shall, where appropriate, be invited by the General Assembly, or the Council, to participate as observers, in bodies of the Organisation.

Article 6

1. The General Assembly shall take decisions with regard to the Contracting Parties, the Council and the Agency, in particular in the cases referred to in Article 1.2(a).

In addition, the General Assembly shall:

(a) appoint the Director General of the Agency, on the Council's recommendation;

(b) authorise recourse on behalf of the Organisation to the Permanent Court of Arbitration of The Hague in the cases referred to in Article 34;

(c) establish the principles applied for the operation of the common European air traffic flow management system provided for in Article 2.1(e);

1. Without prejudice to the exonerations provided for in Articles 22 and 23 of the Convention, when the Organisation in the exercise of its official activities makes substantial acquisitions of property or employs services of substantial value in respect of which indirect duties, taxes or charges (including such duties, taxes or charges levied on importation other than those referred to in Article 23.1 of the Convention) have been paid or are payable, the Governments of the Member States shall, whenever possible, take appropriate action to offset the effect on the Organisation of such duties, taxes or charges by means of an adjustment of the financial contributions to the Organisation or by means of remission or of reimbursement to the Organisation of the amount of the duties, taxes or charges.

2. With regard to payments by the Organisation to Member States in respect of capital investments made by those States, in so far as the cost thereof is to be refunded by the Organisation, the said States shall ensure that their statements of the amounts in question submitted to the Organisation do not include duties, taxes or charges from which the Organisation would have been exempt or which would be refunded to it or which would be the subject of an adjustment of the financial contributions to the Organisation if the Organisation had made those investments itself.

3. The provisions of this Article shall not apply in respect of duties, taxes or charges collected as payment for public utility services.

### Article 2

Property acquired by the Organisation to which Article 1.1 applies may not be sold or otherwise disposed of except in accordance with conditions laid down by the Governments of the States concerned.

Article 3

1. The Director General of the Agency and the Staff members of the Organisation shall be subject to a tax for the benefit of the Organisation on salaries and emoluments paid by the Organisation in accordance with the rules and conditions determined by the General Assembly. Such salaries and emoluments shall be exempt from national income tax.

The Member States may, however, take into account salaries and emoluments exempted from national income tax when assessing the amount of the tax payable on other income of those in receipt of the said salaries and emoluments.

2. Paragraph 1 shall not apply to pensions and annuities paid by the Organisation.

3. The names, titles, addresses as well as remunerations and where appropriate pensions of employees and former employees to whom the provisions of paragraphs 1 and 2 of the present article are applicable shall be communicated periodically to the Member States.

Article 4

For the purpose of this Annex, the Organisation shall act in concert with the relevant authorities of the Member States concerned.

Article 5

1. This Annex shall replace the Additional Protocol to the Convention signed at Brussels on 6 July 1970, as amended by the Protocol signed at Brussels on 21 November 1978, both in turn amended by Article XXXVIII of the Protocol signed at Brussels on 12 February 1981 amending the Convention.

2. Notwithstanding the provisions of paragraph 1 above, obligations under Article 3 of the Additional Protocol of 6 July 1970 shall remain binding until the relevant claims and commitments have been fully discharged.

## ANNEX IV

## PROVISIONS RELATING TO THE COMMON ROUTE CHARGES SYSTEM

Article 1

The Contracting Parties agree to continue to administer a joint system for the establishment, billing and collection of route charges as a single charge per flight and to use for this purpose the services of EUROCONTROL.

Article 2

The Organisation shall establish, bill and collect the route charges levied on users of en route air navigation services on a proposal from the Contracting Parties participating in the common route charges system.

Article 3

In matters relating to route charges, the Council shall be the body responsible for determining the arrangements for giving effect to the General Assembly's decisions in route charge matters and supervising the Agency's tasks in this field.

The Council shall *inter alia*:

(a) prepare decisions for the General Assembly in route charge policy matters;

(b) determine the unit of account in which route charges are expressed;

(c) determine, in accordance with decisions taken on the basis of Article 6.2 of the Convention, the conditions of application of the system, including the conditions of payment, as well as the unit rates and tariffs and the period during which they are to apply;

(d) approve reports relating to EUROCONTROL route charges activities;

(e) adopt the Financial Regulations applicable to the Route Charges System;

(f) approve the budgetary annexes relating to EUROCONTROL route charges activities.

Article 4

The route charges indicated on the bill issued by the Organisation shall constitute a single charge due in respect of each flight, which shall constitute a single claim by EUROCONTROL, payable at its Headquarters.

Article 5

1. The charge shall be payable by the person who was the operator of the aircraft at the time when the flight was performed. The charge shall attach as a lien to the aircraft which incurred the charge, irrespective of in whose hands it may be, if the law of the Contracting Party concerned so permits.

2. Where an ICAO designator or any other recognised designator is used in identification of the flight, EUROCONTROL may deem the operator to be the aircraft

operating agency to whom the ICAO designator was allocated or was in the process of allocation at the time of the flight or identified in the filed flight plan or identified by use of that ICAO or other recognised designator in communication with air traffic control or by any other means.

3. If the identity of the operator is not known, the owner of the aircraft shall be regarded as the operator unless he/she proves which other person was the operator.

4. The operator and the owner of the aircraft shall be jointly and severally liable to pay the charge, if the law of the Contracting Party concerned so permits.

## Article 6

1. Where the amount due has not been paid, measures may be taken to enforce recovery, including detention and sale of aircraft, if the law of the Contracting Party where the aircraft has landed so permits.

2. Measures may also include, at EUROCONTROL's request, the review by a Contracting Party or any competent body of the administrative authorisation connected with air transport or air traffic management issued to a person liable to pay the charge, if the relevant legislation so provides.

## Article 7

1. Proceedings for recovery of the amount due shall be instituted either by EUROCONTROL or, at EUROCONTROL's request, by a Contracting Party, or by any body authorised for that purpose by a Contracting Party.

2. Recovery shall be effected by judicial or administrative procedure.

3. Each Contracting Party shall inform EUROCONTROL of the procedures applied in that State and of the competent courts, tribunals or administrative authorities.

## Article 8

Recovery proceedings shall be instituted in the territory of the Contracting Party:

(a) where the debtor has his/her residence or registered office;

(b) where the debtor has a place of business, if neither his/her residence nor his/her registered office is situated in the territory of a Contracting Party;

(c) where, in the absence of the grounds of jurisdiction set out in sub-paragraphs (a) and (b) above, the debtor has assets;

(d) where EUROCONTROL has its headquarters, in the absence of the grounds of jurisdiction set out in sub-paragraphs (a) to (c) above.

Article 9

1. The provisions of Articles 5, 6, 7 and 8 shall not prevent any Contracting Party, or any body authorised by a Contracting Party, acting at the request of EUROCONTROL, from proceeding with the recovery of the amount due by the detention and sale of aircraft in accordance with the administrative or judicial procedure of the relevant Contracting Party.

2. The power so to detain and sell shall extend to the equipment, spare parts, fuel, stores and documents of the aircraft detained or sold.

3. The validity and effect of detention and sale shall be determined by the law of the Contracting Party where the detention has been effected.

Article 10

EUROCONTROL shall have the capacity to institute proceedings before the competent courts, tribunals and administrative authorities of States not parties to the Convention.

Article 11

The following decisions taken in a Contracting Party shall be recognised and enforced in the other Contracting Parties:

(a) final decisions of a court or tribunal;

(b) decisions of an administrative authority which have been subject to review by a court or tribunal, but are no longer so, either because the court or tribunal has dismissed the appeal by a final decision, or because the appeal has been withdrawn, or because the time for lodging the appeal has expired.

Article 12

The decisions referred to in Article 11 shall not be recognised or enforced in the following cases:

(a) if the court, tribunal or administrative authority of the Contracting Party of origin was not competent in accordance with Article 8;

(b) if the decision is contrary to public policy of the Contracting Party addressed;

(c) if the debtor did not receive notice of the decision of the administrative authority or of the institution of the proceedings in sufficient time to enable him/her to defend the case or to appeal to a court or a tribunal;

(d) if proceedings relating to the same route charges have been previously instituted and are still pending before a court, tribunal or an administrative authority of the Contracting Party addressed;

(e) if the decision is incompatible with a decision relating to the same route charges given in the Contracting Party addressed;

(f) if the court, tribunal or administrative authority of the Contracting Party of origin, in order to arrive at its decision, has decided a preliminary question concerning the status or legal capacity of natural persons, rights in property arising out of a matrimonial relationship, wills or succession in a way that conflicts with a rule of the private international law of the Contracting Party addressed, unless the same result would have been obtained by the application of the rules of private international law of that Contracting Party.

Article 13

The decisions referred to in Article 11, if enforceable in the Contracting Party of origin, shall be enforced in accordance with the law of the Contracting Party addressed. If necessary, an order of enforcement shall on request be issued by a court, tribunal or an administrative authority of the Contracting Party addressed.

Article 14

1. The request shall be accompanied by:

(a) a certified copy of the decision;

(b) in the case of a decision of a court or tribunal rendered by default, the original or a certified copy of a document establishing that notice of the institution of the proceedings was duly served on the debtor;

(c) in the case of an administrative decision, a document establishing that the requirements of Article 11 have been met;

(d) a document establishing that the decision is enforceable in the Contracting Party of origin and that the debtor has received notice of the decision in due time.

2. A duly certified translation of the documents shall be supplied if the court, tribunal or administrative authority of the Contracting Party addressed so requires. No legalisation or similar formality shall be required.

## Article 15

1. The request can be rejected only for one of the reasons set forth in Article 12. In no case may the decision be reviewed on its merits in the Contracting Party addressed.

2. The procedure for the recognition and enforcement of the decision shall be governed by the law of the Contracting Party addressed insofar as the Convention does not otherwise provide.

## Article 16

The amount collected by EUROCONTROL shall be paid to the Contracting Parties in accordance with the decisions of the Council.

## Article 17

Where the claim is recovered by a Contracting Party, the amount collected shall be paid without delay to EUROCONTROL, which shall proceed in accordance with Article 16. The recovery costs incurred by that Contracting Party shall be charged to EUROCONTROL.

## Article 18

The competent authorities of the Contracting Parties shall co-operate with EUROCONTROL in the establishment and collection of route charges.

## Article 19

If the Council decides unanimously to abandon recovery of a charge, the Contracting Parties concerned may take whatever action they deem fit. In such a case, the provisions of the Convention relating to recovery and to recognition and enforcement of decisions shall cease to apply.

## Taqsima XIV

Emenda ta' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, Kap. 371.

**75.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha tibda sseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

**76.** Fl-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali t-tifsira ta' "flus elettroniċi" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "flus elettroniċi" tfisser il-valur monetarju kif rappreżentat minn talba fuq min joħroġ dawk il-flus li jkunu:

(i) maħżuna fuq mezz elettroniku; u

(ii) maħruġa mar-riċeviment ta' fondi f'ammont li ma jkunx inqas fil-valur mill-valur monetarju maħruġ; u

(iii) aċċettati bħala mezz ta' ħlas minn impriżi li ma jkunux min joħroġ il-flus;".

Emenda ta' l-artikolu 7A ta' l-Att prinċipali.

**77.** L-artikolu 7A ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "istituzzjoni ta' flus elettroniċi biex tifdi", għandhom jidħlu l-kliem "min joħroġ il-flus biex jifdi"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "L-istituzzjoni ta' flus elettroniċi li toħroġhom għandha turi" għandhom jidħlu l-kliem "Min joħroġ il-flus għandu jiddikjara", u minflok il-kliem "għall-fidi u" għandhom jidħlu l-kliem "għall-fidi fil-kuntratt bejn min joħroġ il-flus u d-detentur, u".

## Taqsima XV

Emenda ta' l-Att dwar Dazju tas-Sisa, Kap. 382.

**78.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar Dazju tas-Sisa, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha tibda sseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi u servizzi ekonomiċi jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi.

**79.** L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

(a) minnufih wara t-tifsira ta' "uffiċjal inkarigat" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "uffiċjal tas-sisa" tfisser kull uffiċjal li jkollu awtorità legittima li jwettaq xi dmir jew xi funzjoni taħt dan l-Att; "; u

(b) it-tifsira ta' "uffiċjal inkarigat" għandha titħassar.

**80.** Fl-Att prinċipali u f' kull regolament magħmul taħtu, minflok il-kliem "uffiċjal", "uffiċjal tad-Dwana" jew "uffiċjal inkarigat" għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem "uffiċjal tas-sisa" u minflok il-kliem "uffiċjali", "uffiċjali tad-Dwana" jew "uffiċjali inkarigati" għandhom jidħlu f' kull każ il-kliem "uffiċjali tas-sisa". Emenda ġenerali ta' l-Att prinċipali.

**81.** L-artikoli 19 sa 21 ta' Att prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 36 sa 38 rispettivament, u kull referenza għal xi wieħed mill-artikoli 19 sa 21 imsemmija jew għal xi subartikolu tagħhom fl-Att prinċipali jew f'kull liġi oħra għandha tiġi sostitwita bir-referenza għall-istess artikolu jew subartikolu kif enumerat mill-ġdid b'dan l-artikolu. Enumerazzjoni mill-ġdid ta' l-artikoli 19 sa 21 ta' l-Att prinċipali.

**82.** Minflok l-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu l-artikoli ġodda 18 sa 35 li ġejjin: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali bl-artikoli ġodda 18 sa 35.

"Setgħat ta' uffiċjali tas-sisa.

18. (1) Uffiċjal tas-sisa għandu d-dritt li jwettaq spezzjonijiet, f'ħinijiet raġonevoli, f'kull maħżen tas-sisa jew post fejn jinżammu jew hemm suspett li jinżammu oġġetti dazjabbli.

(2) Il-persuna li f'isimha l-maħżen tas-sisa jkun reġistrat għandha tagħti lill-uffiċjali tas-sisa kull għajnuna neċessarja għat-twettiq ta' dmirijiethom.

(3) Persuna, li ma tkunx persuna li f'isimha l-maħżen tas-sisa jkun reġistrat, li jkollha fil-pussess tagħha kotba, dokumenti inklużi materjal li jinqara biss bil-makni jew *records* oħra jkollha bl-istess mod id-dmir li tipproduċi dawk il-ħwejjeġ lill-Kontrollur jew lil uffiċjal tas-sisa.

(4) Kull persuna li xjentement jew b'qerq tonqos milli tagħti l-għajnuna tagħha, jew xjentement tostakola, timpedixxi jew ittellef lil xi uffiċjal tas-sisa fit-twettiq tad-dmirijiet jew setgħat tiegħu taħt dan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin bis-saħħa tiegħu, tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu u tista', meta tinstab ħatja, teħel multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira.

Hruġ ta' mandat ta' tfittxija.

19. (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu ta' qabel dan, l-Avukat Ġenerali jew maġistrat jista', jekk ikun sodisfatt permezz ta' informazzjoni maħlufa minn uffiċjal tas-sisa li hemm raġunijiet xierqa biex wieħed jissuspetta li –

(a) xi ħwejjeġ li jistgħu jiġu konfiskati taħt din il-liġi jew xi liġi oħra li għandha x'taqsam mas-sisa, jew

(b) xi *records* li għandhom x'jaqsmu ma' operazzjonijiet bi ksur ta' din il-liġi jew xi liġi oħra li għandha x'taqsam ma' dazju tas-sisa,

ikunu qed jinżammu jew huma moħbija fuq jew f'xi mkien, post jew vettura, joħroġ mandat ta' tfittxija.

(2) Mandat ta' tfittxija maħruġ taħt dan l-artikolu jkun awtorità biżżejjed biex l-uffiċjal tas-sisa hemm imsemmi, waħdu jew akkompanjat minn uffiċjali tas-sisa oħra jew dawk il-persuni l-oħra li l-uffiċjal tas-sisa jqis meħtieġa, f'kull ħin jew ħinijiet fi żmien xahar mill-ħruġ tal-mandat, jidħol (jekk ikun meħtieġ bil-forza) fl-imkien jew post ieħor jew vettura imsemmija jew speċifikati fil-mandat biex ifittxu ġewwa dak l-imkien jew post ieħor jew vettura, biex jeżamina kull ħaġa li tinżamm hemmhekk, biex jispezzjona kull *record* li jinstab hemm ġew jew hemmhekk u, jekk hemm raġunijiet xierqa biex wieħed jissuspetta li xi oġġett hemm misjub jista' jiġi konfiskat taħt dan l-Att jew xi liġi oħra li għandha x'taqsam ma' dazju tas-sisa, jew li xi *record* misjub hemm jista' jkun meħtieġ bħala xiehda f'xi proċedimenti taħt dan l-Att jew dik il-liġi l-oħra, biex iżomm jew jaqbad l-oġġett li jista' jiġi konfiskat jew, fil-każ ta' *record*, li jżommu għal dak iż-żmien li jkun raġonevolment meħtieġ għal dak il-għan.

Setgħa li jitwaqqfu vetturi.

20. (1) Uffiċjal tas-sisa bl-uniformi jista' jwaqqaf kull vettura biex -

(a) dak l-uffiċjal tas-sisa, jew xi uffiċjal tas-sisa li jakkompanja dak l-uffiċjal tas-sisa, jista' jeżerċita xi setgħa mogħtija lilhom bl-artikolu 19 rigward oġġetti dazjabbli jew xi oġġetti oħra li fuqhom jitħallas dazju

tas-sisa taħt xi liġi oħra, fejn ikun hemm raġunijiet xierqa biex wieħed jaħseb li oġġetti bħal dawn qed jiġu trasportati fi jew fuq dik il-vettura, jew

(b) biex jeżamina u jieħu kampjuni ta' żejt minerali skond l-artikolu 21(1)(ċ).

(2) Kull persuna li jkollha taħt il-kontroll tagħha vettura miexja għandha, fuq talba ta' uffiċjal tas-sisa bl-uniformi jew uffiċjal tal-Pulizija, twaqqaf dik il-vettura.

(3) Kull persuna li tkun qed tieħu ħsieb vettura għandha, sew jekk dik il-vettura tkun twaqqfet minn uffiċjal tas-sisa taħt dan l-artikolu jew l-artikolu 20(1), sew jekk tkun diġà wieqfa, fuq talba ta' uffiċjal tas-sisa –

(a) iżżomm dik il-vettura wieqfa għal dak iż-żmien li jista' jkun raġonevolment meħtieġ biex uffiċjal tas-sisa jkun jista' jeżerċita xi setgħa mogħtija lil dak l-uffiċjal tas-sisa bl-artikolu 20(1), jew

(b) meta dik il-vettura tkun, fil-fehma ta' dak l-uffiċjal tas-sisa, tinsab f'xi post li ma jkunx adatt għall-eżerċizzju ta' xi setgħa mogħtija lil dak l-uffiċjal bl-artikolu 20(1), tieħu dik il-vettura jew tara li din tittieħed f'dak il-post fejn dak l-ufficjal jista' jqis li jkun adatt għall-eżerċizzju ta' dik is-setgħa.

Setgħa li jeżamina u jfittex ġewwa vetturi u li jiġbor kampjuni.

21. (1) Uffiċjal tas-sisa, wara li juri l-awtorizzazzjoni tiegħu bħala tali uffiċjal, jekk huwa hekk jintalab jagħmel minn xi persuna interessata, jew kull uffiċjal li jkun qiegħed ma' dak l-uffiċjal, jista' –

(a) jeżamina l-vettura,

(b) iwettaq dik it-tfittxija fil-vettura li l-uffiċjal tas-sisa jidhirlu li tkun neċessarja biex jiġi stabbilit jekk –

(i) xi oġġett fuq jew fil-vettura jew b'xi mod imwaħħal mal-vettura jista' jiġi kkonfiskat taħt dan l-Att jew xi liġi oħra li għandha x'taqsam mad-dazju tas-sisa, jew

(ii) xi oġġetti dazjabbli li jkunu qed jiġu trasportati fi jew fuq, jew b'xi mod ieħor huma

mwaħħla ma', il-vettura jikkorrispondu f'kull partikolari materjali mad-deskrizzjoni ta' xi oġġetti bħal dawn f'dokument imsemmi fil-paragrafu (d)(iii),

(ċ) jieħu kampjuni, mingħajr ebda ħlas, ta' kull oġġett dazjabbli li jkun fi jew fuq, jew b'kull mod ieħor imwaħħal ma', il-vettura, u

(d) jagħmel mistoqsijiet lill-persuna li jkollha l-kontroll tal-vettura rigward il-vettura jew kull ħaġa fuq, jew b'xi mod ieħor imwaħħla ma', il-vettura, u ġġiegħel lil dik il-persuna -

(i) tagħti, fi żmien dak il-perjodu u f'dik il-forma u b'dak il-mod kif jistgħu jiġu speċifikati mill-uffiċjal tas-sisa, dik l-informazzjoni kollha rigward il-vettura li tista' tkun raġonevolment meħtieġa mill-uffiċjal tas-sisa u li tkun fil-pussess ta' jew tista' tinkiseb minn dik il-persuna,

(ii) fi żmien dak il-perjodu u f'dik il-forma u b'dak il-mod kif jistgħu jiġu speċifikati mill-uffiċjal tas-sisa, biex tipproduċi u tippermetti l-ispezzjon ta', u li jittieħdu kopji ta', jew estratti minn, dawk ir-*records* kollha li għandhom x'jaqsmu mal-vettura u kull oġġett li qed jiġi trasportat, li jistgħu jkunu raġonevolment meħtieġa minn dak l-uffiċjal tas-sisa u li jkunu fil-pussess jew jistgħu jinkisbu mill-persuna, u

(iii) tipproduċi lill-uffiċjal tas-sisa kull dokument anċillari, dokument dwar id-dazju jew ċertifikat ta' eżenzjoni li huma relatati ma' xi oġġett soġġett għad-dazju tas-sisa li jkunu qed jiġu trasportati fi jew fuq, jew b'xi mod ieħor imwaħħal ma', il-vettura.

(2) Uffiċjal tas-sisa, meta jipproduċi l-awtorizzazzjoni tiegħu, jekk ikun hekk mitlub jagħmel mill-persuna interessata, jista' –

(a) jeżamina u jieħu kampjuni ta' kull żejt minerali f'kull tank taż-żejt jew b'mod ieħor preżenti fuq jew f'xi vettura, jew f'xi ħaġa mwaħħla ma' xi vettura, biex jintuża jew li jista' jintuża għall-

kombustjoni fil-makna tal-vettura, kemm jekk ikun hemm xi ħadd mal-vettura kemm jekk ma jkunx hemm,

(b) jeżamina jew jispezzjona kull vettura jew kull ħaġa mwħħala ma' kull vettura għall-għanijiet tal-paragrafu (a),

(c) jagħmel mistoqsijiet lil -

(i) sid il-vettura,

(ii) kull persuna li f'dak il-ħin tkun reġistrata bħala sid il-vettura,

(iii) kull direttur, *manager* jew uffiċjal prinċipali ta' dak is-sid fejn is-sid reġistrat mhux individwu wieħed jew aktar, jew

(iv) il-persuna li jkollha l-kontroll ta' xi vettura,

dwar dak iż-żejt minerali, u jeħtieġ dak is-sid, dik il-persuna, dak id-direttur, *manager* jew uffiċjal prinċipali ieħor biex jagħtu lil dak l-uffiċjal tas-sisa kull informazzjoni rigward dak iż-żejt minerali li tista' tkun raġonevolment meħtieġa u li tkun fil-pussess ta' jew tista' tinkiseb minn dak is-sid, dik il-persuna, dak id-direttur, *manager* jew uffiċjal prinċipali, kif ikun il-każ.

Dhul u tfittxija f'imkien.

22. (1) Kull uffiċjal tas-sisa jista', f'kull ħin raġonevoli, wara li juri l-awtorizzazzjoni tiegħu, jekk hekk mitlub mill-persuna interessata, jidħol f'kull imkien jew post ieħor (barra minn dar ta' abitazzjoni) li fihom ikunu –

(a) qed jitwettqu jew l-uffiċjal tas-sisa raġonevolment jaħseb li qed jitwettqu l-produzzjoni, l-ipproċessar, iż-żamma, il-ħażna, l-importazzjoni, ix-xiri, l-ippakkjar, l-offerta għall-bejgħ, il-bejgħ jew disponiment ta' oġġetti dazjabbli,

(b) qed jitwettqu jew l-uffiċjal tas-sisa raġonevolment jaħseb li qed jitwettqu l-manifattura, id-distribuzzjoni, il-ħażna, it-tiswija, il-modifika, l-importazzjoni, in-negozjar jew id-disponiment ta' vetturi bi propulsjoni mekkanika, jew

(ċ) qed jinżammu jew l-uffiċjal tas-sisa raġonevolment jaħseb li qed jinżammu xi *records* li għandhom x'jaqsmu ma', jew li l-uffiċjal tas-sisa raġonevolment jaħseb li għandhom x'jaqsmu ma' l-oġġetti jew l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafi (a) u (b).

(2) Uffiċjal tas-sisa jista', wara li juri l-awtorizzazzjoni tiegħu, jekk hekk mitlub mill-persuna interessata –

(a) jidħol fi u jispezzjona kull imkien jew post ieħor (barra minn dar ta' abitazzjoni) għall-għanijiet ta' dan l-artikolu u jġib f'dawk l-imkien kull vettura li tkun qed tintuża fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu jew tagħha,

(b) jagħmel dik it-tfittxija jew investigazzjoni f'dawk l-imkien jew f'dak il-post kif dak l-uffiċjal tas-sisa jidhirlu li jkun xieraq.

(3) Uffiċjal tas-sisa li jkun fi jew fuq xi mkien jew post skond is-subartikolu (1) jista' hemmhekk -

(a) jagħmel dik it-tfittxija jew investigazzjoni kif dak l-uffiċjal tas-sisa jidhirlu li jkun xieraq,

(b) iqis, u mingħajr ħlas, jieħu kampjuni ta' kull oġġett dazjabbli u ta' kull materjal, ingredjenti u sustanzi użati jew li x'aktarx jintużaw fil-manifattura ta' dak l-oġġett,

(ċ) rigward xi *records* imsemmija fis-subartikolu (1)(ċ) -

(i) ifittex għal, jispezzjona u jieħu kopji ta' jew estratti minn dawk ir-*records* (inklużi, fil-każ ta' informazzjoni li ma tistax tinqara, kopja ta', jew estratt minn, dik l-informazzjoni b'mod li tkun tista' tinqara u tkun permanenti),

(ii) jieħu miegħu u jżomm dawk ir-*records* għal dak iż-żmien li jista' jkun raġonevolment meħtieġ biex jiġu aktar eżaminati, u

(iii) jeħtieġ lil kull persuna tipproduċi dawk ir-*records* li jkunu fil-pussess jew fil-kustodja ta', jew jistgħu jinkisbu minn, dik il-persuna u fil-każ ta' informazzjoni li ma tistax tinqara, biex tipproduċiha f'forma li tista' tinqara jew tikkonvertiha għal forma li tista' tinqara u tkun permanenti,

(d) jagħmel mistoqsijiet lil kull persuna preżenti dwar –

(i) kull oġġett imsemmi fis-subartikolu (1)(a) jew kull materjal, ingredjenti jew sustanzi oħra użati jew li huma maħsuba biex jintużaw fil-manifattura ta' dak l-oġġett,

(ii) kull vettura,

(iii) kull *record* imsemmi fis-subartikolu (1)(ċ), li jingħata jew jinstab fi jew fuq dak l-imkien jew post, u dik il-persuna għandha tagħti lil dak l-uffiċjal tas-sisa kull informazzjoni meħtieġa minnha, liema informazzjoni tkun fil-pussess jew fil-kustodja ta', jew tista' tiġi miksuba minn, dik il-persuna.

(4) Uffiċjal tas-sisa fi jew fuq kull imkien jew post skond l-artikolu 21, jew kull persuna li takkompanja uffiċjal tas-sisa skond l-artikolu 20, jistgħu jeħtieġu li kull persuna preżenti tagħti lill-uffiċjal tas-sisa jew lil dik il-persuna l-oħra isimha u l-indirizz tagħha.

Obbligu li tingħata tweġiba għal xi mistoqsijiet.

23. Uffiċjal tas-sisa jista' jitlob lil xi persuna li dak l-uffiċjal ikollu tassew għaliex jaħseb li tkun ħatja ta' reat taħt is-subartikolu 16(1) jew l-artikolu 17 ta' l-Att, li tagħti lil dak l-uffiċjal –

(a) ismu jew isimha, indirizz u data tat-twelid,

(b) kull informazzjoni bħal dik dwar l-oġġetti dazjabbli in kwistjoni skond ma jista' jkun raġonevolment meħtieġ minn dak l-uffiċjal tas-sisa li jkunu fil-pussess ta' dik il-persuna jew miksubin minnha.

Setgħa li tinżamm persuna.

24. Meta uffiċjal tas-sisa jkollu raġuni xierqa biex jissuspetta li persuna tkun qed tikkommetti reat skond l-artikolu 16(1) jew l-artikolu 17, allura dak l-uffiċjal jista' jżomm dik il-persuna mingħajr mandat u kemm jista' jkun prattikament possibli minnufih wara, u f'kull każ mhux aktar tard minn sagħtejn wara dik iż-żamma, iqiegħed dik il-persuna fil-kustodja ta' uffiċjal tal-Puliżija, f'liema każ l-uffiċjal tal-Pulizija għandu jew jirrilaxxa lil dik il-persuna jew iressaqha quddiem qorti u d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali dwar arrest għandhom *mutatis mutandis* jgħoddu għall-uffiċjal tas-sisa u għall-uffiċjal tal-Pulizija.

Żamma ta' oġġetti u vetturi.

25. (1) Meta uffiċjal tas-sisa jew uffiċjal tal-Pulizija jkollu suspett raġonevoli li xi oġġetti, li huma suġġetti għal dazju tas-sisa jew xi oġġetti oħra, jistgħu jiġu konfiskati skond dan l-Att, allura –

(a) dawk l-oġġetti dazjabbli kollha jew dawk l-oġġetti l-oħra,

(b) kull ħaġa oħra li qed tintuża fil-ġarr ta' dawk l-oġġetti jew oġġetti oħra, u

(ċ) kull vettura li jinstabu dawk l-oġġetti jew oġġetti oħra fiha jew fuqha jew imwaħħla magħha,

jistgħu jinżammu minn dak l-uffiċjal tas-sisa jew minn dak l-uffiċjal tal-Pulizija sakemm isiru dawk l-eżamijiet, mistoqsijiet jew investigazzjonijiet li jistgħu jitqiesu raġonevolment meħtieġa minn dak l-uffiċjal tas-sisa, jew minn uffiċjal tas-sisa ieħor jew mill-uffiċjal tal-Pulizija, sabiex jiġi stabbilit jekk dawk l-oġġetti, oġġetti oħra, ħaġa jew vettura jistgħux jiġu konfiskati jew le.

(2) Meta tittieħed deċiżjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) dwar kull oġġett, oġġet ieħor, ħaġa jew vettura jew meta jgħaddu tletin jum minn meta dawk l-oġġetti, oġġetti oħra, ħaġa jew vettura kienu ġew miżmuma skond dak is-subartikolu, liema minnhom jkun l-aktar kmieni, dawk l-oġġetti, oġġetti oħra, ħaġa jew vettura għandhom jinqabdu bħala li jistgħu jiġu konfiskati taħt dan l-Att, jew jiġu rilaxxati.

Qbid ta' oġġetti jew vetturi.

26. (1) Kull oġġett jew vettura li jistgħu jiġu konfiskati taħt dan l-Att jistgħu jinqabdu minn uffiċjal tas-sisa.

(2) Kull uffiċjal tal-Pulizija li jkun żamm xi oġġetti jew vetturi li jistgħu jiġu konfiskati taħt dan l-Att għandu jikkonsenja dawk l-oġġetti jew vetturi lil uffiċjal tas-sisa kemm jista' jkun malajr u f'kull każ mhux aktar tard minn tmienja u erbgħin siegħa wara dik iż-żamma.

Avviż dwar qbid.

27. (1) Bla ħsara għas-subartikolu (2), uffiċjal tas-sisa għandu jagħti avviż dwar kull qbid u r-raġunijiet dwaru lil kull persuna li, skond il-fehma ta' l-uffiċjal, kienet fiż-żmien li sar il-qbid is-sid jew wieħed mis-sidien ta' l-oġġett maqbud.

(2) Ma hemmx bżonn li jingħata avviż skond is-subartikolu (1) lil xi persuna jekk l-oġġetti jkunu nżammu

fil-preżenza ta' dik il-persuna, tal-persuna li tkun suspettata li kkommettiet r-reat li ta lok għall-qbid jew fil-każ ta' oġġett maqbud minn xi bastiment jew inġenji ta' l-ajru, fil-preżenza tal-kaptan ta' dak il-bastiment jew kmandant ta' dak l-inġenji ta' l-ajru.

(3) L-avviż skond is-subartikolu (1) għandu jingħata bil-miktub u l-avviż għandu jkollu miegħu kopja ta' l-artikolu 28 u jitqies li jkun ġie debitament mogħti lill-persuna interessata –

(a) jekk jiġi konsenjat lil dik il-persuna personalment, jew

(b) jekk jiġi indirizzat lil dik il-persuna u jitħalla jew jintbagħat bil-posta reġistrata lil dik il-persuna fl-indirizz ta' l-abitazzjoni tagħha jew dak l-aħħar magħruf, jew l-indirizz tal-post tan-negozju ta' dik il-persuna, jew fil-każ ta' korp magħqud fl-uffiċċju reġistrat jew uffiċċju prinċipali ta' dak il-korp, jew

(ċ) jekk dik il-persuna ma jkollhiex indirizz magħruf f'Malta jew f'Għawdex, billi l-avviż dwar dak il-qbid jiġi pubblikat fil-Gazzetta.

Avviż dwar rikors.

28. (1) Kull min jippretendi li xi oġġett maqbud ma kellux jiġi maqbud (din il-persuna hi hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu u fl-artikolu 29 imsejħa "ir-rikorrent") għandu, fi żmien tletin jum mid-data ta' l-avviż tal-qbid jew, fejn ma jkunx ingħata avviż lir-rikorrent, fi żmien ħamsa u tletin jum mid-data li fiha l-oġġett kien miżmum għall-ewwel darba, jagħti avviż bil-miktub dwar dik it-talba lill-Kontrollur.

(2) Ir-rikorrent għandu, fi żmien tletin jum mid-data li fiha jkun ingħata l-avviż, jibda proċedimenti fil-qorti ċivili kompetenti biex jiġi dikjarat li dawk l-oġġetti ma kellhomx jinqabdu, u fin-nuqqas jiġi meqjus li t-talba tkun ġiet deżerta.

(3) Avviż skond is-subartikolu (1) għandu jispeċifika l-isem u l-indirizz tar-rikorrent u, fil-każ ta' rikorrent li jkun barra minn Malta jew Għawdex, l-isem u l-indirizz ta' persuna f'Malta li ġiet awtorizzata minnu biex taġixxi bħala l-prokuratutr tiegħu u biex taċċetta kull dokument li hu meħtieġ li jintbagħat lir-rikorrent, u biex taġixxi f'isem ir-rikorrent.

Setgħa dwar x'għandu jsir mill-oġġetti maqbuda.

29. (1) Il-Kontrollur jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, u jekk hekk ordnat bil-miktub mill-Ministru responsabbli għall-finanzi għandu, jrodd lura kull oġġett maqbud taħt l-Att.

(2) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (1), meta jkun debitament ingħata avviż dwar rikors rigward oġġett maqbud skond l-artikolu 28, il-Kontrollur jista' kif jidhirlu xieraq u minkejja li jkunu għadhom għaddejja l-proċedimenti li fihom qed jiġi kontestat dak il-qbid -

(a) jikkonsenja l-oġġett lir-rikorrent wara li titħallas lill-Kontrollur dik is-somma li l-Kontrollur jidhirlu xieraq, li tkun somma li ma tkunx iżjed mill-ammont li fl-opinjoni tal-Kontrollur jirrappreżenta l-valur ta' l-oġġett, inkluż kull dazju jew taxxa li jitħallsu fuq dak l-oġġett u li ma jkunux għadhom tħallsu, jew

(b) jekk l-oġġett maqbud hu, fl-opinjoni tal-Kontrollur, tax-xorta ta' oġġetti li jitħassru, ibigħ jew jeqred dak l-oġġett.

(3) Jekk, meta xi ħaġa tiġi konsenjata, mibjugħa jew meqruda skond dan l-artikolu, jinstab minn qorti fi proċedimenti taħt l-artikolu 28 li l-oġġett ma setax jiġi konfiskat fiż-żmien meta nqabad, il-Kontrollur għandu, fuq talba, jagħti lil dak ir-rikorrent -

(a) somma ugwali għal kull ammont imħallas mir-rikorrent skond is-subartikolu (2),

(b) jekk ikun biegħ l-oġġett, somma ugwali għar-rikavat mill-bejgħ, jew

(ċ) jekk ikun qered l-oġġett, somma ugwali għall-valur fis-suq ta' l-oġġett fiż-żmien meta kien ġie maqbud, flimkien ma' l-ispejjeż raġonevoli ta' kull proċediment fil-qorti biex wieħed jikkontesta l-qbid meta l-Kontrollur ikun ta' l-opinjoni li t-talba kienet ġustifikata.

(4) Jekk ir-rikorrent jaċċetta dak l-ammont offert skond is-subartikolu (3), dak ir-rikorrent ma jkollux dritt għal proċedimenti f'xi qorti dwar l-qbid, iż-żamma, il-bejgħ jew il-qerda ta' l-oġġett in kwistjoni.

(5) L-oġġetti kollha maqbuda minn uffiċjal tas-sisa jew minn uffiċjal tal-Pulizija bħala li jistgħu jiġu konfiskati għandhom, wara li dak il-qbid isir finali jew għax ikun għadda ż-żmien biex jiġi kontestat il-qbid jew għax il-kontestazzjoni kienet megħluba, jew jinqerdu, jew jinbiegħu jew inkella xort'oħra jitneħħew skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 38.

(6) Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan l-Att li għandha x'taqsam ma' oġġetti maqbuda bħala li jistgħu jiġu konfiskati, kull uffiċjal tas-sisa li jaqbad, bħala li jistgħu jiġu konfiskati, xi spirti jew xi lambiki, ġarar, tagħmir, xgħir jew kull materjal ieħor għall-manifattura, distillar jew preparazzjoni ta' spirti jista' fid-diskrezzjoni tiegħu jxerred, jkisser jew jeqred kull wieħed minn dawk l-oġġetti.

Appelli lill-Kontrollur.

30. (1) Kull persuna li, fl-opinjoni tal-Kontrollur, għandha tħallas dazju tas-sisa u tiġi mitluba mill-Kontrollur biex tħallas dak id-dazju, tista' tappella kontra d-deċiżjoni tal-Kontrollur.

(2) Kull persuna li jidhrilha li hi intitolata għal rifużjoni ta' xi dażju tas-sisa mħallas minnha tista' tappella minn kull deċiżjoni tal-Kontrollur li tiċħadlu dik ir-rifużjoni.

(3) Kull persuna li -

(a) ma ġietx approvata mill-Kontrollur bħala kustodju ta' maħżen awtorizzat skond ir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar Oġġetti Dazjabbli jew li ma ingħatatx l-approvazzjoni biex xi mkien jintuża bħala maħżen tas-sisa skond l-artikolu 9, jew

(b) kellha dik l-approvazzjoni revokata, skond l-artikolu 11,

tista' tappella lill-Kontrollur.

(4) Appell taħt is-subartikoli (1), (2) jew (3) isir bil-miktub u għandu jispeċifika fid-dettal ir-raġunijiet għall-appell.

(5) Għandu jiġi ppreżentat appell mill-persuna interessata mal-Kontrollur fi żmien xahrejn mid-data ta' –

(a) il-ħlas tad-dazju tas-sisa,

(b) in-notifika mill-Kontrollur għall-ħlas ta' somma bħala dazju tas-sisa,

(ċ) kull rifużjoni parzjali ta' dazju tas-sisa,

(d) in-notifika mill-Kontrollur dwar rifjut ta' rifużjoni ta' dazju tas-sisa, jew

(e) in-notifika mill-Kontrollur dwar kull deċiżjoni msemmija fis-subartikolu (3),

jew fi żmien dak il-perjodu itwal kif il-Kontrollur jista', f'każijiet eċċezzjonali, jippermetti.

(6) Appell jiġi deċiż, suġġett għas-subartikolu (12), mill-Kontrollur fi żmien tletin jum minn meta jiġi depożitat għand il-Kontrollur.

(7) Il-Kontrollur jista' jaħtar uffiċjal tas-sisa wieħed jew aktar minn wieħed għall-għanijiet tat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-artikolu, iżda ma jistax hekk jinħatar xi uffiċjal biex jagħti deċiżjoni fuq appell dwar xi materja li dwarha l-uffiċjal tas-sisa stess ikun ta d-deċiżjoni tiegħu.

(8) Il-Kontrollur għandu bil-miktub jinnotifika lir-rikorrent bid-deċiżjoni ta' l-appell u r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni.

(9) Meta l-Kontrollur fl-appell jiddeċiedi li għandha tingħata rifużjoni, hu għandu jħallas l-ammont, li kien tħallas żejjed, lir-rikorrent.

(10) Meta l-Kontrollur fl-appell jiddeċiedi li jkun dovut dazju tas-sisa, dak ir-rikorrent għandu jħallas is-somma hekk dovuta.

(11) Għall-għanijiet li tingħata deċiżjoni f'appell, kull oġġett jew vettura li għandhom x'jaqsmu ma' l-appell għandhom jinġiebu għall-ispezzjon tal-Kontrollur, jekk ikun hekk meħtieġ.

(12) Meta appell ma jiġix deċiż mill-Kontrollur fiż-żmien imsemmi fis-subartikolu (6) il-Kontrollur jitqies li jkun ċaħad l-appell.

Appell lill-Bord ta' Appelli dwar Dazju tas-Sisa.

31. (1) Mingħajr ħsara għal dak li hemm provdut għalih fl-artikolu 32, jista' jsir appell minn deċiżjoni tal-Kontrollur taħt l-artikolu 30 lill-Bord ta' Appelli dwar Dazju tas-Sisa.

(2) Persuna li bi ħsiebha tappella skond dan l-artikolu kontra deċiżjoni tal-Kontrollur għandha -

(a) fi żmien tletin jum min-notifika ta' dik id-deċiżjoni, jew

(b) fi żmien tletin jum minn meta jiskadi t-terminu għal dik id-deċiżjoni,

skond liema minnhom ikun l-aktar kmieni, tagħtih avviż dwar l-intenzjoni tagħha.

(3) (a) Bla ħsara għall-paragrafu (ċ), meta avviż jew xi dokument ieħor li hu meħtieġ jew awtorizzat biex jiġi notifikat skond dan l-artikolu għandu jiġi notifikat lil korp magħqud, dak l-avviż għandu jiġi notifikat lis-segretarju jew uffiċjal ieħor tal-korp magħqud.

(b) Avviż jew dokument ieħor li hu meħtieġ jew awtorizzat b'dan l-artikolu –

(i) li jiġi notifikat mill-Kontrollur jew mill-appellant jista' jintbagħat bil-posta, u

(ii) fil-każ ta' avviż jew dokument ieħor indirizzat lill-Kontrollur, dan għandu jiġi indirizzat u mibgħut lill-Kontrollur tad-Dwana, id-Dwana, il-Belt Valletta CMR 02, jew kull indirizz ieħor li jista' jiġi stabbilit minn żmien għal żmien mill-Ministru b'avviż fil-Gazzetta.

(ċ) Kull avviż jew dokument ieħor li hu meħtieġ jew awtorizzat li jiġi notifikat mill-Kontrollur lil appellant skond dan l-artikolu jista' jintbagħat lill-avukat, uditur jew aġent ieħor ta' l-appellant u kull avviż notifikat b'dan il-mod jitqies li ġie notifikat lill-appellant sakemm l-appellant ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-Bord, li hu jew hi kienu, qabel ma ġie notifikat l-avviż jew id-dokument, irtiraw l-awtorizzazzjoni ta' dak l-avukat, uditur jew aġent ieħor biex jaġixxi f'isimhom.

(4) Xiehda *prima facie* ta' kull avviż mogħti taħt dan l-artikolu mill-Kontrollur jew minn uffiċjal tal-Kontrollur

tista' tingħata f'kull proċediment billi uffiċjal tal-Kontrollur jipproduċi dokument li jidher li hu kopja ta' l-avviż u ma jkunx meħtieġ li tiġi ppruvata l-kariga uffiċjali tal-persuna li jidher li tkun ħarġet l-avviż jew, jekk ikun iffirmat, tal-firma, jew li l-persuna li ffirmat u ħarġet l-avviż kienet awtorizzata biex tagħmel hekk.

Bord ta' Appelli dwar Dazju tas-Sisa.

32. (1) Għandu jkun hemm Bord li jkun magħruf bħala "il-Bord ta' Appelli dwar Dazju tas-Sisa", hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ il-Bord, li jkun magħmul minn tliet membri. Il-president ikun persuna b'esperjenza fil-qasam legali, maħtur mill-Ministru, u miż-żewġ membri l-oħra tal-Bord wieħed ikun persuna li, fl-opinjoni tal-Ministru, tista' tirrappreżenta l-interessi tal-Gvern u l-ieħor persuna li fl-opinjoni tal-Ministru tista' tirrappreżenta l-interessi ta' l-importaturi, maħtura mill-Ministru wara konsultazzjoni mar-rappreżentanti tan-negozju.

(2) Jekk xi wieħed mill-membri tal-Bord ikollu interess personali dirett f'xi kwistjoni hu għandu jiddikjara dan l-interess u għandu jastjeni milli jittratta dwar dik il-kwistjoni, u dawk il-membri jistgħu jiġu rikużati skond hekk.

(3) Il-Ministru jista' jaħtar ukoll membri sostituti tal-Bord.

(4) Il-Bord għandu jagħti attenzjoni xierqa minnufih għal kull kwistjoni li għandha x'taqsam mas-sisa li tiġi riferita lilu mill-Kontrollur skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 30(12).

(5) Il-Bord għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess.

(6) Ma jista' jsir ebda appell lill-Bord meta s-somma in kwistjoni ma teċċedix mija u ħamsin lira.

(7) Wara li jikkonsidra l-kwistjoni riferita lilu, u kull sottomissjoni li tista' tkun saret mill-Kontrollur u mill-appellant, il-Bord għandu jiddeċiedi jekk il-prinċipji stabbiliti fl-artikolu 30 ġewx segwiti mill-Kontrollur fl-istima magħmula minnu.

(8) Meta l-Bord jiddeċiedi li l-prinċipji msemmija fis-subartikolu (7) ġew segwiti, id-deċiżjoni mogħtija mill-Kontrollur skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 30(6) għandha tiġi konfermata; meta l-Bord jiddeċiedi li l-prinċipji msemmija ma ġewx segwiti, il-Bord għandu jirrakkomanda lill-Ministru biex jordna lill-Kontrollur biex jagħti deċiżjoni ġdida, liema rakkomandazzjoni għandu jkun hemm fiha l-prinċipji li fl-opinjoni tal-Bord ma ġewx osservati mill-Kontrollur. Il-Ministru għandu wara dan jirriferixxi l-kwistjoni lill-Kontrollur għal deċiżjoni ġdida, li mbagħad tkun finali.

(9) Avviż dwar id-deċiżjoni u r-raġunijiet għaliha għandu jingħata bil-miktub lill-appellant, li għandu wkoll jiġi informat dwar id-drittijiet tiegħu għal appell ulterjuri.

(10) Xejn f'dan l-artikolu ma għandu jitqies li jolqot xi dritt ta' l-appellant li jikkontesta deċiżjoni tal-Bord quddiem xi qorti kompetenti.

Garanzija għal dazju kontestat.

33. Sakemm il-Bord ma jiddeċidix mod ieħor għax l-għoti tad-depożitu jew l-għoti ta' dik il-garanzija jista' jippreġudika d-dritt ta' appell tar-rikorrent, meta appell li jkun sar skond l-artikolu 30 jew 32 dwar ammont ta' dazju li persuna tintalab mill-Kontrollur biex tħallas, dak l-appell ma jiġix deċiż mill-Kontrollur jew mill-Bord, kif ikun il-każ, sakemm l-ammont ta' dazju ma jiġix depożitat għand il-Kontrollur jew ma tingħatax garanzija adegwata floku fil-forma ta' garanzija bankarja.

Ma jistax jsir appell meta jkun hemm proċedimenti kriminali pendenti.

34. Meta jkun hemm pendenti proċeduri kriminali kontra persuna dwar reat taħt dan l-Att, li f'konnessjoni ma' dak ir-reat ikun sar xi qbid taħt dan l-Att, jew meta persuna tiġi informata li jkunu qegħdin jiġu kkontemplati proċedimenti bħal dawk, allura ma jista' jsir ebda appell taħt l-artikoli 30 sa 32 sakemm ma tintemx il-prosekuzzjoni kriminali jew dik il-persuna tiġi informata li ma tkun se tinbeda ebda prosekuzzjoni kontra tagħha, u t-termini msemmija f'dawk l-artikoli għall-appell għandhom jiġu sospiżi skond hekk.

Uffiċjali tas-sisa jistgħu jingħataw setgħat tal-Pulizija Eżekuttiva.

35. (1) Il-President ta' Malta jista', b'avviż pubblikat fil-Gazzetta, jawtorizza kull uffiċjal tas-sisa jew kull uffiċjal tad-dwana biex jeżerċita, f'dawk il-limiti li jiġu ordnati mill-President ta' Malta f'avviż pubblikat kif hawn qabel imsemmi,

dawk il-funzjonijiet li huma b'xi liġi jew b'xi regolamenti magħmulin taħtha, vestiti fl-uffiċjali tal-Pulizija Eżekuttiva.

(2) Qabel ma uffiċjal bħal dan jew persuna bħal din jeżerċitaw xi waħda mill-funzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (1), dak l-uffiċjal jew dik il-persuna għandhom jieħdu l-ġuramenti li ġejjin:

"Jien .. .. .. .. .. .. .. .. .. .. .. naħlef/niddikjara solennement li nkun fidil u li nġib tassew lealtà lill-poplu u lir-Repubblika ta' Malta u lill-Kostituzzjoni tagħha. (Hekk Alla jgħini)."

"Jien .. .. .. .. .. .. .. .. .. .. .. .. naħlef/niddikjara solennement li fiż-żmien li nkun fil-kariga (*hawn daħħal l-isem tal-kariga*) naqdi mill-aħjar li nista' u li naf id-dmirijiet tal-Pulizija Eżekuttiva bil-fedeltà u skond il-liġi. (Hekk Alla jgħini).".".

## Taqsima XVI

Emenda ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, Kap. 386.

**83.** (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Kumpanniji, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att prinċipali, u għandha tibda sseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi u affarijiet ekonomiċi jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u jistgħu jiġu stabbiliti dati differenti għal disposizzjonijiet differenti u għanijiet differenti ta' din it-Taqsima.

Emenda ta' l-artikolu 84 ta' l-Att prinċipali.

**84.** L-artikolu 84 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

(a) minflok il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) għandu jidħol dan li ġej:

"(b) barra minn hekk, il-memorandum tal-kumpannija għandu jillimita l-għan tal-kumpannija għal xi wieħed minn dawn li ġejjin –

(i) l-investiment kollettiv tal-fondi tagħha f'sigurtajiet u beni oħra mobbli u immobbli, jew f'xi wħud minnhom, bil-għan li jinfirex ir-riskju ta' investiment; u l-għoti lill-azzjonisti tal-kumpannija l-beneficċju tar-riżultati ta' l-amministrazzjoni tal-fondi tagħha, u fit-twettiq ta' dak l-għan, għandu jkollha d-dritt li tagħmel kull att li għandu x'jaqsam ma' dan jew li hu ancillari għalih; jew

(ii) li taġixxi u topera bħala Fond għal min Jirtira skond kif imfisser fl-artikoli 2 u 4 ta' l-Att li jirregola Fondi Speċjali; u"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (10) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(11) Il-Ministru, f'konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli taħt l-Att li Jirregola Fondi Speċjali, filwaqt li jaġixxi fuq il-parir ta' l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, jista' jagħmel regolamenti biex *mutatis mutandis* japplika u jestendi d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għal kumpanniji ta' investiment b'kapital azzjonarju varjabbli stabbiliti bil-għan li jaġixxu u joperaw bħala Fond għal Min Jirtira skond kif imfisser fl-artikoli 2 u 4 ta' l-Att li jirregola Fondi Speċjali; u bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi jista', b'dawk ir-regolamenti jipprovdi dwar kull ħaġa msemmija fis-subartikolu li jiġi minnufih qabel dan.".

**85.** Minflok il-paragrafu (a) tas-subartikolu (6) ta' l-artikolu 194 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 194 ta' l-Att prinċipali.

"(a) in-negozju tal-kumpannija jikkonsisti jew –

(i) fl-investiment tal-fondi tagħha prinċipalment f'sigurtajiet bil-għan li jinxtered ir-riskju ta' investiment u li jingħata lill-membri tal-kumpannija l-beneficċju tar-riżultati ta' l-amministrazzjoni tal-fondi tagħha; jew

(ii) filli taġixxi u topera bħala Fond għal Min Jirtira skond kif imfisser fl-artikoli 2 u 4 ta' l-Att li jirregola Fondi Speċjali;".

Emenda ta' l-artikolu 218 ta' l-Att prinċipali.

**86.** Fil-proviso mas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 218 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "rikors skond il-paragrafu (a)" għandhom jidħlu l-kliem "rikors skond il-paragrafi (b) jew (ċ)".

## Taqsima XVII

Emendi fl-Att biex Jirregola t-Telekomunikazzjoni, Kap. 399.

**87.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att biex Jirregola t-Telekomunikazzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima għandha tibda sseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għat-telekomunikazzjoni jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

Tismija mill-ġdid tat-Taqsima 5 ta' l-Att prinċipali.

**88.** Minflok it-titolu tat-Taqsima 5 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"5. Protezzjoni ta' Servizzi ta' Aċċess Kondizzjonali u Iktar Funzjonijiet ta' l-Awtorità".

Iżid l-artikolu 32A ġdid ma' l-Att prinċipali.

**89.** Minnufih wara l-artikolu 32 ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied dan l-artikolu 32A ġdid li ġej:-

"Ħarsien legali ta' servizzi bbażati fuq aċċess kondizzjonali jew li jikkonsistu fih.

32A. (1) F'dan l-artikolu:-

"aċċess kondizzjonali" tfisser miżuri jew arranġamenti teknikiċi li jkunu jippermettu li jsir aċċess f'forma intelliġġibbli, u soġġett għal awtorizzazzjoni individwali bil-quddiem, għal xi wieħed mis-servizzi li jikkostitwixxi servizz protett;

"apparat ta' aċċess kondizzjonali" tfisser kull tagħmir, *software* jew arranġament iddisnjat jew adattat sabiex jagħti aċċess f'forma intelliġġibbli lil xi wieħed mis-servizzi li jikkostitwixxu servizz protett;

"apparat mhux leċitu" tfisser kull tagħmir, *software* jew arranġament iddisinjat jew adattat sabiex jagħti

aċċess f'forma intelliġġibbli lil xi wieħed mis-servizzi li jikkostitwixxu servizz protett mingħajr l-awtorizzazzjoni tal provditur tas-servizz;

"servizz fi programm" tfisser dak kollu fil-kuntest ta' servizz wieħed ipprovdut minn xandar partikolari;

"servizz protett" tfisser xi jew kull wieħed minn dawn is-servizzi li ġejjin meta dan jiġi pprovdut bi ħlas u abbażi ta' aċċess kondizzjonali:

(i) Servizzi ta' programmi televiżivi;

(ii) Servizzi ta' xandir bir-radju inklużi programmi tar-radju intiżi li jaslu għand il-pubbliku, li jiġu trasmessi bil-fil jew mingħajr fili, inklużi dawk bis-satellita;

(iii) Servizzi ta' soċjetà ta' informazzjoni offruti b'mezzi elettroniċi, mill-bogħod u fuq talba individwali ta' min jirċievi s-servizzi

jew l-għoti ta' aċċess kondizzjonali għas-servizzi ta' hawn qabel li jitqies bħala servizz fih innifsu;

"xandar" tfisser il-persuna naturali jew ġuridika li jkollha responsabbiltà editorjali għall-komposizzjoni ta' servizzi fi programm televiżiv li jaslu għand il-pubbliku in ġenerali u li xxandarhom, jew tara li jiġu mxandra, sħaħ kif ikunu u mhux mittifsa, minn terzi.

Attijiet ta' kontravvenzjoni li jikkostitwixxu reat kriminali.

(2) Kull min:

(a) jimmanifattura jew jipproduċi apparat mhux leċitu għal finijiet kummerċjali; jew

(b) jimporta apparat mhux leċitu ġewwa Malta għal finijiet kummerċjali; jew

(ċ) iqassam apparat mhux leċitu ġewwa Malta jew minn Malta għal finijiet kummerċjali; jew

(d) ibigħ jew jikri apparat mhux leċitu għal finijiet kummerċjali; jew

(e) ikollu apparat mhux leċitu għal finijiet kummerċjali; jew

(f) jinstalla, jagħmel manutenzjoni fuq, jew jirrimpjazza apparat mhux leċitu għal finijiet kummerċjali; jew

(ġ) kummerċjalment jippromwovi, iqiegħed fis-suq jew jirreklama apparat mhux leċitu,

jista', meta jinsab ħati, jeħel priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena jew multa ta' għaxart elef lira, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Qirda ta' apparat mhux leċitu.

(3) Fi proċedimenti li jkunu qegħdin isiru taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, il-Qorti għandha tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija jeqred oġġetti li jiġu stabbiliti bħala apparat mhux leċitu mingħajr ma jingħata kumpens ta' ebda xorta lil ħadd u, meta persuna tinsab ħatja li tkun kisret id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu għar-rigward ta' dawk l-oġġetti, għas-spejjeż ta' dik il-persuna.

Proċedimenti ċivili.

(4) Il-provditur ta' servizz protett li jkollu l-interessi tiegħu milqutin minn xi att imsemmi fis-subartikolu (2) (a) sa (ġ) jkollu jedd kontra min jagħmel dak l-att u għar-rigward ta' dak l-att:

(a) jibda azzjoni ċivili għad-danni, u

(b) jitlob il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex jikseb protezzjoni provviżorja ta' l-interessi tiegħu, u

(ċ) jitlob li tinħareġ ordni mill-Qorti kompetenti għall-qirda jew, jekk ikun adatt, it-tneħħija ta' apparat mhux leċitu 'il barra minn kanali kummerċjali.".

Emenda ta' l-artikolu 40 ta' l-Att prinċipali.

**90.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 40 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "taħt l-artikolu 39(1)(d)" għandhom jidħlu l-kliem "taħt l-artikoli 32A u 39(1)(d)".

## Taqsima XVIII

**91**. (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali" .

Emendi ta' l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur, Kap. 415.

(2) Din it-Taqsima għandha tibda sseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti u għanijiet differenti ta' l-Att.

**92.** L-artiklu 2 ta' l-Att prinipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

Emenda ta' l-artikolu 2 ta'l-Att prinċipali.

(a) minnufih wara t-tifsira "topografija ta' prodott minn semikonduttur" " għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:-

" "Unjoni Ewropea" tfisser l-Unjoni Ewropea msemmija fit-Trattat;" ;

(b) minnufih wara t-tifsira "self" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:-

" "Stat Membru" tfisser stat li hu membru ta' l-Unjoni Ewropea;" ;

(ċ) minnufih wara t-tifsira "fissazzjoni" għandhom jiżdiedu t-tifsiriet li ġejjin:-

" "informazzjoni ta' amministrazzjoni ta' drittijiet" tfisser kull informazzjoni mogħtija minn detenturi ta' drittijiet li tidentifika x-xogħol u kull suġġett ieħor imsemmi f'dan l-Att, l-awtur jew kull detentur ta' drittijiet oħra, jew informazzjoni dwar il-pattijiet u l-kondizzjonijiet kif għandu jintuża x-xogħol jew suġġett ieħor, u kull numru jew kodiċi li jirrappreżentaw informazzjoni;"

"it-Trattat" għandha l-istess tifsir mogħti lilha bl-Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea;" ; u

(d) minnufih wara t-tifsira "Ministru" għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

" "miżuri teknoloġiċi" tfisser kull teknoloġija, apparat jew komponenti li, fil-kors normali tal-ħidma tagħhom, tkun

iddisinjata biex tipprevjeni jew tirrestringi atti, dwar xogħlijiet jew suġġetti oħra, li mhumiex awtorizzati minn detentur ta' drittijiet ta' l-awtur jew dritt viċin jew drittijiet *sui generis* skond ma hemm provdut dwarhom b'dan l-Att. Miżuri teknoloġiċi għandhom jitqiesu bħala "effettivi" meta l-użu ta' xogħol protett jew suġġett ieħor ikun ikkontrollat mid-detenturi ta' drittijiet permezz ta' l-applikazzjoni ta' kontroll ta' aċċess jew proċess ta' protezzjoni, dawk l-*encryption, scrambling* jew trasformazzjoni oħra tax-xogħol jew suġġett ieħor jew kopja ta' mekkaniżmu ta' kontroll, li jiksbu l-objettiv ta' protezzjoni;".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

**93**. Minflok l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

"Xorta ta' drittijiet ta' l-awtur f'xogħol awdjoviżiv, *database*, xogħol litterarju, mużikali u artistiku.

7. (1) Id-drittijiet ta' l-awtur f'xogħol awdjoviżiv, *database,* xogħol litterarju, mużikali jew artistiku jkunu d-dritt esklużiv li jawtorizza jew jipprojbixxi l-għemil f'Malta dwar il-materjal protett fit-totalità tiegħu jew f'parti sostanzjali minnu, sew fl-għamla oriġinali tiegħu sew f'xi forma miksuba b'mod li jingħaraf sew mill-oriġinali ta' xi wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti b'kull mezz u f'kull għamla, għal kollox jew f'parti minnu;

(b) il-ħlas għall-kiri u s-self;

(ċ) id-distribuzzjoni;

(d) it-traduzzjoni f'ilsna oħra inklużi ilsna differenti li jintużaw fil-*computer*;

(e) l-adattament, l-arranġament u kull tibdil ieħor u r-riproduzzjoni, distribuzzjoni, komunikazzjoni, wiri jew esekuzzjoni quddiem il-pubbliku tar-riżultati ta' dan;

(f) ix-xandir jew ix-xandir mill-ġdid jew il-komunikazzjoni lill-pubbliku jew it-trasmissjoni mill-ġdid bil-fil;

(ġ) il-wiri jew l-esekuzzjoni quddiem il-pubbliku:

Iżda wkoll il-jedd li tiġi awtorizzata jew projbita t-trasmissjoni mill-ġdid bil-fil ta' xandira televiżiva jista' jiġi biss eżerċitat permezz ta' *collecting society.*

(2) Id-dritt li tiġi awtorizzata jew projbita t-trasmissjoni mill-ġdid ma għandux japplika meta t-trasmissjoni ssir f'Malta:

(a) jekk it-trasmissjoni mill-ġdid tkun skond u konformi ma' ħtieġa ta' xandira li għandha tabilfors issir skond l-artikolu 40 ta' l-Att dwar ix-Xandir; u Kap. 350.

(b) jekk u sal-limitu li t-trasmissjoni issir għal riċezzjoni fl-area fejn it-trasmissjoni mill-ġdid bil-fil tista' tiġi riċevuta.

(3) Id-dritt ta' awtorizzazzjoni jew projbizzjoni tat-trasmissjoni mill-ġdid bil-*cable* ta' xandira televiżiva jkun biss eżerċitabbli permezz ta' *collecting society*.".

(4) Meta jiġri dak li hemm provdut dwaru fis-subartikolu (2) meta d-detentur ta' drittijiet ma jkunx ittrasferixxa t-tmexxija tad-drittijiet tiegħu lil *collecting society*, il-*collecting society* li tkun tmexxi d-drittijiet ta' l-istess kategorija għandha titqies li jkollha mandat li tmexxi d-drittijiet tagħha. Dak id-detentur ta' drittijiet għandu jkollu l-istess drittijiet u obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-ftehim bejn l-operatur bil-fil u l-*collecting society* li hekk titqies bħala li għandha mandat biex tmexxi d-drittijiet tiegħu bħad-detenturi ta' drittijiet li jkunu taw mandat lil dik il-*collecting society* u jistgħu jitolbu dawk id-drittijiet fi żmien tliet snin mid-data tat-trasmissjoni mill-ġdid bil-fil li tinkludi x-xogħol tiegħu jew xi suġġett ieħor protett.

(5) Meta ma jsir ebda ftehim dwar l-awtorizzazzjoni tat-trasmissjoni mill-ġdid bil-fil ta' xandira, kull parti tista' titlob għall-għajnuna ta' xi medjatur wieħed jew aktar maħtura miċ-*chairman* taċ-Ċentru ta' l-Arbitraġġ għal Malta kemm-il darba ma jkunx hemm ftehim xort' oħra mill-partijiet kollha. Il-ħidma tal-medjaturi tkun li tiġi pprovduta għajnuna permezz ta' negozjati. Huma jistgħu wkoll jagħmlu proposti lill-partijiet. Jitqies li l-partijiet kollha jkunu jaċċettaw proposta kif imsemmi f'dan is-subartikolu jekk ħadd minnhom ma jesprimi ebda oppożizzjoni fi żmien tliet xhur. Avviż tal-proposta u ta' kull oppożizzjoni għaliha għandu jiġi notifikat lill-partijiet konċernati b'att ġudizzjarju kemm-il darba l-partijiet ma jiftehmux xort' oħra. Il-medjaturi għandhom ikunu hekk magħżulin li ma jkun hemm ebda dubju raġonevoli kemm dwar l-indipendenza kemm l-imparzjalità tagħhom.".

Sostituzjoni ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali

**94**. Minflok l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Meta jintemmu d-drittijiet ta' distribuzzjoni.

8. (1) L-ewwel bejgħ jew trasferiment ieħor ta' proprjetà fis-suq tax-xogħol oriġinali li jgawdi d-drittijiet ta' l-awtur jew kopji tiegħu, meta dak il-bejgħ isir minn jew bil-kunsens tas-sid tad-drittijiet ta' l-awtur innifsu, għandu jtemm id-dritt ta' distribuzzjoni esklużiva dwar dak ix-xogħol jew il-kopja tiegħu.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "Suq" tfisser is-suq f'Malta u mill-1 ta' Mejju 2004 l-Unjoni Ewropea." .

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

**95.** Minflok l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

"Restrizzjoni dwar ċerti xogħlijiet.

9. (1) Id-drittijiet ta' l-awtur f'xogħol awdjoviżiv, *database*, xogħol letterarju ħlief fil-każ ta' program tal-*computer,* xogħol mużikali jew artistiku ma għandux jinkludi d-dritt ta' awtorizzazjoni jew projbizzjoni:-

(a) ta' għemejjel temporanji ta' riproduzzjoni li jkunu transjenti jew inċidentali li jiffurmaw parti ċentrali u essenzjali ta' proċess teknoloġiku u li l-għan ewlieni tiegħu jkun li jiffaċilita:

(i) trasmissjoni f'*network* bejn terzi minn intermedjarju, jew

(ii) użu leġittimu ieħor

li jsir xogħol jew suġġett ieħor, u li ma jkollhom ebda sinifikat ekonomiku indipendenti;

(b) ir-riproduzzjonijiet fuq il-karta jew xi mezz bħal dak, li jsiru billi tintuża kull xorta ta' teknika fotografika jew xi proċess ieħor li jkollu effetti simili, ħlief għal mużika fuq il-karta, sakemm id-detenturi ta' drittijiet jirċievu kumpens xieraq;

(ċ) ir-riproduzzjonijiet fuq xi mezz li ssir minn persuna naturali għall-użu privat u għal finijiet li la huma direttament u lanqas in-direttament kummerċjali, bil-kondizzjoni li d-detenturi ta' drittijiet jirċievu kumpens xieraq li jqis l-applikazzjoni jew nuqqas ta' applikazzjoni ta' miżuri teknoloġiċi msemmija fis-subartikoli 42 (3) u (4) għax-xogħol jew għas-suġġett inkwistjoni;

(d) attijiet speċifiċi tar-riproduzzjoni magħmulin minn libreriji, stabbilimenti edukattivi jew mużewijiet aċċessibbli pubblikament, jew minn arkivji, li ma jeżistux għal xi vantaġġ ekonomiku jew kummerċjali dirett jew indirett;

(e) reġistrazzjonijiet qosra ħafna ta' xogħlijiet magħmulin minn organizzazzjonijiet tax-xandir permezz tal-faċilitajiet tagħhom infushom u għax-xandiriet tagħhom stess:

Iżda wkoll ir-riproduzzjoni ta' xogħol magħmul taħt dan il-paragrafu jista', jekk ikollu xorta ta' dokumentarju eċċezzjonali, jinżamm sigur fl-arkivji uffiċjali;

(f) ir-riproduzzjonijiet ta' xandiriet li jsiru minn istituzzjonijiet uffiċjali li jkunu qed jitmexxew skond finijiet mhux kummerċjali, bħalma huma sptarijiet jew ħabsijiet, sakemm id-detenturi ta' drittijiet jirċievu kumpens xieraq;

(ġ) it-twettiq, daqq jew wiri ta' xogħol f'post fejn ma jitħallas ebda dritt ta' dħul għal dan l-att minn xi *club* li l-iskop tiegħu ma jkunx li jagħmel qligħ;

(ħ) ir-riproduzzjoni, traduzzjoni, distribuzzjoni jew komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħol għall-għan ewlieni li ssir illustrazzjoni biss għal tagħlim jew riċerka xjentifika sal-limitu ġustifikat biex jintlaħaq l-iskop mhux kummerċjali, u sakemm l-oriġini, iklużl-isem ta' l-awtur ikun indikat, sakemm dan ma jkunx impossibbli;

(i) ir-riproduzzjoni, traduzzjoni, distribuzzjoni jew komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħol għall-benefiċċju ta' nies b'diżabilità, li jkun relatat direttament mad-diżabilità u ta' natura mhux kummerċjali, sal-limitu meħtieġ bid-diżabilità speċifika;

(j) ir-riproduzzjoni mill-istampa, traduzzjoni, distribuzzjoni, komunikazzjoni lill-pubbliku ta' artikoli pubblikati fuq topiċi ekonomiċi, politiċi jew reliġjużi kurrenti jew suġġett ieħor ta' l-istess xorta, f'każijiet fejn dak l-użu ma jkunx espressament riżervat, u sakemm l-oriġini, magħdud l-isem ta' l-awtur, ikun indikat jew użu ta' xogħlijiet jew suġġett ieħor dwar ir-rappurtaġġ ta' ġrajjiet kurrenti, sal-limitu ġustifikat bl-iskop ta'

informazzjoni u sakemm l-oriġini, magħdud l-isem ta' l-awtur ikun indikat, sakemm dan ma jkunx impossibli;

(k) ir-riproduzzjoni, traduzzjoni, distribuzzjoni jew komunikazzjoni lill-pubbliku ta' kwotazzjonijiet għal skopijiet bħal kritika jew rivista, sakemm jirreferu għal xogħol jew suġġett li jkun diġa tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku b'mod leġittimu, sakemm, ma jkunx impossibli, l-oriġini, magħdud l-isem ta' l-awtur, ikun indikat u li l-użu tagħhom ikun skond prattika xierqa, u sal-limitu meħtieġ bl-għanijiet speċifiċi;

(l) ir-riproduzzjoni, traduzzjoni, distribuzzjoni jew komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħol għall-finijiet ta' sigurtà pubblika jew sabiex jiġi żgurat il-funzjonament jew rappurtaġġ xieraq ta' proċedimenti amministrattivi, parlamentari jew ġudizzjarji;

(m) ir-riproduzzjoni, traduzzjoni, distribuzzjoni jew komunikazzjoni lill-pubbliku ta' taħdidiet politiċi kif ukoll ta' estratti ta' *lectures* pubbliċi jew ta' xogħlijiet jew suġġetti bħal dawk sal-limitu ġustifikat b'għanijiet ta' informazzjoni u sakemm l-oriġini, inkluż isem l-awtur, ikun indikat, sakemm ma jkunx responsabbli;

(n) ir-riproduzzjoni, traduzzjoni, distribuzzjoni jew komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xi xogħol għall-użu waqt ċelebrazzjonijiet reliġjużi jew ċelebrazzjonijiet uffiċjali organizzati minn xi awtorità pubblika;

(o) il-qari jew reċitazzjoni fil-pubbliku minn persuna ta' xi estratt raġonevoli minn xogħol letterarju pubblikat jekk ikollu miegħu rikonoxximent biżżejjed;

(p) l-inklużjoni f'komunikazzjoni lill-pubbliku, ir-riproduzzjoni grafika, it-teħid ta' ritratt jew film ta' xogħol ta' arkitettura jew skultura jew xogħlijiet simili magħmula biex ikunu lokalizzati b'mod permanenti f'post pubbliku;

(q) l-inklużjoni inċidentali ta' xogħol jew suġġett ieħor b'materjal ieħor;

(r) ir-riproduzzjoni, distribuzzjoni jew komunikazzjoni pubblika ta' xi xogħol għall-fini ta' reklamar, esibizzjoni pubblika jew il-bejgħ ta' xogħlijiet

artistiċi, sal-limitu meħtieġ biex iġib 'il quddiem il-ġrajja, eskluż kull użu kummerċjali ieħor;

(s) ir-riproduzzjoni jew kommunikazzjoni lill-pubbliku ta' xi xogħol bħala karikatura, *pastiche* jew parodija;

(t) ir-riproduzzjoni, traduzzjoni, distribuzzjoni jew komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xi xogħol li jkollu x'jaqsam mal-wiri jew it-tiswija ta' tagħmir;

(u) ir-riproduzzjoni, distribuzzjoni jew il-komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħol artistiku fl-għamla ta' xi bini jew tpinġija jew pjanta ta' bini għall-finijiet li dak il-bini jerġa' jinbena mill-ġdid;

(v) il-komunikazzjoni lill-pubbliku, għall-fini ta' riċerka jew ta' studju privat, lill-membri individwali tal-pubbliku permezz ta' terminali dedikati fil-fond ta' stabbilimenti msemmija fis-subartikolu (d) hawn qabel ta' xogħlijiet u suġġetti oħra, li ma jkunux soġġetti għal patti ta' xiri jew ta' liċenzar, li jkunu jinsabu fil-kollezzjonijiet tagħhom;

(w) fil-każ ta' *database*, l-għemil ta' dawk l-atti li normalment ikunu meħtieġa sabiex min ikun qed jużah bil-liċenza jikseb aċċess għall-kontenut tad-*database* u l-użu normali tagħha, dwar id-*database* kollha jew parti minnha li minn jużaha jkolli l-liċnza biex juża; u kull dispożizzjoni kuntrattwali li tmur kontra dak li hu preskitt f'dan il-paragrafu jkunu nulli u bla effett.

(2) Id-drittijiet ta' l-awtur dwar programm tal-*computer* ma għandux jinkludi d-dritt ta' l-awtorizzazzjoni jew projbizzjoni dwar:

(a) l-osservazzjoni, l-istadju jew l-ittestjar tal-funzjonament tal-programm mill-utent li jkollu liċenza sabiex jistabbilixxi l-ideat u l-prinċipji li jkun l-bażi ta' kull element tal-programm jekk dan isir fil-waqt li jkunu qegħdin jitwettqu xi attijiet ta' *loading*, wiri, tħaddim, trasmissjoni jew ħżin tal-programm li jkollu jedd jagħmel;

(b) ir-riproduzzjoni mill-utent li jkollu liċenza għal dak l-iskop tal-*code* u tat-traduzzjoni tal-forma meta

din hija tiegħu li jkunu indispensabbli biex jinkiseb it-tagħrif meħtieġ biex tintlaħaq l-interoperabilità ta' programm għall-*computer* li jkun ġie oriġinat indipendentement ma' programmi oħra, sakemm dawn l-attijiet jinżammu biss għall-partijiet tal-programm oriġinali li huma meħtieġa biex tinkiseb l-interoperabilità u t-tagħrif meħtieġ biex tinkiseb l-interoperabilità ma kienx qabel disponibbli bla ebda xkiel lill-utent li jkollu liċenza għal dak l-iskop:

Iżda kull tagħrif li jinkiseb mir-riproduzzjoni tal-*code* u t-traduzzjoni tal-forma ta' programm għall-*computer* li jsir taħt dan il-paragrafu ma għandhomx:

(i) jintużaw għal skopijiet li ma jkunux dawk li tinkiseb l-interoperabilità tal-programm għall-*computer* li jkun ġie oriġinat indipendement;

(ii) jingħataw lil persuni oħra ħlief meta dan ikun meħtieġ għall-interoperabilità tal-programm għall-*computer* li jkun ġie oriġinat indipendentement;

(iii) jintużaw għall-iżvilupp, produzzjoni jew *marketing* ta' programm għall-*computer* li jkun sostanzjalment simili fl-espressjoni tiegħu għall-programm oriġinali, jew għal kull att ieħor li jkun jikser id-drittijiet ta' l-awtur;

(ċ) l-għemil ta' xi kopja jew ta' *back-up copy*, it-traduzzjoni, adattament, arranġament u kull alterazzjoni oħra ta' programm għall-*computer* u r-riproduzzjoni tar-riżultati ta' dan, sakemm dan ikun meħtieġ għall-utent li jkollu liċenza għal dak l-iskop tiegħu intiż, inkluża t-tiswija ta' żbalji, u d-dritt ta' l-utent li jkollu liċenza għal dak l-iskop li jagħmel *back-up copy* ta' programm għall-*computer* ma jistax ikun ristrett jew eskluż permezz ta' kuntratt sakemm dan ikun meħtieġ għall-użu ta' dak il-programm għall-*computer*.

(3) L-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet li hemm provdut dwarhom f'dan l-artikolu għandhom jiġu biss applikati f'dawk il-każijiet partikolari li ma jmorrux kuntrarju ma' l-esplojtazzjoni normali tax-xogħol jew suġġett ieħor u li ma jippreġudikawx b'mod mhux raġonevoli l-interessi leġittimi tad-detentur ta' drittijiet.".

**96.** Minflok l-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali.

"Meta jintemmu d-drittijiet ta' distribuzzjoni.

20. (1) Id-dritt ta' distribuzzjoni għar-rigward ta' kif jiġu ffissati l-wirjiet, reġistrazzjonijiet bil-ħoss, l-oriġinali u l-kopji ta' xogħlijiet awdjoviżiv u kif jiġu ffissati x-xandiriet mogħtija bl-artikoli preċedenti ta' dan l-Att lil esekuturi, produtturi ta' reġistrazzjonijiet bil-ħoss, produtturi ta' l-ewwel produzzjonijiet ta' xogħlijiet awdjoviżivi u organizzazzjonijiet tax-xandir rispettivament għandhom jintemmu bl-ewwel bejgħ jew trasferiment tal-proprjetà fis-suq ta' l-oriġinali jew kopji ta' dawk ix-xogħlijiet għar-rigward ta' dak l-oriġinali jew kopja oriġinali, meta dak il-bejgħ isir mill-proprjetarju tad-dritt viċin jew bil-kunsens tiegħu.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "suq" tfisser is-suq f'Malta u mill-1 ta' Mejju 2004 is-suq f'kull Stat Membru ieħor." .

**97.** Minflok l-artikolu 21 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 21 ta' l-Att prinċipali.

"Eċċezzjonijiet għal drittijiet viċini.

21. Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 9 għandhom *mutatis mutandis* japplikaw skond ma japplikaw għad-drittijiet viċini mogħtija b'dan l-Att b'dak il-mod bħalma japplikaw għal drittijiet ta' l-awtur f'xogħol litterarju, mużikali jew artistiku jew awdjoviżiv, jew *database*.".

**98.** Minflok l-artikolu 42 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 42 ta' l-Att prinċipali.

"Attijiet li jikkontra-vjenu.

42. (1) Ikun hemm kontravvenzjoni ta' drittijiet ta' l-awtur, drittijiet viċini u drittijiet *sui generis* meta:

(a) persuna tagħmel jew iġġiegħel lil xi persuna oħra tagħmel, mingħajr liċenza mingħand il-proprjetarju jew id-detentur tagħha, xi att li l-għemil tiegħu huwa kkontrollat bid-drittijiet ta' l-awtur, drittijiet viċin jew drittijiet *sui generis*;

(b) persuna li, mingħajr ma jkollha l-liċenza tal-proprjetarju tad-drittijiet ta' l-awtur jew ta' detentur ta' dritt, jimporta ġewwa Malta xort'oħra milli għal xi użu privat u domestiku, jew jiddistribwixxi f'Malta b'mod kummerċjali, ta' kiri jew xort'oħra jew permezz ta' esibiti kummerċjali fil-pubbliku jew ikollu fil-pussess tiegħu jew jimmanifattura filwaqt li jkun qed jikkummerċa jew

joffri jew jesponi għall-bejg' jew jikri xi artikolu li dwaru jkun hemm kontravvenzjoni ta' drittijiet ta' l-awtur, drittijiet viċini jew *sui generis* taħt il-paragrafu preċedenti;

(ċ) persuna li, mingħajr il-liċenza tal-proprjetaru tad-drittijiet ta' l-awtur jew tad-detentur ta' drittijiet tagħmel xi ħaġa li tqarraq b'miżuri teknoloġiċi effettivi, li l-persuna inkwistjoni tagħmel xjentement, jew ikun hemm tassew għaliex jidher li tkun xjenti, li hija tkun qed tfittex li tikseb dak l-għan;

(d) persuna li, mingħajr il-liċenza tal-proprjetaru tad-drittijiet ta' l-awtur jew tad-detentur ta' drittijiet timmanifattura, timporta, tiddistribwixxi, tbiegħ, tikri, tirreklama għall-bejgħ jew għall-kiri, jew ikollha għal għanijiet kummerċjali, apparat, prodotti jew komponenti li:

(i) jkollhom il-fini ta' ingann, jew

(ii) jkollhom biss fini jew użu sinifikattiv kummerċjalment limitat li ma jkunx dak ta' ingann, jew

(iii) ikunu primarjament ddisinjati, prodotti, adatti jew esegwiti bil-għan li jkun jista' jsir jew jiġi faċilitat l-ingann,

ta' xi miżuri teknoloġiċi effettivi;

(e) persuna li, mingħajr ma jkollha l-liċenza ta' proprjetarju ta' drittijiet ta' l-awtur jew ta' detentur ta' drittijiet tipprovdi, tippromwovi, tirreklama jew toffri fis-suq xi servizz li jkollu l-fini ta' ingann f'miżuri teknoloġiċi effettivi;

(f) persuna li, mingħajr il-liċenza tal-proprjetarju tad-drittijiet ta' l-awtur jew ta' detentur ta' dritt, xjentement jagħmel xi att minn dawn li ġejjin:

(i) it-tneħħija jew it-tibdil ta' xi informazzjoni elettronika ta' amministrazzjoni ta' drittijiet;

(ii) id-distribuzzjoni, l-importazzjoni għad-distribuzzjoni, ix-xandir, komunikazzjoni jew li jintgħamlu disponibbli għall-pubbliku xogħlijiet jew suġġetti oħra protetti taħt dan l-Att li minnhom tkun tneħħiet jew inbidlet mingħajr ebda awtorità informazzjoni elettronika ta' amministrazzjoni ta' drittijiet,

jekk dik il-persuna tkun taf, jew ikollha tassew għaliex tkun taf, li b'dak l-għemil ikun qed iġiegħel, jagħti s-setgħa, jiffaċilita jew jaħbi xi kontravvenzjoni ta' drittijiet ta' l-awtur jew xi dritt viċin, jew tad-drittijiet *sui generis* provduti b'dan l-Att:

Iżda kull oġġett minn dawk ta' informazzjoni ta' amministrazzjoni ta' drittijiet elettronika għandu jkun:

(i) assoċjat ma' kopja ta' xogħol bi drittijiet ta' l-awtur taħt il-pattijiet ta' dan l-Att, jew

(ii) jidher f'konnessjoni mal-komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħol bi drittijiet ta' l-awtur taħt il-pattijiet ta' dan l-Att, jew

(iii) kopert bi dritt *sui generis* taħt il-pattijiet ta' dan l-Att.

(2) (a) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' paragrafi (ċ), (d) u (e) tas-subartikolu (1), meta l-applikazzjoni ta' xi miżura teknoloġika effettiva għal xogħol bi drittijiet ta' l-awtur jipprevjeni lil xi benefiċjarju ta' xi eċċezzjoni li hemm provdut dwarha fil-paragrafi (b), (ċ), (d), (e), (f), (i), (l) jew (ċ) tas-subartikolu 9(1) jibbenifikaw minn dik l-eċċezzjoni, id-detentur ta' drittijiet għandu jagħmel disponibbli lill-benefiċċjarju il-mezzi ta' kif ikun jista' jibbenefika minn dik l-eċċezzjoni, daqstant kemm ikun meħtieġ li jibbenefika minn dik l-eċċezzjoni jew limitazzjoni:

Iżda wkoll il-benefiċjarju għandu jkollu aċċess legali għax-xogħol protett jew għas-suġġett inkwistjoni:

Iżda wkoll meta ma jkun hemm ebda miżura volontarja li tittieħed mid-detentur ta' drittijiet jew persuna esklużiva li jkollha liċenza jew ftehim bejn id-detentur ta' drittijiet u l-parti l-oħra inkwistjoni, bil-fini relattiva li l-benefiċjarju (jew il-persuni ta' xi klassi li l-benefiċjarju jkun jappartjeni għaliha)

jkun jista’ jibbenefika mill-eċċezzjonijiet speċifikati fis-subparagrafu ta’ hawn qabel.

(b) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) (a) ma japplikawx għal xogħlijiet bi drittijiet ta’ l-awtur magħmulin disponibbli ill-pubbliku fuq pattijiet kontrattwali miftiehma b’tali mod li membri tal-pubbliku jistgħu jkollhom aċċess għalihom minn post u f’ħin li kull wieħed jagħżel individwalment għalih.”.

Thassir ta’ l-artikoli 53 sa 58 ta’ l-Att prinċipali.

**99.** L-artikoli 53 sa 58 ta’ l-Att prinċipali għandhom jitħassru.

Sostituzzjoni ta’ l-artikolu 59 ta’ l-Att prinċipali.

**100.** Minflok l-artikolu 59 ta’ l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

“Setgħa li jsiru regolamenti.

59. Il-Ministru jista’ jagħmel regolamenti għall-aħjar implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta’ dawk hawn qabel imsemmi, jista’ b’dawk ir-regolamenti:

(a) jordna kull ħaġa li tista’ tiġi ordnata taħt dan l-Att;

(b) jintroduċi bidliet sabiex jestendi l-protezzjoni mogħtija b’dan l-Att lil kull forma oħra ta’ proprjetà intellettwali li ma tkunx xort’oħra protetta b’dan l-Att skond ma jista’ jiġi provdut b’istrument internazzjonali li jkun jobbliga lil Malta;

(ċ) jibdel u jerġa’ jdaħħal fis-seħħ iż-żmien tal-protezzjoni skond ma jista’ jiġi provdut f’istrument internazzjonali li jkun jobbliga lil Malta;

(d) jibdel id-drittijiet u limitazzjonijiet tagħhom skond ma jista’ jiġi provdut f’istrument internazzjonali li jkun jobbliga lil Malta;

(e) jippreskrivi x’ikunu l-funzjonijiet tal-Bord dwar id-Drittijiet ta’ l-Awtur;

(f) jipprovdi dwar affarijiet li jkollhom x’jaqsmu ma’ *collecting societies*, partikolarment dwar it-twaqqif tagħhom, ħidmiet, mod ta’ operazzjoni, għemil u approvazzjoni ta’ drittijiet u s-superviżjoni tagħhom.” .

## Taqsima XIX

**101.** Din it-Taqsima ta' dan l-Att temenda u għandha tinqara u tiftiehem waħda ma' l-Att dwar it-*Trademarks*, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali." Emenda ta' l-Att dwar it-*Trademarks*, Kap. 416.

(2) Din it-Taqsima għandha tibda sseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-protezzjoni tal-proprjetà intelletwali jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

**102.** L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:- Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

(a) minnufih wara t-tifsira ta' "trattat" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:-

" "Unjoni Ewropea" tfisser l-Unjoni Ewropea msemmija fit-Trattat;" ;

(b) minnufih wara t-tifsira "reġistru" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:-

" "Stat Membru" tfisser stat li jkun membru ta' l-Unjoni Ewropea;" ; u

(ċ) minnufih wara t-tifsira ta' "*trademark"* għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:-

" "it-Trattat" għandha l-istess tifsir mogħti lilha bl-Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea;" .

**103.** Minflok l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:- Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

"Il-proprjetarju ma jistax jipprojbixxi l-użu.

12. (1) *Trademark* ma tagħti ebda jedd lill-proprjetarju li jipprojbixxi l-użu għar-rigward ta' oġġetti li jkun fihom dik it-trademark li jkunu tqegħdu fis-suq mill-proprjetarju jew bil-kunsens tiegħu.

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw meta jkun hemm raġunijiet leġittimi għaliex il-proprjetarju għandu jopponi iktar kummerċjalizzazzjoni ta' l-oġġetti partikolarment meta l-kondizzjoni ta' l-oġġetti tinbidel jew tittiefes wara li dawn ikunu tqegħdu fis-suq.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "suq" tfisser "is-suq f'Malta u mill-1 ta' Mejju 2004, is-suq f'kull Stat Membru.".

**Taqsima XX**

Emenda ta' l-Att dwar il-Privattivi Industrijali, Kap. 417.

**104.** (1) Din it-Taqsima ta' dan l-Att temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Privattivi Industrijali, hawn iżjed'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali" .

(2) Din it-Taqsima għandha tibda sseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-protezzjoni ta' proprjetà intelletwali jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal disposizzjonijiet differenti u għanijiet differenti tagħha.

Sostituzzjoni tat-titli ta' l-Att prinċipali.

**105.** Minflok it-titolu fit-tul ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej "Att biex jipprovdi għar-reġistrazzjoni u regolamentazzjoni ta' Privattivi Industrijali u Disinni" u minflok it-titolu fil-qosor għandu jidħol it-titolu "Att dwar il-Privattivi Industrijali u d-Disinni".

Emenda ta' l-artikolu 1 ta' l-Att prinċipali.

**106.** (1) Fl-artikolu 1 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "l-Att dwar il-Privattivi Industrijali" għandhom jidħlu l-kliem "l-Att dwar il-Privattivi Industrijali u Disinni" u kull referenza f'xi liġi għall-Att dwar Privattivi Industrijali għandha titqies li hi riferenza għal taqsimiet II sa XVII ta' l-Att issa imsejjaħ l-Att dwar il-Privattivi u Disinni.

(2) Kull riferenza fl-Att dwar il-Privattivi Industrijali għal "dan l-Att" għandha titqies li hi riferenza għal taqsimiet II sa XVII ta' l-Att issa msejjaħ l-Att dwar il-Privattivi u Disinni.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

**107.** Minflok l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

"Tifsir.

2. (1) F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"il-Kontrollur" tfisser il-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali u tinkludi lil kull persuna oħra li tingħata delega mill-Kontrollur jew tiġi appuntata mill-Ministru sabiex teżerċita setgħa jew kull setgħa u twettaq xi dmir jew kull dmir tal-Kontrollur;

"materjal bijoloġiku" tfisser kull materjal li jiġbor fih informazzjoni ġenetika u li għandu l-kapaċità li

jirriproduċi lilu nnifsu jew li jiġi riprodott f'sistema bijoloġika;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali u "Ministeru" għandha tiftiehem skond hekk;

"ordnat" tfisser ordnat b'dan l-Att;

"privattiva" tfisser id-dritt esklużiv mogħti mill-Kontrollur skond id-disposizzjonijiet ta'dan l-Att;

"proċess bijoloġiku essenzjali għall-produzzjoni ta'pjanti u annimali" tfisser kull proċess li jikkonsisti għal kollox f'fenomeni naturali bhalma huma t-taħlit jew is-selezzjoni;

"proċess mikrobijoloġiku" tfisser kull proċess li jinvolvi, jew li jsir fuq, jew li jirriżulta, f'mikromaterjal bijoloġiku;

"reġistru" tfisser ir-reġistru ta' privattivi li jinżamm taħt dan l-Att u tinkludi r-reġistru ta' Privattivi li jinżamm taħt l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali, li hi f'parti minnha mħassra b'dan l-Att;

"Stat Membru" tfisser stat li jkun membru ta' l-Unjoni Ewropea;

"it-Trattat" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea" ;

"Trattat ta' Budapest" tfisser "It-Trattat għar-Rikonoxximent Internazzjonali tad-Depożitu ta' Mikro-organiżmi għall-Fini ta' Proċedura dwar Privattivi" magħmul f'Budapest fit-28 ta' April 1977;

"Unjoni Ewropea" tfisser l-Unjoni Ewropea msemmija fit-Trattat;

"varjetà" tfisser aggruppar ta'pjanti fi grupp tassonomiku botaniku uniku ta' l-inqas grad magħruf, liema aggruppar, irrispettivament jekk il-kondizzjonijiet biex jingħata dritt għal varjetà ta'pjanta jew privattiva jintlaħqux għal kollox, jista' jkun:

– definit bl-espressjoni tal-karatteristiċi li jirriżultaw minn ġenotip speċifiku jew minn kombinazzjoni ta' ġenotipi,

– distint minn kull aggruppar ta'pjanti ieħor bl-espressjoni ta' mill-inqas xi wieħed mill-karatteristiċi msemmija, u

– kkunsidrat bħala unità singola fir-rigward ta' kemm hu adatt biex jiġi propagat mingħajr ebda bidla,

meta l-aggruppar ta'pjanti jikkonsisti f'pjanti sħaħ jew partijiet minn pjanti sakemm dawk il-partijiet ikunu jistgħu jipproduċu pjanti sħaħ;

"varjetajiet ta' pjanti" tirreferi għall-ġenera u speċi kollha botaniċi, li jinkludu, fost l-oħrajn, ibridi bejn ġenera jew speċi." .

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

**108.** L-artikolu 4 ta'l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:-

"(1) Invenzjonijiet li jkunu ġodda, jinvolvu pass inventiv u jkunu suxxettibbli għal applikazzjonijiet industrijali, jistgħu jingħataw privattiva:

Iżda dawk l-invenzjonijiet jistgħu ukoll jingħataw privattiva ankè jekk ikunu jirrigwardaw prodott li jkun jikkonsisti minn jew ikun fih materjal jew proċess bioloġiku li permezz tiegħu jiġi prodott, ipproċessat jew użat materjal bijoloġiku:

Iżda wkoll, materjal bijoloġiku li jkun maqtugħ mill-ambjent naturali tiegħu jew prodott permezz ta' proċess tekniku jista' jifforma s-suġġett ta' invenzjoni jekk qabel kien jeżisti fin-natura.";

(b) fis-subartikolu (5) tiegħu:-

(i) minflok il-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(b) il-ġisem uman, fl-istadji diversi tal-formazzjoni u l-iżvilupp tiegħu, u s-sempliċi skoperta ta' xi wieħed mill-elementi tiegħu, inkluża s-sekwenza jew sekwenza parzjali ta' ġene:

Iżda element iżolat mill-ġisem uman jew li jiġi xort'oħra prodott permezz ta' proċess tekniku, inkluża s-sekwenza jew is-sekwenza parzjali ta' ġene, jista' itqies bħala invenzjoni li tingħata privattiva, anke jekk l-istruttura ta' dak l-element tkun identika ma' dak ta' element naturali;"; u

(ii) minflok il-paragrafu (e) tiegħu għandhom jidħlu il-paragrafi li ġejjin:-

"(e) varjetajiet ta' pjanti u annimali:

Iżda ma jingħatawx privattivi għal varjetajiet ta' pjanti biss wara li tkun ġiet introdotta forma ġdida ta' protezzjoni ta' varjetà ta'pjanta f'dik il-forma li tista' tiġi ordnata:

Iżda wkoll, tista' xorta tingħata privattiva skond dawk l-applikazzjonijiet għal privattiva għal varjetà ta'pjanta li jkunu għadhom pendenti f'dik id-data li fiha tiġi ordnata l-forma l-ġdida ta' protezzjoni permezz ta' privattiva;

(f) proċess essenzjalment bijoloġiku għall-produzzjoni ta' pjanti jew annimali:

Iżda dan ikun bla preġudizzju dwar kemm jistgħu jingħataw privattiva dawk l-invenzjonijiet li jirrigwardaw proċess mikrobijoloġiku jew xi proċess tekniku ieħor jew prodott li jkun ħareġ minn xi proċess bħal dak;

(g) sekwenza ta' DNA mingħajr informazzjoni teknika u partikolarment mingħajr indikazzjoni ta' funzjoni;"; u

(ċ) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (7), u minnufih wara s-subartikolu (5) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(6) Invenzjonijiet li jirrigwardaw pjanti jew annimali jistgħu jingħataw privattiva jekk l-adattabilità teknika ta' l-invenzjoni ma tkunx ristretta biss għal xi varjetà partikolari ta' pjanta jew annimal.".

Emenda ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali.

**109.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali, il-kelma "f'duplikat" għandha titħassar.

Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

**110.** Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 15 ta'l-Att prinċipali għandhom jidħlu s-subartikoli (2) sa (9) li ġejjin:–

"(2) (a) Meta applikazzjoni tkun tirreferi għal element iżolat mill-ġisem uman jew li jiġi xort'oħra prodott permezz ta' proċess tekniku inkluża s-sekwenza jew is-sekwenza parzjali ta' ġene, għandha tiġi żvelata l-applikazzjoni industrijali ta' sekwenza jew sekwenza parzjali ta' ġene fuq l-applikazzjoni għall-privattiva.

(b) Meta l-applikazzjoni tikkonċerna sekwenza jew sekwenzi parzjali ta' ġene li tintuża biex tiġi prodotta proteina jew parti minn proteina, għandha tiġi speċifikata liema proteina jew parti minn proteina hija prodotta jew inkella għandu jiġi speċifikat il-funzjoni tal-ġene jew sekwenza tal-ġene.

(3) Meta invenzjoni tkun tinvolvi l-użu jew tkun tirrigwarda xi materjal bijoloġiku mhux disponibbli għall-pubbliku li ma jkunux jistgħu jiġu deskritti fuq l-applikazzjoni għal privattiva hekk li dik l- invenzjoni tkun tista' tiġi riprodotta minn persuna li tkun tas-sengħa f'dik ix-xjenza, id-deskrizzjoni tkun meqjusa bħala mhux adegwata għall-għan ta' dan l-Att kemm-il darba:

(a) ma tkunx supplimentata billi dak il-materjal jiġi depożitat f'istituzzjoni depożitarja hekk kif jista' jiġi ordnat; u

(b) l-applikazzjoni ma jkunx fiha dik l-informazzjoni rilevanti li tkun disponibbli għall-applikant dwar il-karatteristiċi tal-materjal bijoloġiku depożitat.

(4) Għandu jingħata aċċess għall-materjal bijoloġiku depożitat permezz ta' l-għoti ta' kampjun:

(a) sa l-ewwel pubblikazzjoni tal-applikazzjoni għal privattiva, lil dawk il-persuni biss li jkunu awtorizzati taħt dan l-Att;

(b) bejn l-ewwel pubblikazzjoni ta' l-applikazzjoni u ta' l-għoti tal-privattiva, lil kull min jitolbu, jew, jekk l-applikant hekk jitlob, biss lil espert indipendenti;

(ċ) wara li l-privattiva tkun ingħatat, u minkejja revoka jew thassir tal-privattiva, lil kull min jitlobha.

(5) Il-kampjun jingħata biss jekk il-persuna li, tkun qegħda titolbu, tobbliga ruħha, li għaż-żmien li fih il-privattiva tkun fis-seħħ:

(a) ma tagħmilx dak il-materjal jew kull materjal li jinkiseb minnu disponibbli lil terzi; u

(b) ma tużax dak il-materjal jew materjal li jitnissel minnu ħlief għal għanijiet sperimentali, kemm-il darba l-applikant jew il-proprjetarju tal-privattiva, skond ma japplika, ma jwarrabx b'mod espress dan l-obbligu.

(6) Meta applikazzjoni tkun miċċuda jew tiġi irtirata, għaldaqshekk fuq talba ta' l-applikant, l-aċċess għall-materjal depożitat ikun limitat għal espert indipendenti għal għoxrin sena mid-data meta l-applikazzjoni għall-privattiva tkun ġiet ippreżentata, u f'dak il-każ, ikun japplika s-subartikolu (5).

(7) It-talbiet ta' l-applikant imsemmija il-paragrafu (b) tas-subartikolu (4) u fis-subartikolu (6) jistgħu jsiru biss sad-data li fiha l-preparazzjonijiet tekniċi għall-publikazzjoni ta' l-applikazzjoni tal-privattiva jitqiesu li jkunu ntemmu.

(8) Jekk il-materjal bijoloġiku depożitat skond dan l-artikolu ma jibqax disponibbli mill-istituzzjoni depożitarja rikonoxxuta, għandu jitħalla jsir depożitu ġdid tal-materjal skond l-istess pattijiet bħal dawk stipulati fit-Trattat ta' Budapest.

(9) Kull depożitu għandu jkun akkumpanjat minn dikjarazzjoni ffirmata mid-depożitant li tkun tiċċertifika li l-materjal bioloġiku depożitat mill-ġdid ikun l-istess bħal dak depożitat oriġinarjament.".

Emenda ta' l-artikolu 26 ta' l-Att prinċipali.

**111.** Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 26 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:-

"(2) Il-manutenzjoni ta' privattiva tkun bla ħsara għall-ħlas tad-dritt preskritt hawn isfel u msejjaħ id-dritt għall-manutenzjoni. Dak id-dritt għall-manutenzjoni jkun dovut għar-rigward tal-ħames sena u ta' kull sena li tiġi warajha li tibda għaddejja mid-data tal-preżentata ta' l-applikazzjoni u għandu jitħallas fid-data dovuta preskritta jew qabilha." .

Emenda ta' l-artikolu 27 ta' l-Att prinċipali.

**112.** Minflok is-subartikoli (3) u (4) ta' l-artikolu 27 ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu dawn is-subartikoli (3) sa (10) li ġejjin:–

"(3) Il-protezzjoni li tingħata permezz ta' privattiva lil materjal bijoloġiku li jkollu karatteristiċi speċifiċi bħala riżultat ta' l-invenzjoni għandha testendi għal kull materjal bijoloġiku li jinkiseb minn dak il-materjal bijoloġiku permezz tal-propagazzjoni jew it-tkattir f'forma identika jew diverġenti u li jkollu dawk l-istess karatteristiċi.

(4) Il-protezzjoni li tingħata permezz ta' privattiva fuq proċess li bih materjal bijoloġiku ikun jista' jiġi prodott bil-karatteristiċi speċifiċi tiegħu bħala riżultat ta' l-invenzjoni, għandha testendi għal materjal bijoloġiku li jinkiseb direttament b'dak il-proċess u għal kull materjal bijoloġiku ieħor li jinkiseb mill-materjal bijoloġiku miksub direttament permezz tal-propagazzjoni jew it-tkattir f'forma identika jew diverġenti u b'dawk l-istess karatteristiċi.

(5) Ħlief kif provdut fl-artikolu 4(5)(b), il-protezzjoni li tingħata permezz ta' privattiva fuq prodott li jkollu fih jew ikun magħmul minn informazzjoni ġenetika għandha tkun testendi għall-materjal kollu, li fih ikun inkorporat il-prodott u li fih ikollu l-informazzjoni ġenetika u jkun iwettaq il-funzjoni tiegħu.

(6) Minkejja is-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu, il-proprjetarju ta' privattiva ma għandu jkollu ebda dritt li jipprevjeni lil terzi milli jwettqu l-attijiet imsemmija fis-subartikoli (1) u (2)(b) f'dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) meta l-att isir privatament u għal għanijiet mhux kummerċjali, sakemm dak l-att ma jkunx jippreġudika b'mod sinifikattiv l-interessi ekonomiċi tal-proprjetarju tal-privattiva;

(b) meta l-att ikun jikkonsisti fl-għemil jew fl-użu ta' dak il-prodott għal għanijiet purament sperimentali jew għal riċerka xjentifika;

(ċ) meta l-att ikun jikkonsisti fit-tħejjija improvviżata għal każijiet individwali, ġo xi spiżerija jew minn tabib jew veterinarju, ta' xi mediċina skond riċetta medika jew ta' attijiet li jkunu jirrigwardjaw il-mediċina hekk imħejjija;

(d) meta l-att isir unikament għal użijiet raġonevolment relatati ma' l-iżvilupp u l-għoti ta' informazzjoni meħtieġa taħt xi liġi ta' Malta jew ta' xi stat ieħor li mhux Malta li tirregola l-manifattura, il-kostruzzjoni, l-użu jew il-bejgħ ta' prodotti mediċinali jew fitofarmaċewtiċi;

(e) meta l-użu jkun abbord bastimenti tal-pajjiżi ta' l-Unjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali ta' l-invenzjoni li jkollha privattiva, fil-buq tal-bastiment, fil-makkinarju, fil-ħbula, tagħmir u aċċessorji oħra, meta dawk il-bastimenti jidħlu fl-ibħra ta' Malta temporanjament jew aċċidentalment, sakemm dik l-invenzjoni hekk tintuża esklużivament għall-bżonnijiet tal-bastiment;

(f) meta l-użu ta' l-invenzjoni li jkollha privattiva jkun fil-kostruzzjoni jew fit-tħaddim ta' l-inġenji ta' l-ajru jew f'vetturi ta' l-art ta' pajjiżi ta' l-Unjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali jew ta' aċċessorji għal dawk l-inġenji ta' l-ajru jew vetturi ta' l-art, meta dawk l-inġenji ta' l-ajru jew vetturi temporanjament jew aċċidentalment jidħlu fit-territorju ta' Malta.

(7) B'deroga mis-subartikoli (3), (4) u (5) ta' dan l-artikolu:

(a) il-bejgħ jew xi forma oħra ta' kummerċjalizzazzjoni tal- materjal ta' propagazzjoni tal-pjanti lil bidwi mis-sid tal-privattiva jew bil-kunsens tiegħu għall-użu agrikolu jimplika l-awtorizzazzjoni li bidwi jkollu li juża l-prodott tal-ħsad tiegħu għal propagazzjoni jew tkattir minnu fir-razzett tiegħu stess;

(b) il-bejgħ jew xi forma oħra ta' kummerċjalizzazzjoni ta' bhejjem għat-trobbija jew xi materjal riproduttiv ieħor ta' l-annimali lil xi bidwi mis-sid tal-privattiva jew bil-kunsens tiegħu, jimplika awtorizzazzjoni li l-bidwi jkun jista' juża l-bhejjem protetti għal għan agrikolu. Dak l-użu jinkludi li l-annimal jew materjal riproduttiv ieħor ta' l-annimali jkunu disponibbli għall-għanijiet li titkompla l-attività agrikola tiegħu imma mhux għall-bejgħ fil-parametri jew għall-fini ta' attività riproduttiva kummerċjali.

(8) (a) Bla ħsara għall-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu, privattiva għandha tagħti wkoll lill-proprjetarju tagħha d-dritt li jżomm terzi milli jagħtu jew joffru lil xi persuna, li ma tkunx dik intitolata li tesplojta l-invenzjoni li jkollha privattiva, b'mezzi, li jkollhom x'jaqsmu ma' element ta' dik l-invenzjoni, essenzjali biex isseħħ l-invenzjoni, meta t-terza parti tkun taf, jew għandha fiċ-ċirkostanzi tkun taf, li dawk il-mezzi huma tajbin u maħsubin biex isseħħ dik l- invenzjoni. Id-disposizzjoni ta' dan il-paragrafu ma għandhiex tapplika meta dawk il-mezzi huma prodotti kummerċjali ta' ħtieġa ewlenija u ċ-ċirkostanzi tal-forniment ta' dawk il-prodotti ma jikkostitwux tħajjir għall-ksur tal-privattiva.

(b) Persuni li jwettqu xi atti msemmija f'paragrafi (a), (b), (ċ), (d), (e), (f) u (g) tas-subartikolu (6) m'għandhomx ikunu meqjusa bħala partijiet li jkollhom dritt li jesplojtaw l-invenzjoni skond it-tifsira tal-paragrafu ta' qabel dan.

(9) (i) Il-proprjetarju ta' privattiva m'għandu jkollu ebda dritt li jipprevjeni lil terzi milli jwettqu l-attijiet imsemmija fis-subartikolu (1) (b) u (2) (b) meta l-att ikun jirrigwarda l-prodott li jkun tqiegħed fis-suq mill-proprjetarju ta' privattiva, jew bil-kunsens espress tiegħu sakemm dak l-att jitwettaq wara li dak il-prodott ikun tqiegħed fis-suq.

(ii) Il-protezzjoni msemmija fis-subartikoli (3), (4) u (5) ta' dan l-artikolu ma għandhiex tkun testendi għal materjal bijoloġiku li jinkiseb mill-propagazzjoni jew mit-tkattir ta' materjal bijoloġiku mqiegħed fis-suq mid-detentur ta' privattiva bil-kunsens tiegħu meta t-tkattir jew il-propagazzjoni neċessarjament jirriżultaw mill-applikazzjoni li għaliha l-materjal bijoloġiku jkun ġie mqiegħed fis-suq:

Iżda l-materjal miksub ma jiġix aktar tard użat għal propagazzjoni oħra jew tkattir ieħor.

(iii) Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu "suq" tfisser is-suq f'Malta u mill-1 ta' Mejju 2004, l-Unjoni Ewropea.

(10) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jagħti effett għal kull ftehim, jew obbligi internazzjonali ta' Malta fir-rigward tad-drittijiet u limitazzjonijiet li joħorġu minn dan l-artikolu biex jirriflettu d-disposizzjonijiet ta' kull ftehim jew obbligu bħal dan.".

Emenda ta' l-artikolu 39 ta' l-Att prinċipali.

**113.** Minflok is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 39 ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu dawn is-subartikoli (8) sa (12) li ġejjin:

"(8) Il-Qorti Ċivili, Prim Awla, tista' f'ċitazzjoni ppreżentata mis-sid tal-privattiva (it-tieni privattiva) li ma tistax tiġi esplojtata mingħajr ksur tal-privattiva prijuri (l-ewwel privattiva), tordna lill-Kontrollur jikkonċedi liċenza mhux esklusiva u mhux volontarja sakemm:

(i) l-invenzjoni pretiża fit-tieni privattiva tkun tinvolvi avvanz tekniku importanti b'sinifikat ekonomiku konsiderevoli fil-konfront ta' l-invenzjoni pretiża fl-ewwel privattiva;

(ii) is-sid ta' l-ewwel privattiva għandu jkun intitolat għal liċenza trasversali b'pattijiet raġonevoli biex juża l-invenzjoni pretiża fit-tieni privattiva; u

(iii) l-użu awtorizzat għar-rigward ta' l-ewwel privattiva m'għandux ikun assenjabbli jekk mhux flimkien ma' l-assenjament tat-tieni privattiva.

(9) Meta min irabbi ma jkunx jista' jikseb protezzjoni ta' varjetà ta'pjanta jew jesplojta dritt ta' varjetà ta'pjanta bla ma jikser privattiva prijuri, huwa jista' japplika lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla għal liċenza obbligatorja għal użu mhux esklużiv ta' l-invenzjoni protetta mill-privattiva daqs kemm tkun meħtieġa l-liċenza għall-esplojtazzjoni tal-varjetà ta'pjanta li għandha tiġi protetta, bla ħsara għall-ħlas ta' *royalty* adatta. Meta tingħata liċenza bħal dik, is-sid tal-privattiva jkun intitolat għal liċenza trasversali b'dawk il-pattijiet raġonevoli biex juża l-varjetà protetta:

Iżda applikant għal liċenza msemmija hawn fuq għandu juri:

(a) li hu jkun applika bla suċċess għand is-sid ta' l-ewwel privattiva biex jikseb liċenza kuntrattwali;

(b) il-varjetà tal-pjanta tikkostitwixxi progress tekniku sinjifikanti ta' interess ekonomiku konsiderevoli mqabbel ma' l-invenzjoni pretiża mal-privattiva oriġinali.

(10) Meta sid il-privattiva li tkun tirrigwarda invenzjoni bioteknoloġika ma jkunx jista' jesplojtaha bla ma jikser dritt prijuri ta' varjetà ta'pjanta, jista' japplika għal liċenza obligatorja għal użu esklużiv tal-varjetà ta'pjanta protetta b'dak id-dritt, bla ħsara ta' ħlas ta' *royalty* adatt. Meta tingħata liċenza bħal dik, sid id-dritt tal-varjetà ikollu dritt għal liċenza trasversali b'pattijiet ragonevoli biex juża l-invenzjoni protetta:

Iżda applikant għal liċenza msemmija hawn fuq għandu juri -

(a) li hu jkun applika bla suċċess għand is-sid ta' l-ewwel privattiva għad-dritt tal-varjetà ta'pjanta biex jikseb liċenza kuntrattwali;

(b) l-invenzjoni tikkostitwixxu progress tekniku sinjifikanti ta' interess ekonomiku konsiderevoli mqabbel mal-varjetà tal-pjanta protetta bil-privattiva oriġinali.

(11) Għar-rigward ta' protezzjoni ta' varjetà ta'pjanta, is-subartikoli (9) u (10) ta' dan l-artikolu għandhom biss jiġu fis-seħħ meta l-forma rilevanti ta' protezzjoni ta' varjetà ta'pjanta tiġi fis-seħħ kif provdut fl-artikolu 4 (5)(e)." .

Emenda ta' l-artikolu 61 ta' l-Att prinċipali.

**114.** Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 61 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

"(2) Meta applikant ma jkollux ir-residenza ordinarja jew il-post prinċipali ta' negozju tiegħu f'Malta, huwa għandu jawtorizza bil-mod preskritt lil aġent li jkollu r-residenza ordinarja jew il-post prinċipali ta' negozju tiegħu f'Malta, biex jirrappreżentah:

Iżda dan is-subartikolu ma jibqax japplika mill-1 ta' Mejju 2004 dwar applikant li jkollu r-residenza ordinarja jew il-post prinċipali ta' negozju tiegħu f'xi Stat Membru.".

Emenda ta' l-artikolu 62 ta' l-Att prinċipali.

**115.** Minnufih fi tmiem is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 62 ta' l-Att prinċipali għandhom jiżdiedu dan il-proviso li ġej:-

"Iżda wkoll, fil-każ ta' privattiva li tkun skadiet u li tkun ingħatat taħt l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrjali:

(i) dik il-privattiva jekk tingħata lura tkun tista', bla ħsara għall-ħlas tad-drittijiet ta' manutenzjoni, tgawdi ż-żmien tal-protezzjoni stipulat f'dan l-Att mid-data tal-preżentata ta' l-applikazzjoni għall-privattiva; u

(ii) għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet li hemm fl-artikolu 46 ta' dan l-Att meta ssir talba biex din tingħata lura.".

Żieda ta' Taqsimiet XVIII sa XXIV ġodda ma' l-Att prinċipali.

**116.** Minnufih wara l-artikolu 62 ta' l-Att prinċipali għandhom jiżdiedu t-Taqsimiet XVIII sa XXIV ġodda li ġejjin li jkun fihom l-artikoli ġodda 63 sa 133 kif ġej:–

"Taqsima XVIII

Tifsir

Tifsir.

63. (1) Fit-Taqsimiet XVIII sa XXIV ta' dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra –

"disinn" tfisser il-parenza ta' prodott sħiħ jew ta' xi parti minnu skond ma jirriżulta mill-fattizzi tal-prodott innifsu, partikolarment, il-linji, kontorni, kuluri, forma, nisġa u, jew materjal tal-prodott innifsu u, jew ta' l-ornamentazzjoni tiegħu;

"disponibbli għall-pubbliku" tfisser li jkun disponibbli għall-pubbliku minn sid id-disinn jew minn xi parti oħra;

"Klassifikazzjoni skond Locarno" tfisser il-klassifikazzjoni li hemm fil-Ftehim ta' Locarno li jwaqqaf Klassifikazzjoni Internazzjonali għal Disinni Industrijali, kif riveduta jew emendata minn żmien għal żmien;

"Kontrollur" tfisser il-Kontrollur ta' Proprjetà Industrijali u tinkludi lil kull persuna oħra maħtura jew imqabbda mill-Kontrollur biex teżerċita s-setgħat kollha jew xi setgħa u li taqdi d-dmirijiet kollha jew xi dmir tal-Kontrollur;

"Konvenzjoni ta' Pariġi" tfisser il-Konvenzjoni ta' Pariġi dwar il-Protezzjoni ta' Proprjetà Industrijali ta' l-20 ta' Marzu 1883, kif riveduta jew emendata minn żmien għal żmien;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-protezzjoni ta' proprjetà industrijali;

"proċedimenti dwar xi ksur" f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi disinn reġistrat ġiet tinkludi proċedimenti taħt l-artikolu 115;

"prodott" tfisser oġġett industrijali jew artiġjanali, li ma jkunx programm ta' *computer*, inklużi fost l-oħrajn partijiet magħmulin biex jiġu immuntati fi prodott kompless, ippakkettjar, *get-up*, simboli grafiċi u karattri tipografiċi;

"prodott kompless" tfisser prodott magħmul minn għadd ta' komponenti sostituttivi hekk li l-prodott jkun jista' jinħatt u jerġa' jiġi immuntat;

"reġistru" tfisser ir-reġistru ta' disinni miżmum taħt dan l-Att u tinkludi ir-reġistru ta' disinni miżmum taħt l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni ta' Proprjetà Industrijali; Kap. 29.

"stipulat" tfisser stipulat b'dan l-Att jew b'kull regolamenti magħmulin taħtu;

"tippubblika" tfisser li tagħmel disponibbli għall-pubbliku u riferenzi għal-pubblikazzjoni dwar reġistrazzjoni, huma riferenzi għal-pubblikazzjoni taħt l-artikoli 95(4);

"Stat Membru" tfisser stat li jkun membru ta' l-Unjoni Ewropea;

"it-Trattat" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea;

"Uffiċċju" tfisser l-uffiċċju responsabbli għar-reġistrazzjoni ta' disinni f'Malta taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

"Unjoni Ewropea" tfisser l-Unjoni Ewropea mssemija fit-Trattat.

(2) Id-disposizzjonijiet tat-Taqsimiet II sa XVII ta' dan l-Att ma japplikawx għal disinni li huma regolati bit-Taqsimiet XVIII sa XXIV ta' dan l-Att esklużivament.

## Taqsima XIX

## Kemm Jista' Jiġi Reġistrat

Dritt ta' proprjetà.

64. Disinn reġistrat hu dritt ta' proprjetà li jinkiseb mir-reġistrazzjoni tad-disinn taħt dan l-Att. Il-proprjetarju ta' disinn reġistrat ikollu d-drittijiet u r-rimedji pprovduti b'dan l-Att.

Htiġiet għall-protezzjoni.

65. (1) Id-disinni jkunu protetti bir-reġistrazzjoni, u għandhom jingħataw drittijiet esklużivi lid-detenturi tagħhom skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) Disinn ikun protett bi dritt ta' disinn sakemm dan ikun żdid u jkollu xorta individwali.

(3) Disinn applikat ma' jew inkorporat fi prodott li jikkostitwixxi parti komponenti bi prodott kompless għandu biss jitqies bħala wieħed żdid u li għandu xorta individwali:

(a) kemm-il darba l-parti komponenti, ġaladarba din tkun ġiet inkorporata fil-prodott kompless, tibqa' tidher matul l-użu normali tal-prodott kompless, u

(b) kemm-il darba dawk il-fattizzi li jidhru tal-parti komponenti jkunu fihom infushom iwettqu l-ħtiġiet li jirrigwardaw affarijiet ġodda u ta' xorta individwali.

(4) Il-frażi "użu normali" fil-kuntest tat-tifsir tas-subartikolu (3)(a) tfisser l-użu li jsir minn utent finali, eskluż kull xogħol ta' manutenzjoni, *servicing* jew tiswija.

Affarijiet ġodda.

66. Għandu disinn jitqies bħala wieħed ġdid jekk ma jkun hemm ebda disinn identiku disponibbli għall-pubbliku qabel id-data meta ssir il-preżentata ta' l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni jew, jekk jiġu pretiżi prioritajiet, id-data ta' priorità:

Iżda dawk id-disinni li jkollhom fattizzi li jiddifferixxu biss f' dettalji mhux materjali għandhom ukoll jitqiesu bħala identiċi.

Xorta individwali.

67. (1) Disinn jitqies li jkollu xorta individwali jekk l-impressjoni totali li jagħti lil utent informat tkun tiddifferixxi mill-impressjoni totali li tali utent jieħu minn disinn li jkun intgħamel disponibbli għall-pubbliku qabel id-data meta ssir il-preżentata ta' l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni jew, jekk jiġu pretiżi prioritajiet, id-data ta' priorità.

(2) Meta tkun qed tiġi stmata x-xorta individwali, għandu jitqies kemm kellu libertà d-disinjatur fl-iżvilupp tad-disinn.

Kxif.

68. (1) Għall-fini li jiġu applikati l-artikoli 66 u 67, disinn għandu jitqies li jkun intgħamel disponibbli għall-pubbliku jekk dan ikun ġie ppubblikat wara r-reġistrazzjoni jew xort'oħra, jew esibit, użat fil-kummerċ jew xort'oħra mikxuf, ħlief meta dawn il-ġrajjiet ma jkunux jistgħu raġonevolment saru magħrufin fil-kors normali tal-kummerċ lis-setturi speċjalizzati fis-settur inkwistjoni, li jkun qed jopera ġewwa Malta u mill-1 ta' Mejju, 2004, fl-Unjoni Ewropea, qabel id-data meta ssir il-preżentata ta' l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni jew, jekk jiġu pretiżi prioritajiet, id-data ta'

priorità. Id-disinn m'għandux, madankollu, jitqies li jkun intgħamel disponibbli għall-pubbliku minħabba biss għaliex ikun ġie mikxuf lil terzi taħt kondizzjonijiet ta' kunfidenzjalità espliċiti jew impliċiti.

(2) Ma għandu jitqies ebda kxif għall-fini li jiġu applikati l-artikoli 66 u 67 jekk id-disinn li dwaru tkun qed tintalab il-protezzjoni jkun intgħamel disponibbli għall-pubbliku mid-disinjatur, mis-suċċessur tiegħu fit-titolu, jew minn terzi bħala riżultat ta' informazzjoni pprovduta jew azzjoni meħuda mid-disinjatur, jew mis-suċċessur tiegħu fit-titolu u dak il-kxif ikun sar matul il-perjodu ta' 12-il xahar li jiġi qabel id-data meta ssir il-preżentata ta' l-applikazzjoni jew, jekk jiġu pretiżi prioritajiet, id-data ta' priorità.

(3) Is-subartikolu (2) għandu wkoll japplika jekk id-disinn ikun intgħamel disponibbli għall-pubbliku minħabba f'xi abbuż f'dak li għandu x'jaqsam mad-disinjatur jew mas-suċċessur tiegħu fit-titolu.

Disinni ddettati mill-funzjoni teknika tagħhom u disinni ta' interkonnessjonijiet.

69. (1) Dritt f'disinn reġistrat ma għandux jissussisti fil-fattizzi ta' apparenza ta' prodott li jkunu biss iddettati mill-funzjoni teknika tiegħu.

(2) Dritt f'disinn reġistrat ma għandux jissussisti fil-fattizzi ta' apparenza ta' prodott li jkollu tabilfors jiġi riprodott fil-forma eżatta u dimensjonijiet tagħhom sabiex il-prodott li d-disinn ikun inkorporat fih jew li jkun applikat dwaru jkun jista' jiġi mekkanikament konness ma' jew imqiegħed fi, madwar jew f'kuntrast ma' xi prodott ieħor biex xi prodott il-wieħed jew l-ieħor ikun jista' jwettaq il-funzjoni tiegħu.

(3) Minkejja s-subartikolu (2), dritt f'disinn reġistrat għandu, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-artikoli 66 u 67, jissussisti f'disinn li jkollu l-għan li jħalli jsir l-immuntar ta' diversi biċċiet jew il-konnessjoni ta' prodotti li jinbidlu reċiprokament ma' xulxin f'sistema modulari.

Disinni li jmorru kontra l-politika jew il-moralita' pubblika.

70. Dritt f'disinn reġistrat ma għandux jissussisti f'disinn li jmur kontra l-politika pubblika jew il-prinċipji aċċettati tal-moralità.

Skop ta' protezzjoni.

71. (1) L-iskop tal-protezzjoni mogħtija bi dritt f'disinn reġistrat għandu jinkludi disinn li ma jagħmilx impressjoni totali differenti fuq utent informat.

(2) Meta jitqies l-iskop ta' protezzjoni, għandu jitqies il-grad ta' libertà tad-disinjatur li jkun qed jiżviluppa d-disinn tiegħu.

Żmien għal kemm issir protezzjoni.

72. (1) Mar-reġistrazzjoni tiegħu, disinn li jkun skond il-ħtiġiet ta' l-artikolu 65 (2) għandu jkun protett bi dritt ta' disinn għal żmien ħames snin mid-data meta ssir il-preżentata ta' l-applikazzjoni.

(2) Id-detentur tad-dritt jkollu ż-żmien tiegħu għal kemm issir protezzjoni mġedded skond l-artikolu 73 għal xi perjodu wieħed jew iżjed ta' ħames snin kull wieħed, sa żmien totali ta' 25 sena mid-data meta ssir il-preżentata.

Tiġdid ta' reġistrazzjoni.

73. (1) Ir-reġistrazzjoni ta' disinn tista' tiġġedded fuq talba tal-proprjetarju, sakemm isir il-ħlas stipulat għat-tiġdid:

Iżda dan japplika sakemm issir talba u l-ħlas isir qabel id-data ta' skadenza u dik l-azzjoni tittieħed mhux iżjed minn sitt xhur qabel dik id-data:

Iżda tista' tintgħamel talba u l-ħlas isir sa sitt xhur wara d-data ta' skadenza, f'liema każ kull ħlas ta' tiġdid addizzjonali li jista' jkun stipulat jkun tħallas ukoll f'dak iż-żmien.

(2) It-tiġdid għandu jibda jseħ'minn meta tiskadi r-reġistrazzjoni ta' qabel.

(3) Jekk ir-reġistrazzjoni ma tiġġeddidx skond id-disposizzjonijiet ta' hawn qabel, il-Kontrollur għandu jneħħi d-disinn mir-reġistru.

Raġunijiet għal rifjut ta' reġistrazzjoni.

74. Għandu disinn jiġi rifjutat reġistrazzjoni:

(a) jekk id-disinn ma jinkwadrawx fid-definizzjoni ta' disinn fl-artikolu 63;

(b) jekk ikun jikkonsisti fi jew ikun b'mod sinifikattiv magħmul mill-bandiera nazzjonali ta' Malta;

(ċ) jekk ikun fih rappreżentazzjoni tal-bandiera nazzjonali ta' Malta u jkun jidher lill-Kontrollur bħala wieħed li jiżgwida jew li hu offensiv;

(d) jekk ikun jikkonsisti fi jew ikun fih:

(i) l-armi eraldiċi, jew x'uħud mill-istemmi prinċipali ta' l-armi eraldiċi li jappartjenu lill-President jew lill-Arċisqof Kattoliku Ruman ta' Malta, jew xi insinji jew distintiv li jkun hekk jixbah lil dawk l-armi eraldiċi jew xi stemma eraldika li x'aktarx jiftiehmu li huma dawk l-armi l-oħra jew dik l-arma l-oħra,

(ii) rappreżentazzjoni tal-bnadar Presidenzjali jew Episkopali,

(iii) rappreżentazzjoni tal-President jew l-Arċisqof, jew xi imitazzjoni bid-dieher tagħhom, jew

(iv) kliem, ittri jew mezzi li x'aktarx iwasslu persuni jaħsbu li l-applikant jew għandu jew reċentement kellu xi patroċinju jew awtorizzazzjoni Presidenzjali jew Episkopali.

kemm-il darba ma jkunx jidher lill-Kontrollur li jkun ingħata kunsens minn jew f'isem il-President jew l-Arċisqof;

(e) jekk ikun imur kontra l-politika pubblika jew prinċipji ta' moralità aċċettati; jew

(f) jekk l-applikant għad-dritt f'disinn reġistrat ma jkunx intitolat għalih taħt il-liġi ta' Malta.

Drittijiet esklużivi mogħtija bid-dritt ta' disinn.

75. (1) Ir-reġistrazzjoni ta' disinn għandha tagħti lid-detentur tiegħu id-dritt esklużiv li jużah biex jipprevjeni lil terzi li ma jkollhomx il-kunsens tiegħu milli jużawh. L-użu hawn qabel imsemmi għandu jkopri, partikolarment, l-għemil, l-offerta, t-tqegħid fis-suq, l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew l-użu ta' prodott li fih ikun hemm inkorporat id-disinn jew li jkun applikat dwaru, jew il-ħżin ta' dak il-prodott għal dawk il-finijiet.

(2) Kull referenza f'dan l-Att għall-ksur ta' disinn reġistrat għandu jitqies bħala referenza għal kull ksur bħal dak tad-drittijiet tal-proprjetarju.

(3) Id-drittijiet tal-proprjetarju jkollhom effett mid-data ta' reġistrazzjoni li jitqies skond l-artikolu 95(3):

Iżda –

(a) ma jistgħu jinbdew ebda proċedimenti dwar xi ksur qabel ma d-disinn ikun fil-fatt ġie reġistrat, u

(b) ma għandu jsir ebda reat taħt l-artikolu 117 u xi ħaġa magħmula qabel id-data tal-pubblikazzjoni tar-reġistrazzjoni.

Limitazzjoni tad-drittijiet mogħtija bid-dritt ta' disinn.

76. (1) Id-drittijiet mogħtija bid-dritt ta' disinn mar-reġistrazzjoni ma għandux jiġi reġistrat għar-rigward ta':

(a) attijiet li jsiru privatament u għal raġunijet mhux kummerċjali, jew

(b) attijiet magħmulin għal raġunijiet sperimentali, jew

(ċ) attijiet ta' riproduzzjoni għall-finijiet li jsiru ċitazzjonijiet jew ta' tagħlim, sakemm dawk l-attijiet ikunu kompatibbli mal-prattika kummerċjali u ma jkunux jippreġudikaw indebitament l-esplojtazzjoni tad-disinn normali, u li tissemma l-oriġni.

(2) B'żieda ma' dan, id-drittijiet mogħtija bi dritt ta' disinn mar-reġistrazzjoni ma għandhomx jiġu eżerċitati għar-rigward ta':

(a) it-tagħmir abbord ta' bastimenti u ajruplan reġistrat f'pajjiż ieħor meta dawn jidħlu temporanjament jew aċċidentalment fit-territorju ta' Malta, jew

(b) l-importazzjoni ġewwa Malta ta' *spare parts* u aċċessorji għall-fini tat-tiswija ta' dawk l-inġenji, jew

(ċ) l-eżekuzzjoni ta' tiswijiet fuq dawk l-inġenji.

Eżawriment ta' drittijiet.

77. (1) Disinn reġistrat ma għandux jintitola lill-proprjetarju li jipprojbixxi l-użu ta' prodott li fih ikun hemm id-disinn inkorporat jew li d-disinn jiġi applikat għalih meta l-prodott jkun tqiegħed fis-suq minn proprjetarju jew bil-kunsens tiegħu:

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu:

"is-suq" tfisser is-suq f'Malta u mill-1 ta' Mejju 2004, is-Suq fi Stat Membru ieħor; u

"użu" inkluża l-offerta, il-bejgħ, ix-xiri jew l-esportazzjoni tal-prodott.

Relazzjoni ma' forom oħra ta' protezzjoni .

78. (1) Id-disposizzjonijiet tat-Taqsima XVIII sa XIV ta' dan l-Att għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kull disposizzjoni oħra tal-liġi ta' Malta li jkollha x'taqsam ma' drittijiet ta' disinn mhux reġistrat, *trademarks* jew sinjali distinttiv oħra, privattivi u mudelli utilitarji, karattri tipografiċi, responsabbiltà ċivilii jew kompetizzjoni mhux ġusta.

(2) Disinn protett bi dritt ta' disinn reġistrat skond dan l-Att għandhom ukoll ikunu eliġibbli għal protezzjoni taħt l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur, mid-data meta jkun inħoloq id-disinn jew ġie stabbilit f'xi forma.

Kap. 415

Xorta ta' disinn reġistrat.

79. Disinn reġistrat hu l-proprjetà personali ta' sidu.

Ko-proprjeta' ta' disinn reġistrat.

80. (1) Meta jingħata disinn reġistrat lil xi żewġ persuni jew aktar konġuntement, kull wieħed minnhom ikun intitolat, bla ħsara għal kull ftehim kuntrarju, għal sehem ugwali indiviż fid-disinn reġistrat.

(2) Id-disposizzjonijiet li ġejjin japplikaw meta xi żewġ persuni jew aktar ikunu ko-proprjetarji ta' disinn reġistrat, bis-saħħa tas-subartikolu (1) jew xort'oħra.

(3) Bla ħsara għal xi ftehim kuntrarju, kull ko-proprjetarju jkun intitolat, personalment jew permezz ta' l-aġenti tiegħu, li jagħmel għall-benefiċċju tiegħu nnifsu u mingħajr il-kunsens ta' jew il-ħtieġa li jagħti kont lil xi ko-proprjetarju ieħor, xi att li kieku xort'oħra jammonta għal ksur tad-disinn reġistrat.

(4) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) ko-proprjetarju jista' mhux mingħajr il-kunsens ta' l-ieħor jew ta' l-oħrajn -

(a) jagħti liċenza biex jintuża d-disinn reġistrat, jew

(b) jassenja jew iċedi l-kontroll ta' sehmu fid-disinn reġistrat.

(5) Proċedimenti dwar xi ksur jistgħu jinġiebu minn ko-proprjetarju, imma ko-proprjetarju ma jistax, mingħajr ma jitħalla jagħmel hekk mill-Qorti, jagħmel l-azzjoni kemm-il darba ma jidħolx il-ko-proprjetarju l-ieħor jew kull wieħed mill-ko-proprjetarji l-oħra, fil-kawża.

Ko-proprjetarju li hekk jingħaqad fil-kawża m'għandu jħallas xejn fil-kawża.

Ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tolqot l-għemil ta' xi mandat kawtelatorju fuq rikors li jsir minn ko-proprjetarju wieħed.

(6) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tolqot id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet ta' *trustees* jew rappreżentanti personali, jew id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tagħhom bħala tali.

Trasmissjoni ta' disinn reġistrat.

81. (1) Disinn reġistrat jista' jingħadda b'assenjazzjoni, disposizzjoni testamentarja jew operazzjoni ta' liġi bl-istess mod bħal proprjetà personali jew mobbli oħra.

Dan jista' hekk jingħadda jew f'konnessjoni mat-twillija tan-negozju jew indipendentement.

(2) Assenjazzjoni jew trasmissjoni oħra ta' disinn reġistrat tista' tkun parzjali u limitata biex hekk tapplika dwar l-użu tad-disinn b'mod partikolari jew f'xi lokalità partikolari.

(3) Assenjazzjoni ta' disinn reġistrat mhux effettiva kemm-il darba ma tkunx bil-miktub iffirmata minn jew f'isem min jassenja jew, skond ma jista' jkun il-każ, ir-rappreżentant personali tiegħu.

(4) Ebda ħaġa f'dan l-Att m'għandha tiftiehem li tolqot l-assenjazzjoni jew xi trasmissjoni oħra ta' disinn mhux reġistrat bħala parti mit-twillija ta' negozju.

Reġistrazzjonijiet ta' transazzjonijiet li jolqtu disinn reġistrat.

82. (1) Meta ssir applikazzjoni lill-Kontrollur minn persuna li tippretendi li tkun intitolata għal xi interess fi jew taħt disinn reġistrat bis-saħħa ta' transazzjoni reġistrabbli, jew kull persuna oħra li tippretendi li tkun milquta b'tali transazzjoni, id-dettalji rilevanti tat-transazzjoni għandhom jiddaħħlu fir-reġistru.

(2) Dawn li ġejjin huma transazzjonijiet reġistrabbli:

(a) l-assenjazzjoni ta' disinn reġistrat jew xi dritt fih;

(b) l-għoti ta' liċenza taħt disinn reġistrat;

(ċ) it-trasferiment ta' disinn reġistrat b'testment;

(d) ordni ta' Qorti jew xi awtorità kompetenti oħra li tittrasferixxi disinn reġistrat jew xi dritt fih jew taħtu.

(3) Sakemm tkun saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' transazzjoni reġistrabbli:

(a) it-transazzjoni ma tkunx effettiva fir-rigward ta' persuna li bonafidi takkwista xi interess konfliġġenti fid-disinn reġistrat, u

(b) l-artikoli 86 jew 87 ma għandhomx japplikaw dwar persuna li tippretendi li tkun detentur ta' liċenza bis-saħħa tat-transazzjoni.

(4) Meta persuna ssir il-proprjetarju jew detentur ta' liċenza ta' disinn reġistrat bis-saħħa ta' transazzjoni reġistrabbli, hija ma għandhiex tkun intitolata għal danni jew li tagħti rendikont tal-profitti tagħha dwar xi ksur tad-disinn reġistrat li jiġri wara d-data tat-transazzjoni reġistrabbli u qabel ma tiġi reġistrata t-transazzjoni, kemm-il darba:

(a) ma ssirx applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-transazzjoni qabel tmiem żmien sitt xhur li jibdew għaddejin mid-data tat-transazzjoni, jew

(b) il-Qorti ma tkunx sodisfatta li ma kienx prattikabbli li applikazzjoni bħal dik issir qabel tmiem dak iż-żmien u li tkun saret applikazzjoni kemm jista' jkun prattikabbilment malajr wara dan.

Applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' disinn bħala oġġett ta' proprjetà.

83. Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 79 sa 82 japplikaw *mutatis mutandis* f'dak li għandu x'jaqsam ma' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' disinn bl-istess mod bħalma japplikaw f'dak li għandu x'jaqsam ma' disinn reġistrat.

Liċenzjar ta' disinn reġistrat.

84. (1) Liċenza biex jintuża disinn reġistrat tista' tkun ġenerali jew limitata. Liċenza limitata tista', partikolarment, tapplika f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-użu tad-disinn b'mod partikolari jew f'xi lokalità partikolari.

(2) Kemm-il darba l-liċenza ma tipprovdix xort'oħra, din tkun tobbliga wkoll lis-suċċessur fit-titolu skond l-interessi tal-konċedent, u referenzi f'dan l-Att għal xi għemil li jsir bil-kunsens, jew mingħajr il-kunsens, tal-proprjetarju ta' disinn reġistrat, għandhom jiftehmu skond dan.

(3) Meta l-liċenza tkun hekk tipprovdi, tista' tingħata sotto-liċenza mid-detentur ta' liċenza; u referenzi f'dan l-Att għal liċenza jew detentur ta' liċenza jinkludu sotto-liċenza jew sotto-detentur ta' liċenza.

Liċenzi esklużivi.

85. (1) Fit-Taqsimiet XVIII sa XVIV ta' dan l-Att "liċenza esklużiva" tfisser liċenza (kemm ġenerali kemm limitata) li tkun tawtorizza lid-detentur ta' liċenza b' esklużjoni ta' kull persuna oħra, inkluża l-persuna li tkun qed tagħti l-liċenza, biex juża disinn reġistrat bil-mod awtorizzat bil-liċenza.

(2) Detentur ta' liċenza esklużiva għandu l-istess drittijiet fir-rigward ta' suċċessur fit-titolu li jkun obbligat b'liċenza bħalma għandu fir-rigward tal-persuna li tkun qed tagħti l-liċenza.

Dispos-izzjonijiet ġenerali dwar id-drittijiet ta' detenturi ta' liċenza fil-każ ta' ksur.

86. (1) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw għar-rigward tad-drittijiet ta' detentur ta' liċenza f'dak li għandu x'jaqsam mal-ksur ta' disinn reġistrat:

Iżda ma għandhomx japplikaw meta jew sakemm, skond l-artikolu 87(1) detentur ta' liċenza esklużiva jkollu dritt jibda proċedimenti f'ismu stess.

(2) Detentur ta' liċenza jkollu jedd, kemm-il darba l-liċenza li jkollu ma tkunx tipprovdi xort'oħra, jinterpella lill-proprjetarju tad-disinn reġistrat biex jibda proċedimenti fuq xi ksur dwar xi ħaġa li tkun tolqot l-interessi tiegħu.

(3) Jekk il-proprjetarju jirrofta milli jagħmel dan, jew jonqos milli jagħmel dan fi żmien xahrejn minn meta jkun ġie interpellat, id-detentur ta' liċenza jista' jibda proċedimenti f'ismu stess daqslikieku kien il-proprjetarju.

(4) Meta jinbdew minn detentur ta' liċenza bis-saħħa ta' dan l-artikolu proċedimenti dwar xi ksur, il-proprjetarju għandu wkoll jidħol fil-kawża.

(5) Fi proċedimenti dwar xi ksur li jinbdew minn proprjetarju ta' disinn reġistrat, kull telf imġarrab jew li x'aktarx ikun imġarrab mid-detenturi ta' liċenza għandu jitqies mill-Qorti li għandha tagħti dawk l-ordnijiet li tqis xierqa dwar x'ikollu jsir minn u kif għandu jitqassam kull ammont ta' flus mogħti bħala rimedju għall-ksur.

Detentur ta' liċenza li jkollu dritt u rimedji ta' prokuratur.

87. (1) Liċenza esklużiva tista' tkun tipprovdi li d-detentur ta' liċenza jkollu, sa dak il-limitu li jista' jiġi pprovdut minn liċenza, l-istess drittijiet u rimedji dwar ħwejjeġ li jiġru wara l-għoti ta' l-liċenza daqslikieku l-liċenza kienet assenjazzjoni.

Meta jew sal-limitu li fih isir dak il-provvediment, id-detentur ta' liċenza ikun intitolat, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-liċenza u għal dawn id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu li ġejjin, jibda proċedimenti dwar xi ksur f'ismu stess kontra kull persuna li ma tkunx il-proprjetarju.

(2) Id-drittijiet u r-rimedji ta' detentur ta' liċenza esklużiva jimxu flimkien ma' dawk tal-proprjetarju tad-disinn reġistrat; u referenzi f'dan l-Att għall-proprjetarju ta' disinn reġistrat li għandhom x'jaqsmu ma' ksur għandhom ikunu jiftehmu skond dan.

(3) F'azzjoni mibdija minn detentur ta' liċenza esklużiva taħt dan l-artikolu, konvenut jkun jista' jutilizza kull difiża li kieku kienet tkun disponibbli għalih li kieku l-azzjoni tkun inbdiet minn proprjetarju tad-disinn reġistrat.

(4) Meta proċedimenti dwar ksur ta' disinn reġistrat jinbdew minn proprjetarju jew mid-detentur ta' liċenza li għandhom x'jaqsmu mal-ksur li dwaru huma jkollhom dritt ta' azzjoni konkorrenti, il-proprjetarju jew, skond il-każ, id-detentur ta' liċenza li ma jkunux atturi jistgħu jingħaqdu fil-kawża.

(5) (a) Meta tinbeda azzjoni dwar ksur ta' disinn reġistrat li għandha x'taqsam ma' xi ksur li dwaru l-proprjetarju u d-detentur ta' liċenza esklużiva jkollhom dritt ta' azzjoni konkorrenti -

(i) il-Qorti għandha meta tiġi biex tagħmel stima tad-danni tqis il-pattijiet tal-liċenza, u kull rimedju ta' flus li jkun ingħata minn qabel jew sar disponibbli lil xi wieħed minnhom dwar dak il-ksur;

(ii) ma għandu jiġi ordnat li jsir ebda kont ta' profitti jekk ikunu ngħataw qabel id-danni, jew ikun ġie ordnat kont ta' profitti, favur xi wieħed minnhom dwar dak il-ksur; u

(iii) il-Qorti għandha tqassam, jekk ikun ġie ordnat kont ta' profitti u bla ħsara għal kull ftehim bejn il-proprjetarju u d-detentur ta' liċenza esklużiva, il-profitti bejnithom hekk kif il-Qorti tqis li jkun ġust.

(b) Id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu japplikaw kemm jekk azzjoni tinġieb minn proprjetarju waħdu, kemm jekk din tinġieb minn proprjetarju u d-detentur ta' liċenza; u jekk dawn ma jkunux partijiet it-tnejn li huma, il-Qorti tista' tagħti dawk l-ordnijiet li tista' tqis li jkunu xierqa dwar it-tneħħija u t-tqassim ta' kull ammont mogħti bħala rimedju għall-ksur.

(6) Il-proprjetarju ta' disinn reġistrat għandu javża lil detentur ta' liċenza li jkollu dritt ta' azzjoni konkorrenti qabel ma japplika għal ordni taħt l-artikolu 115; u l-Qorti tista' wara li d-detentur ta' liċenza jagħmel rikors, tordna li jsir skond dak l-artikolu bħal ma tqis li jkun xieraq fil-qies tal-pattijiet tad-detentur ta' liċenza.

(7) Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4) sa (6) għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kull ftehim kuntrarju bejn id-detentur ta' liċenza u l-proprjetarju.

## Taqsima III

## Applikazzjonijiet

Applikazzjoni għal reġistrazzjoni.

88. Applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' disinn għandha tiġi ppreżentata għand il-Kontrollur fl-ilsien Malti jew Ingliż u għandu jkun fiha dan li ġej:

(a) talba għal reġistrazzjoni ta' disinn;

(b) l-isem u l-indirizz ta' l-applikant;

(ċ) id-disinn li jkun is-suġġett ta' l-applikazzjoni;

(d) l-isem u l-indiriz ta' l-aġent jew rappreżentant, fil-każijiet meta xi wieħed ikun ġie maħtur; u

(e) dikjarazzjoni li tkun qed tiġi pretiża prijorità fil-każijiet meta l-applikant ikun jixtieq jieħu vantaġġ ta' applikazzjoni aktar bikrija.

L-applikazzjoni għandha tkun bla ħsara għall-ħlas ta' dritt skond ma jista' jkun stipulat.

Data meta ssir il-preżentata.

89. (1) Id-data meta ssir il-preżentata ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' disinn tkun id-data meta jingħataw l-elementi stipulati fl-artikolu 88 lill-Kontrollur mill-applikant:

Iżda meta l-elementi jingħataw fi ġranet differenti, id-data meta ssir il-preżentata tkun id-data meta jingħata l-aħħar element.

(2) Referenzi f'Taqsima XVIII sa XXIV għad-data ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni għandu jiftiehem bħala referenza għad-data meta ssir il-preżentata ta' l-applikazzjoni.

Klassifikazzjoni ta' disinni.

90. (1) Id-disinni għandhom jiġu klassifikati għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' disinni bħalma hemm fil-Klassifikazzjoni skond Locarno.

(2) Kull kwistjoni li tqum dwar il-klassi li fiha jkun jinkwadra xi disinn għandha tiġi deċiża mill-Kontrollur, li d-deċiżjoni tiegħu tkun waħda finali.

Pretensjoni dwar priorità applikazzjoni tal-konvenzjoni.

91. (1) Persuna li tkun ippreżentat applikazzjoni kif imiss għall-protezzjoni ta' disinn fi stat li jkun membru ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) jew parti fil-Konvenzjoni ta' Pariġi, hawn iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejjħa bħala "applikazzjoni skond il-Konvenzjoni", jew is-suċċessur fit-titolu tagħha, ikollhom dritt ta' priorità, għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' l-istess disinn taħt dan l-Att li dwaru tkun ġiet ippreżentata dik l-applikazzjoni, għal żmien sitt xhur mid-data meta ssir il-preżentata ta' l-ewwel applikazzjoni bħal dik.

(2) Jekk l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni taħt dan l-Att issir matul dak iż-żmien ta' sitt xhur:

(a) id-data rilevanti għall-finijiet li jiġu stabbiliti liema drittijiet ikollhom preċedenza għandha tkun id-data meta ssir il-preżentata ta' l-ewwel applikazzjoni skond il-Konvenzjoni, u

(b) ma għandux jintlaqat il-fatt dwar kemm jista' jiġi reġistrat id-disinn bl-użu tiegħu f'Malta fil-perjodu bejn dik id-data u d-data ta' l-applikazzjoni taħt dan l-Att.

(3) (a) Kull preżentata fi stat membru ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ jew parti fil-Konvenzjoni ta' Pariġi li tkun ekwivalenti għal preżentata nazzjonali regolari taħt il-legislazzjoni domestika tiegħu, għandha tiġi ttrattata bħala li din tagħti lok għad-dritt ta' priorità.

(b) Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu "preżentata nazzjonali regolari" tfisser preżentata li tkun adegwata sabiex tiġi stabbilita d-data meta l-applikazzjoni tkun ġiet ippreżentata fil-pajjiż, tkun xi tkun l-applikazzjoni sussegwenti.

(4) Applikazzjoni sussegwenti li tirrigwarda l-istess disinn bħala l-ewwel applikazzjoni skond il-Konvenzjoni, ippreżentata fl-istess pajjiż tal-Konvenzjoni, titqies bħala l-ewwel applikazzjoni skond il-Konvenzjoni (li d-data tal-preżentata tkun id-data tal-bidu taż-żmien ta' priorità), jekk fil-waqt ta' l-applikazzjoni sussegwenti:

(a) l-applikazzjoni ta' qabel tkun ġiet irtirata, abbandunata jew rifjutata, mingħajr ma tkun infetħet għall-ispezzjoni pubblika u mingħajr ma tkun ħalliet xi drittijiet pendenti, u

(b) ma tkunx għadha serviet bħala bażi għal pretensjoni ta' dritt ta' priorità, u l-applikazzjoni ta' qabel tista' wara dan ma sservix bħala bażi għal dritt ta' priorità pretiż.

(5) Jista' jsir provvediment b'regolamenti dwar kif issir pretensjoni ta' dritt ta' priorità abbażi ta' applikazzjoni skond il-Konvenzjoni.

(6) Dritt ta' priorità li joriġina bħala riżultat ta' applikazzjoni skond il-Konvenzjoni jista' jiġi assenjat jew xort'oħra trasmess, jew ma' l-applikazzjoni jew b'mod indipendenti.

Pretensjoni dwar priorità minn applikazzjonijiet ohra rilevanti ġejjin minn barra l-pajjiż.

92. (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti li jagħtu lil persuna li tkun debitament ippreżentat applikazzjoni għall-protezzjoni ta' disinn f'pajjiż jew territorju li dwaru l-Gvern ta' Malta jkun parti fi trattat, konvenzjoni, arranġament jew qbil għall- protezzjoni reċiproka ta' disinni, dritt għall-priorità, għall-fini ta' reġistrazzjoni ta' l-istess disinni taħt dan l-Att għal xi oġġett jew servizz jew għall-istess oġġetti jew servizzi, għal dak il-perjodu li jista' jiġi speċifikat fir-regolamenti mid-data meta ssir il-preżentata ta' dik l-applikazzjoni.

(2) Dawk ir-regolamenti jistgħu jagħmlu disposizzjonijiet bħal dawk li hemm fl-artikolu 91 f'dak li għandu x'jaqsam ma' applikazzjoni skond il-Konvenzjonijiet jew xi disposizzjoni oħra bħalma jkun jidher lill-Ministru li tkun adatta għall-fini li tagħti seħħ lit-trattat, konvenzjoni, arranġament jew qbil.

Eżami ta' applikazzjoni.

93. (1) Il-Kontrollur għandu jeżamina jekk applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' disinn tkunx tissodisfa l-ħtiġiet ta' dan l-Att.

(2) Jekk il-Kontrollur ikun jidhirlu li l-ħtiġiet għal reġistrazzjoni ma jkunux intlaħqu, huwa għandu jgħarraf lill-applikant u jagħtih opportunità li jagħmel dawk l-ilmenti jew li jemenda l-applikazzjoni matul dak il-perjodu li l-Kontrollur jista' jispeċifika.

(3) Jekk l-applikant jonqos milli jissodisfa lill-Kontrollur li dawk il-ħtiġiet ikunu ntlaħqu, jew li jemenda l-applikazzjoni biex ikun jista' jilħaqhom, jew jonqos milli jirrispondi qabel tmiem il-perjodu speċifikat, il-Kontrollur għandu jiċħad l-applikazzjoni.

(4) Jekk il-Kontrollur ikun jidhirlu li jkunu intlaħqu l-ħtiġiet għar-reġistrazzjoni, huwa għandu jaċċetta l-applikazzjoni bħala li tkun eliġibbli għar-reġistrazzjoni.

Irtirar, jew emenda ta' applikazzjoni.

94. (1) L-applikant jista' f'kull waqt jirtira l-applikazzjoni tiegħu.

(2) Applikazzjoni tista' tiġi emendata, fuq talba ta' l-applikant, biss billi jissewwa:

(a) l-isem jew l-indirizz ta' l-applikant,

(b) l-iżbalji fil-kliem jew fl-ikkupjar, jew

(ċ) żbalji ovvji,

u mbagħad biss fil-każ li t-tiswija ma tkunx sostanzjalment tolqot l-identità tad-disinn.

Reġistrazzjoni.

95. (1) Meta applikazzjoni tkun ġiet aċċettata bħala waħda eliġibbli għar-reġistrazzjoni, il-Kontrollur għandu jirreġistra d-disinn, kemm-il darba ma jkunx jidhirlu fil-qies ta' dak kollu li jiġi fil-konjizzjoni tiegħu wara li jaċċetta l-applikazzjoni li din tkun ġiet aċċettata bi żball.

(2) Disinn ma għandux ikun reġistrat u l-applikazzjoni għandha titqies bħala li tkun ġiet irtirata kemm-il darba ma jitħallasx xi dritt stipulat matul it-30 ġurnata tax-xogħol mid-data meta ssir il-preżentata.

(3) Meta disinn ikun reġistrat dan għandu jiġi reġistrat sa mid-data tal-preżentata ta' l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, u dik id-data għandha titqies għall-finijiet ta' dan l-Att bħala d-data ta' reġistrazzjoni.

(4) Mar-reġistrazzjoni ta' disinn il-Kontrollur għandu joħroġ lill-applikant ċertifikat ta' reġistrazzjoni, u għandu jippubblika fil-Gazzetta l-fatt li d-disinn ikun ġie reġistrat u li jkun disponibbli għall-wiri mill-pubbliku fl-Uffiċċju.

Bdil ta' disinn reġistrat.

96. (1) Disinn reġistrat ma għandux jinbidel fir-reġistru, matul iż-żmien tar-reġistrazzjoni jew tat-tiġdid tiegħu.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), il-Kontrollur jista', fuq talba tal-proprjetarju, jippermetti l-bdil ta' disinn reġistrat meta d-disinn ikun jinkludi l-isem jew l-indirizz tal-proprjetarju u l-bdil ikun limitat għall-bdil ta' dak l-isem jew indirizz u ma jkunx sostanzjalment jolqot l-identità tad-disinn.

(3) Għandhom isiru disposizzjonijiet b'regolamenti li jkunu jippreskrivu l-mod ta' pubblikazzjoni ta' bdil bħal dak u l-għemil ta' oġġezzjonijiet minn xi persuna li tippretendi li tkun milquta b'dan.

Ċessjoni ta' disinn reġistrat.

97. (1) Disinn reġistrat jista' jkun ċedut minn proprjetarju billi jibgħat avviż lill-Kontrollur fejn jiġi inkluż

l-isem u l-indirizz ta' kull min ikollu xi interess kontrattwali fid-disinn, jew xi interess ieħor taħt l-Att. Il-proprjetarju għandu wkoll jiċċertifika li kull tali persuna:

(a) tkun ingħatat avviż ta' mhux anqas minn 90 ġurnata dwar l-intenzjoni li l-proprjetarju jkollu li jċedi d-disinn, jew

(b) ma tkunx milquta, jew jekk milquta tkun taqbel ma' dan.

Raġunijiet għall-invalidità ta' reġistrazzjoni.

98. (1) Ir-reġistrazzjoni ta' disinn tista' tiġi dikjarata valida għal dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

(a) jekk ma jkunux tħarsu d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 74;

(b) jekk ma tkunx twettaq il-ħtiġiet ta' l-artikoli 65 sa 70;

(ċ) jekk id-disinn ikun l-istess bħal jew wieħed li jixbah disinn prijuri li jkun sar disponibbli għall-pubbliku wara d-data meta ssir il-preżentata ta' l-applikazzjoni jew, jekk jiġu pretiżi prioritajiet, wara d-data ta' priorità, u dak id-disinn prijuri jkun protett minn data prijuri għal dik id-data b'disinn reġistrat jew applikazzjoni għal disinn reġistrat f'territorju kopert bi ftehim internazzjonali li Malta tkun parti fih;

(d) jekk jiġi użat sinjal distintiv f'disinn sussegwenti u d-detentur tad-dritt tas-sinjal ikollu d-dritt jipprojbixxi dak l-użu;

(e) jekk id-disinn ikun jikkostitwixxi użu mhux awtorizzat ta' xogħol protett bid-drittijiet ta' l-awtur;

(f) jekk id-disinn jinvolvi l-użu ta':

(i) l-armi eraldiċi, bnadar jew emblemi oħra, u

(ii) l-abbrevjazzjonijiet u l-ismijiet, ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u intergovernattivi li tagħhom xi pajjiż wieħed jew aktar tal-Konvenzjoni ta' Pariġi jkunu membri;

(2) Ir-raġunijiet approvati taħt l-artikolu 74 (f) jistgħu biss jiġu invokati minn persuna intitolata għad-dritt taħt il-liġi ta' Malta.

(3) Ir-raġunijiet fis-subartikoli (1)(ċ), (1)(d) u (1)(e) hawn qabel jistgħu jkunu invokati unikament minn applikant għal, jew id-detentur ta' dritt konfliġġenti.

(4) Ir-raġunijiet fis-subartikolu (1)(f) hawn qabel jistgħu jiġu unikament invokati mill-enti assoċjata ma' dan kollu.

(5) Meta disinn ikun ġie rifjutat reġistrazzjoni skond ma hemm fl-artikolu 74, jew dritt ta' disinn ikun ġie dikjarat invalidu skond ma hemm fis-subartikolu (1) hawn qabel, id-disinn jista' jiġi reġistrat jew id-dritt ta' disinn miżmum f'għamla emendata, jekk f'dik l-għamla jkun jikkonforma mal-ħtiġiet għall-protezzjoni u tinżamm l-identità tad-disinn. Tista' reġistrazzjoni jew manutenzjoni f'għamla emendata tinkludi reġistrazzjoni li jkollha magħha rifjut parzjali mid-detentur tad-dritt fid-disinn reġistrat jew tniżżil fir-Reġistru tad-disinn, ta' deċiżjoni tal-qorti li tiddikjara l-invalidità parzjali tad-dritt tad-disinn.

Attijiet ta' aġent jew rappreżentant.

99. (1) Dawn id-disposizzjonijiet li ġejjin japplikaw meta applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' disinn issir minn persuna li tkun aġent jew rappreżentant ta' persuna li tkun il-proprjetarju tad-disinn f'pajjiż tal-Konvenzjoni.

(2) Il-proprjetarju jista' b'ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili:

(a) jitlob dikjarazzjoni ta' invalidità tar-reġistrazzjoni, jew

(b) jitlob ir-rettifika tar-reġistru sabiex jissostitwixxi l-isem tiegħu bħala l-proprjetarju tad-disinn reġistrat.

(3) Il-proprjetarju jista' jirrestrinġi kull użu tad-disinn f'Malta li ma jkunx awtorizzat minnu.

(4) Is-subartikoli (2) u (3) ma għandhomx japplikaw jekk, jew sal-limitu li, aġent jew ir-rappreżentant juri li l-azzjonijiet tiegħu kienu awtorizzati minn proprjetarju.

(5) Applikazzjoni taħt subartikolu (2) għandha ssir matul it-tliet snin minn meta l-proprjetarju jsir jaf bir-reġistrazzjoni; u ebda ordni ma tista' ssir taħt is-subartikolu (3) dwar xi użu li fih il-proprjetarju ma jkunx ħa azzjoni għal żmien kontinwu ta' tliet snin jew aktar.

X'jiġri meta jinżamm is-skiet.

100. (1) Tista' ma tinbediex azzjoni għall-invalidità meta l-persuna li tkun qed tagħmel l-azzjoni għalkemm tkun taf bl-użu ta' disinn reġistrat f'Malta tkun żammet is-skiet għal żmien kontinwu ta' ħames snin dwar dak l-użu.

(2) Fil-każ imsemmi fis-subartikolu (1), meta l-azzjoni tinġieb abbażi ta' disinn reġistrat preċedenti jew ta' dritt akkwiżit preċedentement, il-proprjetarju tad-disinn reġistrat ma jkunx intitolat jopponi l-użu tad-disinn preċedenti jew, skond il-każ, l-esplojtazzjoni tad-dritt preċedenti, minkejja li d-disinn jew dritt preċedenti jista' ma jiġix aktar invokat dwar id-disinn reġistrat tiegħu.

## Taqsima XXI

### Dispożizzjonijiet amministrattivi u oħrajn supplimentari

Kif jinżamm u x'ikun fih ir-reġistru.

101. (1) (a) Il-Kontrollur għandu jżomm reġistru ta' disinni.

(b) Referenzi Fit-Taqsimiet XVIII sa XXIV ta' dan l-Att għal "ir-reġistru" huma għal dak ir-reġistru; u referenzi għal reġistrazzjoni, partikolarment, fil-frażi "disinn reġistrat", huma, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għal reġistrazzjoni f'dak ir-reġistru.

(2) Għandhom jitniżżlu fir-reġistru skond dan l-Att:

(a) disinni reġistrati;

(b) partikolaritajiet rilevanti ta' transazzjonijiet reġistrabbli li jolqtu disinn reġistrat, inklużi:

(i) id-data ta' reġistrazzjoni kif stabbilita skond l-artikoli 89 u 95,

(ii) id-data ta’ priorità (jekk ikun hemm) kif konsentita konformi ma’ pretensjoni dwar dritt ta’ priorità magħmul taħt l-artikolu 91 jew 92,

(iii) l-isem u l-indirizz tal-proprjetarju, u

(ċ) fil-każ ta’ assenjazzjoni ta’ disinn reġistrat:

(i) l-isem u l-indirizz tal-prokuratur, u

(ii) d-data ta’ l-assenjazzjoni;

(d) fil-każ ta’ l-għoti ta’ liċenza taħt disinn reġistrat:

(i) l-isem u l-indirizz tad-detentur ta’ liċenza,

(ii) meta l-liċenza tkun waħda limitata, deskrizzjoni tal-limitazzjoni,

(iii) meta l-liċenza tkun liċenza esklużiva, dak il-fatt,

(iv) għal kemm żmien iddum il-liċenza jekk dan ikun jew jiġi aċċertat bħala perjodu definittiv, u

(v) d-data meta titniżżel ir-reġistrazzjoni;

(e) fil-każ ta’ qorti jew ta’ xi awtorità kompetenti oħra li tittrasferixxi disinn reġistrat:

(i) l-isem u l-indirizz ta’ min isirlu t-trasferiment,

(ii) id-data ta’ l-ordni, u

(iii) id-data meta ssir ir-reġistrazzjoni;

(f) fil-każ ta’ trasferiment ta’ disinn reġistrat b’testment, jew xort’oħra b’wirt:

(i) l-isem u l-indirizz tal-persuna jew persuni li ssir favur tagħhom id-disposizzjoni testamentarja, jew jgħaddi l-wirt jekk ikun hemm, u

(ii) id-data tad-disposizzjoni testamentarja jekk ikun hemm, u tal-mewt tad- detentur ta' qabel,

(ġ) fil-każ ta' amalgamazzjoni, il-ħtiġiet speċifikati għar-reġistrazzjoni ta' assenjazzjoni; u

(ħ) kull ħaġ'oħra li għandha x'taqsam ma' disinni reġistrati hekk kif il-Kontrollur jista' jqis li jkun meħtieġ.

Spezzjoni pubblika tar-reġistru.

102. (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjoni ta' l-artikolu 105, ir-reġistru għandu jkun miftuħ għall-ispezzjoni pubblika fl-Uffiċċju matul dak il-ħin li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Uffiċċju.

(2) Tista' ssir riċerka fir-reġistru dwar disinn jew disinni b'xi wieħed minn dawn il-modi li ġejjin:

(a) persuna li jkollha interess tista' wara li tħallas l-ammont stipulat tmur l-Uffiċċju u tagħmel riċerka għal xi disinn jew disinni. Jekk il-persuna jew persuni li jkunu qed jagħmlu r-riċerka jitolbu kopji ta' xi reġistrazzjoni relatata, estratti mir-reġistru jew kopji tad-disinn, kemm awtentikati jew mhux awtentikati, dawn għandhom jiġu pprovduti wara li jitħallas l-ammont stipulat;

(b) persuna li jkollha interess tista' wara li tħallas l-ammont preskritt titlob bil-miktub lill-Uffiċċju biex issir riċerka dwar xi disinn jew disinni. Jekk il-persuna jew persuni li jkunu qed jitolbu r-riċerka jkunu jeħtieġu kopji ta' xi reġistrazzjoni relatata, estratti mir-reġistru jew kopji tad-disinn, kemm awtentikati jew mhux awtentikati, dawn għandhom jiġu pprovduti wara li jitħallas id-dritt preskritt.

Rettifika jew korrezzjoni tar-reġistru.

103. (1) Persuna li jkollha interess biż-żejjed tista' tapplika għar-rettifika ta' xi żball jew omissjoni fir-reġistru:

Iżda applikazzjoni għal rettifika tista' ma ssirx dwar xi ħaġa li tkun tolqot il-validità tar-reġistrazzjoni ta' disinn.

(2) Iżda applikazzjoni għal rettifika tista' ssir sew lill-Kontrollur jew b'ċitazzjoni kontra l-Kontrollur u kull persuna oħra li jkollha interess quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla:

Iżda jekk ikun hemm proċedimenti li jirrigwardaw ir-reġistrazzjoni inkwistjoni pendenti quddiem il-Qorti:-

(a) l-applikazzjoni għandha ssir permezz ta' rikors quddiem il-Qorti fl-attijiet tal-proċedimenti; u

(b) jekk l-applikazzjoni issir lill-Kontrollur, huwa jista' f'kull stadju tal-proċedimenti jordna lill-applikant jirreferixxi l-kwistjoni lill-Qorti skond is-subartikolu (2).

(3) Ħlief meta l-Kontrollur jew il-Qorti jordnaw xort'oħra, l-effett tar-rettifika tar-reġistru għandu jkun li l-iżball jew l-ommissjoni in kwistjoni għandhom jitqiesu bħala li qatt ma saru.

(4) Il-Kontrollur jista', meta jiġi hekk mitlub mill-proprjetarju ta' disinn reġistrat, jew detentur ta' liċenza, jagħmel kull tibdil fl-isem jew l-indirizz tiegħu kif ikun reġistrat fir-reġistru.

(5) Il-Kontrollur jista' jneħħi mir-reġistru kull ma jidhirlu li jkun temm milli jkollu xi siwi.

Setgħa li jintalab l-użu ta' formoli.

104. Il-Kontrollur jista' jeħtieġ l-użu ta' dawk il-formoli li huwa jista' jordna għal kull skop li għandu x'jaqsam mar-reġistrazzjoni ta' disinn jew ta' xi proċedura oħra fis-setgħa tiegħu taħt dan l-Att.

Informazzjoni dwar applikazzjonijiet u disinni reġistrati.

105. (1) Wara l-pubblikazzjoni tar-reġistrazzjoni ta' disinn, il-Kontrollur għandu, meta jiġi hekk mitlub, jipprovdi lil persuna b'dik l-informazzjoni u jippermettilha tispezzjona kull dokument ippreżentat jew miżmum fl-Uffiċċju li jkollu x'jaqsam mad-disinn reġistrat, skond ma jista' jiġi speċifikat fit-talba.

Kull talba bħal dik għandu jkollha magħha dak il-ħlas li jista' jkun stipulat.

(2) Qabel il-pubblikazzjoni tar-reġistrazzjoni ta' disinn, dawk id-dokumenti jew informazzjoni li jikkostitwixxu jew li għandhom x'jaqsmu ma' l-applikazzjoni, ma għandhomx jiġu ppubblikati mill-Kontrollur jew ikunu disponibbli għall-pubbliku ħlief bil-kunsens ta' l-applikant.

(3) Il-Kontrollur ma għandux ikun obbligat jippermetti l-ispezzjon ta' xi dokument bħal dak imsemmi fis-subartikolu (1) hawn qabel kemm-il darba huwa ma jkunx temm xi proċedura jew l-istadju fil-proċedura li jkun rilevanti għad-dokument in kwistjoni, li huwa jkun meħtieġ jew permess li jwettaq taħt l-Att

(4) Id-dritt ta' spezzjon taħt is-subartikolu (1) hawn qabel ma japplika għal:

(a) ebda dokument sa żmien erbatax-il ġurnata wara li jkun ġie ppreżentat fl-Uffiċċju;

(b) ebda dokument imħejji fl-Uffiċċju unikament bil-għan li jintuża hemmhekk;

(ċ) ebda dokument mibgħut lill-Uffiċċju, kemm fuq talba ta' l-istess uffiċċju jew xort'oħra, għall-ispezzjon u treġġigħ lura sussegwenti lill-mittent;

(d) ebda talba għal informazzjoni taħt dan l-artikolu;

(e) ebda dokument maħruġ jew riċevut mill-Uffiċċju li l-Kontrollur iqis li għandu jiġi ttrattat bħala wieħed kunfidenzjali;

(f) ebda dokument jew parti minn dokument li fl-opinjoni tal-Kontrollur imaqdar lil xi persuna hekk li x'aktarx jagħmlilha ħsara; jew

(ġ) ebda dokument ippreżentat flimkien ma' jew mibgħut lill-Uffiċċju qabel ma dan l-Att ikun sar liġi.

Esklużjoni ta' responsabbiltà dwar attijiet uffiċjali.

106. (1) Ir-reġistrazzjoni mill-Kontrollur ma għandhiex titqies bħala garanzija minnu tal-validità tar-reġistrazzjoni ta' disinn taħt dan l-Att jew taħt xi trattat, konvenzjoni, arranġament jew qbil li Malta tkun parti fih.

(2) Il-Kontrollur ma jġorr fuqu ebda responsabbiltà minħabba jew f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi eżami meħtieġ jew awtorizzat b'dan l-Att, jew xi trattat, konvenzjoni, arranġament jew qbil, jew rapport jew proċediment ieħor li joħroġ minn dak l-eżami.

(3) Ma għandha ssir ebda azzjoni kontra uffiċjal tal-Kontrollur dwar xi ħaġa li, bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Kontrollur ma jkunx responsabbli għaliha.

Ir-reġistrazzjoni tkun prova ta' validità *prima facie*.

107. Fil-proċedimenti legali kollha li għandhom x'jaqsmu ma' disinn reġistrat (inklużi proċedimenti għar-rettifika tar-reġistru) ir-reġistrazzjoni ta' persuna bħala proprjetarju ta' disinn għandha tkun prova *prima facie* tal-validità tar-reġistrazzjoni oriġinali u ta' kull assenjazzjoni sussegwenti jew trasmissjoni oħra tagħhom.

Ċertifikazzjoni ta' validità ta' reġistrazzjoni kontestata.

108. Jekk fi proċedimenti quddiem il-Qorti l-validità tar-reġistrazzjoni ta' disinn tiġi kkontestata u l-Qorti jirriżultalha li d-disinn ikun reġistrat validament, il-Qorti għandha tiddeċiedi skond dan.

Dritt tal-Kontrollur li jidher fi proċedimenti li jinvolvu r-reġistru.

109. (1) Fi proċedimenti quddiem il-Qorti li jinvolvu talba:

(a) għar-revoka tar-reġistrazzjoni ta' disinn,

(b) għal dikjarazzjoni ta' l-invalidità tar-reġistrazzjoni ta' disinn, jew

(ċ) għar-rettifika tar-reġistru,

il-Kontrollur għandu jiġi avżat bil-proċedimenti u għandu jkun intitolat jidher u li jinstama' jekk ikun hekk ordnat jagħmel mill-Qorti.

(2) Kemm-il darba ma jiġix xort'oħra ordnat mill-Qorti, il-Kontrollur jista', minflok ma jidher, jippreżenta fl-inkartament tal-kawża dikjarazzjoni bil-miktub minnu ffirmata, fejn jingħata kull partikular dwar:

(a) il-proċedimenti li jkun qed jittratta f'dak li għandu x'jaqsam mal-punt in kwistjoni,

(b) ir-raġunijiet ta' kull deċiżjoni relattiva minnu mogħtija,

(ċ) il-prattika ta' l-Uffiċċju f'każijiet simili, jew

(d) kull ħaġa oħra rilevanti għall-punti in kwistjoni u li hu jkun jaf bihom bħala Kontrollur hekk kif huwa jista' jqis li jkun adatt,

u d-dikjarazzjoni għandha titqies bħala li tifforma parti mill-provi fil-proċedimenti.

Appelli mid-deċiżjoni tal-Kontrollur.

110. (1) Jista' jsir appell minn kull deċiżjoni tal-Kontrollur taħt it-Taqsimiet XVIII sa XXIV ta' dan l-Att quddiem il-Qorti ta' l-Appell kompost bil-mod provdut fis-subartikolu (6) ta' l-artikolu 41 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili b'rikors li jsir fi żmien ħmistax-il ġurnata min-notifika tad-deċiżjoni tal-Kontrollur.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu "deċiżjoni" tfisser att, li ma jkunx xi wieħed minn dawk l-attijiet li jista' jkun stipulat b'regolamenti, magħmul mill-Kontrollur fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni vestita fih b'dan l-Att jew taħtu.

(3) Il-Ministru bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jagħmel regoli li jkunu jirregolaw l-appelli quddiem il-Qorti ta' l-Appell taħt it-Taqsimiet XVIII sa XXIV ta' dan l-Att, u li jkunu jagħtu skala ta' spejjeż u ħlasijiet f'dak li għandu x'jaqsam ma' dawk l-appelli.

Ħinijiet tax-xogħol u ġranet tax-xogħol.

111. (1) Il-Kontrollur jista' jagħti ordnijiet li jkunu jispeċifikaw il-ħinijiet tax-xogħol ta' l-Uffiċċju għall-fini tat-transazzjoni mill-pubbliku ta' kull xogħol taħt dan l-Att, u l-ġranet li jkunu ġranet tax-xogħol għal dak l-għan.

(2) Ix-xogħol li jsir f'ġurnata tax-xogħol wara l-ħinijiet tax-xogħol speċifikati, jew f'xi ġurnata li ma tkunx ġurnata tax-xogħol, għandu jitqies li jkun sar fil-ġurnata tax-xogħol li jmiss; u meta ż-żmien biex issir xi ħaġa taħt dan l-Att jiskadi f'ġurnata li ma tkunx ġurnata tax-xogħol, dak iż-żmien għandu jiġi estiż għall-ġurnata tax-xogħol li tmiss.

(3) Ordnijiet taħt dan l-artikolu jistgħu jagħmlu provvedimenti differenti għal klassijiet ta' xogħol differenti u dawn għandhom jiġu ppubblikati bil-mod stipulat.

Għarfien ta' aġenti.

112. (1) Meta bis-saħħa tat-Taqsimiet XVIII sa XXIV ta' dan l-Att xi att ikollu jsir minn jew lil xi persuna f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi proċedimenti jew xi ħaġa taħt dan l-Att, l-att ikun jista' jsir, taħt u skond ir-regolamenti, minn jew lil aġent ta' dik il-persuna debitament awtorizzata bil-miktub:

Iżda l-Kontrollur jista' f'xi każ partikolari jeħtieġ il-firma personali jew il-preżenza ta' l-aġent jew tal-persuna li tkun qed tawtorizzah jagħmilha ta' aġent.

(2) Jekk l-applikant ma jkollux ir-residenza ordinarja jew il-post tax-xogħol prinċipali tiegħu f'Malta, huwa għandu jawtorizza lil aġent li jkollu ir-residenza ordinarja jew jew il-post tax-xogħol prinċipali tiegħu f'Malta sabiex jirrappreżentah bil-mod stipulat fis-subartikolu (1) hawn qabel:

Iżda dan is-subartikolu ma għandux japplika mill-1 ta' Mejju, 2004 minn applikant li jkollu r-residenza ordinarja jew il-post tax-xogħol prinċipali tiegħu f'xi Stat Membru.

## Taqsima XXII

## Ksur

Azzjoni dwar ksur.

113. (1) Persuna li bi ksur ta' l-artikolu 75 tesplojta disinn reġistrat għandha tkun responsabbli għad-danni li jġarrab il-proprjetarju tad-dritt tad-disinn jew id-detentur ta' liċenza.

(2) Il-proċedimenti dwar ksur għandhom jinġiebu quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, u dawn ma jistgħux jinbdew wara ħames snin mid-data meta l-parti aggravata tkun saret taf bil-ksur u l-identità tal-kontravenjent allegat.

(3) F'azzjoni dwar ksur għandhom ikunu disponibbli għall-attur dawk ir-rimedji kollha bħalma jeżistu dwar il-ksur ta' xi dritt ta' proprjetà ieħor.

Ordni għall-konsenja ta' makkinarju, prodotti jew materjal kontravenjenti.

114. (1) Il-Qorti tista', iktar minn hekk, fuq talba ta' l-attur, tordna li l-makkinarju jew mezzi industrijali oħra jew apparat ieħor użat bi ksur tad-disinn, il-prodotti kontravenjenti, u l-apparat maħsub għall-produzzjoni tagħhom, għandhom jiġu kkonfiskati, għal kollox jew parzjalment, u kkunsinnati lill-proprjetarju tad-disinn jew tali persuna oħra li l-Qorti tista' tordna, mingħajr preġudizzju għal kull rimedju ieħor.

(2) Ma tistax issir azzjoni għal ordni taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artkolu wara tmiem iż-żmien ħames

snin mid-data meta jkun sar il-prodott kontravenjenti ħlief kif ipprovdut f'dan is-subartikolu li ġej.

(3) Meta matul dak iż-żmien kollu jew parti minnu l-proprjetarju tad-disinn reġistrat ma jkunx jista' minħabba fi frodi jew ħabi jiskopri l-fatti li jintitolawh biex jieħu azzjoni dwar xi ordni, l-applikazzjoni tista' ssir f'kull waqt qabel tmiem żmien ħames snin mid-data meta huwa seta' b'diliġenza raġonevoli skopra dawk il-fatti.

Ordni dwar it-tneħħija ta' makkinarju, prodotti jew materjal kontravenjenti.

115. (1) Meta oġġetti, materjal jew prodotti kontravenjenti jkunu ġew ċeduti konformement ma' ordni taħt l-artikolu 144, tista' tibġieb quddiem il-Qorti azzjoni permezz ta'ċitazzjoni kontra kull persuna li jkollha interess fil-prodotti minn xi parti interessata biex:

(a) jikseb ordni li dawn jiġu meqruda jew ikkonfiskati favur dik il-persuna li l-Qorti tista' tqis adatta, jew

(b) tingħata deċiżjoni li ma għandu jsir ebda ordni bħal dak.

(2) Fil-konsiderazzjoni tad-deċiżjoni tagħha, il-Qorti għandha tqis jekk rimedji oħra disponibbli f'azzjoni dwar ksur tad-disinn reġistrat ikunux adegwati biex jikkompensaw lill-proprjetarju u lid-detentur ta' liċenza bil-għan li jipproteġi l-interessi tagħhom.

(3) Persuna li jkollha interess għandha tkun intitolata li:

(a) tidher fi proċedimenti dwar ordni taħt dan l-artikolu, kemm jekk tkun kemm jekk ma tkunx, ġiet notifikata b'avviż, u

(b) tappella kontra kull ordni magħmula, kemm jekk tkun kemm jekk ma tkunx, dehret quddiem l-ewwel qorti, u kull ordni bħal dak ma għandux ikollu seħħ sakemm tmiem l-perjodu li fih jista' jiġi ppreżentat appell jew, jekk qabel tmiem dak iż-żmien ikun ġie hekk ippreżentat appell, sakemm il-proċedimenti ta' l-appell jkunu ġew finalment deċiżi jew abbandunati.

(4) Meta jkun hemm aktar minn persuna waħda interessata fil-prodotti, il-Qorti għandha tagħmel dak l-ordni li tqis adatt.

(5) Jekk il-Qorti tiddeċiedi li ma għandu jsir ebda ordni taħt dan l-artikolu, il-persuna li l-prodotti kienu fil-pussess, kustodja jew kontroll tagħha qabel ma jkunu ġew ċeduti għandha tkun intitolata għat-treġġigħ lura tagħhom.

Rimedju għal theddid bla bażi ta' proċedimenti dwar xi ksur.

116. (1) Meta persuna thedded lil persuna oħra bi proċedimenti dwar ksur ta' disinn reġistrat li ma jkunux dawk li hemm provdut dwarhom f'dan l-Att, kull persuna aggravata tista' tibda proċedimenti għall-ħelsien taħt dan l-artikolu b'ċitazzjoni quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla.

(2) Il-ħelsien li jistgħu isiru l-proċedimenti dwaru hu dan kollu jew x'uħud minn dawn li ġejjin:

(a) dikjarazzjoni li t-theddid ma jkunx ġustifikat,

(b) inibizzjoni kontra t-tkomplija tat-theddid,

(ċ) danni dwar kull telf li l-attur jista' jkun ġarrab bit-theddid,

u l-attur ikun intitolat għal dak il-ħelsien kemm-il darba l-konvenut ma jġibx prova li l-attijiet li dwarhom il-proċedimenti kienu mhedda ma jikkostitwux, jew dawn isiru ma jkunux kieku jikkostitwixxu, ksur tad-disinn reġistrat in kwistjoni.

(3) Meta l-konvenut iġib prova li l-attijiet li dwarhom il-proċedimenti kienu mhedda jikkostitwixxu jew ikunu kieku jikkostitwixxu ksur tad-disinn reġistrat, l-attur għandu madankollu jkun intitolat għall-ħelsien jekk huwa jġib prova li r-reġistrazzjoni tad-disinn tkun waħda invalida jew li din tista' tiġi revokata.

(4) In-notifika sempliċi li disinn ikun reġistrat, jew li tkun saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni, ma jikkostitwix theddida ta' proċedimenti għall-finijiet ta' dan l-artikolu.

Użu mhux awtorizzat ta' disinn reġistrat.

117. (1) Persuna li bil-għan li tagħmel qligħ għaliha nnifisha jew għal xi persuna oħra, jew li bil-ħsieb li

tikkaġuna xi telf lil persuna oħra, u mingħajr il-kunsens tal-proprjetarju, bi ksur ta' l-artikolu 75 tesplojta disinn reġistrat tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu u tista', meta tinsab ħatja, priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin jew multa ta' mhux iżjed minn għaxart elef lira jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Persuna akkużata b'reat kontra dan l-artikolu tista' ġġib prova b'difiża li kienet raġonevolment taħseb li l-użu tad-disinn bil-mod kif dan ikun ġie użat, jew kif kellu jintuża, ma kienx ksur tad-disinn reġistrat.

Falsifikazzjoni ta' reġistru.

118. (1) Persuna li għax tkun taf jew ikollha tassew għaliex taħseb li informazzjoni tkun falza:

(a) tagħmel, jew iġġiegħel li ssir, iskrizzjoni falza fir-reġistru ta' disinni; jew

(b) tagħmel, jew iġġiegħel li ssir, xi ħaġa li b'mod falz turi li tkun kopja ta' iskrizzjoni fir-reġistru, jew

(ċ) tipproduċi jew tagħti jew iġġiegħel li tiġi prodotta bi prova jew li tingħata bħala xiehda xi ħaġa bħal dik,

tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu.

(2) Persuna li tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu tista', meta tinsab ħatja, teħel priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Turija b'qerq ta' disinn bħala wieħed reġistrat.

119. (1) Kull min iqiegħed f'ċirkolazzjoni, jew ibigħ xi prodott, li b'mod falz ikun juri li disinn applikat jew inkorporat f'xi prodott mibjugħ minnu jkun wieħed reġistrat, ikun ħati ta' reat kontra dan is-subartikolu u, meta jinsab ħati, jista' jeħel multa ta' mhux inqas minn mitt lira u mhux iżjed minn ħamest elef lira.

Għall-finijiet ta' dan l-artikolu persuna li tbig'prodott li jkollu ttimbrat, imnaqqax jew mitbugħ fuqu jew xort'oħra applikat fuqu l-kelma "reġistrat", jew kull kelma oħra li tkun tesprimi jew timplika li d-disinn applikat fuq il-prodott ikun wieħed reġistrat, għandha titqies għall-finijiet ta' dan l-artikolu li tkun qed tfisser li d-disinn applikat fuq il-prodott ikun wieħed reġistrat.

(2) Kull persuna, li wara li jiskadi d-dritt f'disinn reġistrat, timmarka prodott li d-disinn ikun ġie applikat fuqu bil-kelma "reġistrat", jew b'xi kelma jew kliem li jimplikaw li jkun hemm dritt sussistenti fid-disinn taħt dan l-Att, jew tikkaġuna prodott bħal dak li jiġi hekk immarkat, tkun ħatja ta' reat kontra dan is-subartikolu u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux anqas minn mitt lira u mhux iżjed minn ħamest elef lira.

Użu mhux awtorizzat ta' xi tagħmir, emblemi, eċċ.

120. (1) Persuna ma għandhiex, mingħajr l-awtorità tal-President, tuża f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi negozju ebda tagħmir, emblema jew titolu b'tali mod li jista' jitqies li jwassal lil wieħed jaħseb li l-persuna tkun impjegata mill-President jew li tfornih b'oġġetti jew servizzi.

(2) Persuna li tikser id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux iżjed minn tliet elef lira.

Konsenja ta' makkinarju, oġġetti kontravenjenti, eċċ.

121. Il-Qorti tista', iktar minn hekk, fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 117, fuq talba tal-prosekuzzjoni, tordna li l-makkinarju jew kull mezz jew tagħmir ieħor industrijali użat bi ksur tad-drittijiet tal-proprjetarji tad-disinni, il-prodotti kontravenjenti, u l-apparat maħsub għall-produzzjoni tagħhom, jiġi kkonfiskat, għal kollox jew f'parti minnu, u kkunsinnat lid-detentur tad-disinn, mingħajr preġudizzju għal kull dritt ieħor għall-ħelsien taħt dan l-Att.

Setgħat tal-Maġistrati.

122. Filwaqt li jkunu qed isiru proċedimenti dwar xi wieħed mir-reati msemmija f'din it-Taqsima, jekk Maġistrat ikun sodisfatt bl-informazzjoni ġuramentata li jkun hemm tassew raġuni li jiġi suspettat li xi merkanzija jew oġġetti li permezz tagħhom, jew f'dak li għandu x'jaqsam magħhom, ikun sar ir-reat, ikunu jinsabu f'xi dar jew fond ta' l-akkużat, jew ikunu fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu f'xi post ieħor, huwa jista', b'ordni li tkun iġġib il-firma tiegħu, jordna lil uffiċċjal tal-Pulizija li jissemma fl-ordni, jidħol f'xi dar, fond jew post, li wkoll għandhom jissemmew f'dak il-mandat, u biex hemm ifittxu, jelevaw u jneħħu dik il-merkanzija jew dawk l-oġġetti.

Meta sid l-oġġetti ma jkunx magħruf.

123. Jekk sid ta' xi merkanzija jew oġġetti, li kieku kellu jinsab ħati ta' xi wieħed mir-reati msemmija f'din it-Taqsima, kien jista' jeħel il-konfiska, ma jkunx magħruf jew

ma jkunx jista' jinsab, kull Maġistrat jista' bl-istess mod u fiċ-ċirkostanzi meħtieġa fl-artikolu 122, joħroġ dik l-ordni.

Konfiska ta' oġġetti elevati.

124. Il-merkanzija u l-oġġetti hekk elevati għandhom jinġiebu quddiem is-seduta tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali, u dik il-Qorti għandha tistabbilixxi kemm dawn ikunu jistgħu jiġu kkonfiskati taħt dan l-Att.

Proċedura meta s-sid ma jkunx magħruf.

125. (1) Fil-każ imsemmi fl-artikolu 123, il-Qorti għandha tordna li jinħarġu l-bandi li għandhom jiġu ppubblikati darbtejn, b'intervall ta' mill-inqas tmenin ġurnata, fil-Gazzetta, u li jiġu mwaħħlin fid-daħla ta' l-edifiċċju tal-bini tal-Qorti, u f'kull post ieħor li l-Qorti tista' tqis xieraq, fejn jiġi ddikjarat li l-merkanzija jew l-oġġetti elevati għandhom jiġu kkonfiskati, kemm-il darba fil-ħin u l-post imsemmija fil-bandi s-sid ta' dik il-merkanzija jew oġġetti jew xi persuna oħra interessata f'dik il-merkanzija jew oġġetti ma tattendix quddiem il-Qorti fil-ħin u l-post indikati fil-bandi u tgħid għaliex ma għandux isir il-kuntrarju. Il-persuna li mill-pussess tagħha jkunu ġew elevati l-merkanzija jew l-oġġetti, għandha wkoll, meta jkun magħruf fejn hija tinsab, tiġi notifikata bil-bandi.

(2) Jekk is-sid jew xi persuna f'ismu, jew xi persuna oħra interessata f'dik il-merkanzija jew dawk l-oġġetti, tonqos milli tattendi fil-ħin u l-post imsemmija fil-bandi biex tgħid għaliex m'għandux isir il-kuntrarju, il-Qorti tkun tista' tordna li dik il-merkanzija jew dawk l-oġġetti jew xi parti minnhom għandhom jiġu kkonfiskati.

Għoti ta' kumpens lil partijiet li jkunu bonafidi.

126. Il-Qorti tista' tordna li l-merkanzija jew l-oġġetti hekk konfiskati għandhom jinqerdu jew li jsir minnhom, u tista' wkoll tordna li, mir-rikavat nett li jista' jiġi realizzat mit-tneħħija ta' dik il-merkanzija jew dawk l-oġġetti u sa l-ammont tagħhom, kull persuna li, għax kienet bonafidi, sofriet danni mill-konfiska, għandha tingħata kumpens dwar kull telf li hija tkun ġarrbet.

Preskrizzjoni ta' azzjonijiet kriminali.

127. Azzjonijiet kriminali taħt dan l-Att għandhom jiġu preskritti bl-iskadenza ta' tliet snin mill-ġurnata meta jkun sar l-att li jikkostitwixxu r-reat, jekk il-persuna li l-att ikun sar bi preġudizzju tagħha, ma kenitx taf bih minn qabel; fil-każijiet l-oħra kollha dik l-azzjoni għandha tiġi preskritta bl-iskadenza ta' sena mill-ġurnata minn meta dik il-persuna saret taf b'dak l-att.

Drittijiet għal danni mhux milquta.

128. Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull persuna li tfittex għad-danni b'konsegwenza ta' kull att li jikkostitwixxi reat.

Prinċipal u impjegat.

129. Ma għandu jinbeda ebda proċediment kontra xi persuna fis-servizz ta' xi persuna oħra, jekk, huwa juri li b'mod bonafidi, huwa aġixxa b'mod ubbidjenti għall-istruzzjonijiet tal-prinċipal tiegħu, u, fl-interrogazzjonijiet mill-Pulizija, jagħti informazzjoni sħiħa li jkollha x'taqsam mal-prinċipal tiegħu u mal-fatti tal-każ skond ma huwa jkun jafhom.

## Taqsima XXIII

## Disposizzjonijiet Ġenerali

Fuq min taqa' l-prova dwar l-użu ta' disinn.

130. Fi proċedimenti ċivili taħt dan l-Att jekk tqum kwistjoni dwar l-użu li jkun sar minn disinn reġistrat, il-piż tal-prova li dak l-użu partikolari jkun sar jaqa' fuq il-proprjetarju.

Preskrizzjoni ta' azzjonijiet ċivili.

131. Azzjonijiet ċivili taħt it-Taqsimiet XVIII sa XXIV ta' dan l-Att għandhom jiġu preskritti meta jiskadu ħames snin fil-każijiet kollha li fihom ma jkun stabbilit ebda perjodu ieħor f'dan l-Att li fih jistgħu jinġiebu dawk l-azzjonijiet.

## Taqsima XXIV

## Regolamenti

Setgħa tal-Ministru li jagħmel regolamenti.

132. (1) Il-Ministru responsabbli għall-protezzjoni tal-proprjetà industrijali jista' jagħmel regolamenti sabiex it-Taqsimiet XVIII sa XXIV ta' dan l-Att ikunu jistgħu jiġu amministrati aħjar, billi jagħmel dawk ir-regoli li jkunu meħtieġa bid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija partijiet ta' dan l-Att, billi jordna kull ħaġa awtorizzata jew meħtieġa b'xi disposizzjoni ta' dan l-Att li tkun preskritta, u ġeneralment biex tiġi regolata l-prattika u l-proċedura taħt l-imsemmija partijiet, u partikolarment jistgħu isiru provvedimenti:

(a) dwar it-tifsir ta' kliem u frażijiet użati f'dan l-Att;

(b) dwar l-għoti, rifjut jew ċessjoni ta' disinn reġistrat;

(ċ) dwar il-pattijiet ta' tiġdid ta' disinn reġistrat;

(d) dwar il-mod kif jiġu pprezentati applikazzjonijiet u dokumenti oħra kif ukoll il-ħlasijiet ta' drittijiet rispettivi kollha u drittijiet oħra taħt it-Taqsimiet imsemmija ta' dan l-Att;

(e) li jkunu jeħtieġu u jirregolaw it-traduzzjoni ta' dokumenti u l-preżentata u l-awtentikazzjoni ta' kull traduzzjoni;

(f) dwar in-notifika ta' dokumenti;

(ġ) dwar affarijiet li għandhom x'jaqsmu mar-reġistru ta' disinni, partikolarment dwar:

(i) l-emenda ta' partikolaritajiet reġistrati li għandhom x'jaqsmu ma' liċenza biex hekk jirriflettu kull bdil fil-pattijiet tal-liċenza, u

(ii) it-tneħħija ta' dawk il-partikolaritajiet mir-reġistru;

(ħ) dwar il-klassifikazzjoni ta' disinni reġistrati;

(i) li jawtorizzaw ir-rettifika ta' irregolaritajiet fil-proċedura;

(j) dwar proċeduri, sanzjonijiet u kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam mal-ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija Partijiet ta' dan l-Att;

(k) li jkunu jippreskrivu t-termini ta' żmien dwar kull ħaġa meħtieġa li ssir f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi proċediment taħt l-imsemmija Partijiet ta' dan l-Att;

(l) li jkunu jipprovdu dwar l-estensjoni ta' kull terminu ta' żmien hekk stipulat, jew speċifikat mill-

Kontrollur kemm jekk dak it-terminu ta' żmien ikun diġà skada jew ma jkunx; u

(m) li tirregola d-disposizzjonijiet amministrattivi u oħrajn supplimentari.

(2) Il- Ministru jista' wkoll minn żmien għal żmien jagħmel regolamenti li ma jkunux inkonsistenti ma' l-imsemmija Taqsimiet ta' dan l-Att u li jkunu jordnaw kull ħaġa li b'dan l-Att tkun meħtieġa jew permessa li tiġi stipulata jew li tkun meħtieġa jew mixtieqa li tiġi stipulata għat-twettiq jew l-għoti ta' seħħ lil dan l-Att, jew biex isir kull xogħol li għandu x'jaqsam ma' l-Uffiċċju tal-Kontrollur.

(3) Il-Ministru jista' wkoll jagħmel regolamenti li jagħtu seħħ f'Malta lid-disposizzjonijiet ta' xi istrument ta' reġistrazzjoni ta' disinn internazzjonali jew reġjonali jew ta' kull ftehim relatat li Malta ssir parti fih.

Thassir ta' l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali u disposizzjoni transitorja.

133. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrjali qegħda b'dan tiġi mħassra.

(2) F'dan l-artikolu:

"disinn reġistrat eżistenti" tfisser disinn, reġistrat taħt l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrjali minnufih qabel il-bidu fis-seħħ tat-Taqsimiet XVIII sa XXIV ta' dan l-Att;

"il-Liġi l-Qadima" tfisser l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrjali u kull liġi jew regola oħra tal-liġi li tapplika għal disinni reġistrati eżistenti minnufih qabel il-bidu fis-seħħ tat-Taqsimiet XVIII sa XXIV ta' dan l-Att;

"reġistru l-ġdid" tfisser ir-reġistru miżmum taħt it-Taqsimiet XVIII sa XXIV ta' dan l-Att;

"reġistru preċedenti" tfisser ir-reġistru miżmum taħt il-Liġi l-Qadima.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu:

(a) applikazzjoni għandha tiġi ttrattata bħala pendenti fil-bidu fis-seħħ tat-Taqsimiet XVIII sa XXIV

ta' dan l-Att jekk din tkun saret imma mhux finalment deċiża qabel dak il-bidu fis-seħħ; u

(b) id-data meta din tkun saret għandha titqies bħala d-data meta tkun saret il-preżentata taħt il-Liġi l-Qadima.

Disinni reġistrati eżistenti.

(4) Disinni reġistrati eżistenti għandhom, fil-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, jiġu trasferiti fir-reġistru l-ġdid u bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, għandu jkollhom seħħ daqslikieku dawn kienu reġistrati taħt it-Taqsimiet XVIII sa XXIV ta' dan l-Att.

Proċedimenti taht il-Liġi l-Qadima.

(5) Proċedimenti taħt il-Liġi l-Qadima li jkunu għadhom pendenti fil-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu għandhom jiġu ttrattati taħt il-Liġi l-Qadima u fir-reġistru l-ġdid għandu jsir kull bdil meħtieġ konformi ma' dawk il-proċedimenti.

Effetti ta' ksur dwar ir-reġistrazzjoni.

(6) (a) Mal-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, l-artikoli 75 u 76 ta' dan l-Att għandhom japplikaw f'dak li għandu x'jaqsam ma' disinn reġistrat eżistenti u bla ħsara għall-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu, l-artikolu 113 ta' dan l-Att għandu jkun japplika f'dak li għandu x'jaqsam mal-ksur ta' disinn reġistrat eżistenti li jsir wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu.

(b) Wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, ma għandux jitqies bħala ksur:

(i) ta' disinn reġistrat eżistenti, jew

(ii) ta' disinn reġistrat li l-elementi distintivi tiegħu jkunu l-istess jew sostanzjalment l-istess bħal dawk ta' disinn reġistrat eżistenti,

li jitkompla jsir xi użu bħal dak li ma kienx jammonta għal ksur tad-disinn reġistrat eżistenti taħt il-Liġi l-Qadima.

Oġġetti, materjal jew prodotti kontravenjenti.

(7) L-artikolu 114 ta' dan l-Att għandu japplika għal oġġetti, materjal jew prodotti kontravenjenti kemm magħmulin qabel kemm wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu.

Drittijiet u rimedji ta' detentur ta' liċenza.

(8) L-artikolu 86 ta' dan l-Att għandu jkun japplika għal liċenzi mogħtija qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, imma

biss f'dak li għandu x'jaqsam ma' kull ksur magħmul wara l-bidu fis-seħħ tiegħu.

Ko-proprjetà ta' disinn reġistrat.

(9) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 80 ta' dan l-Att għandhom japplikaw sa mill-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu għal disinni reġistrati eżistenti li żewġ persuni jew aktar kienu minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu reġistrati dwaru bħala proprjetarji konġunti.

Assenjazzjoni, eċċ., ta' disinn reġistrat.

(10) (a) L-artikolu 81 ta' dan l-Att għandu japplika għal transazzjonijiet u ġrajjiet li jiġru wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu f'dak li għandu x'jaqsam ma' disinni reġistrati eżistenti; u għandha tkompli tapplika l-Liġi l-Qadima f'dak li għandu x'jaqsam ma' transazzjonijiet u ġrajjiet li jiġru qabel il-bidu fis-seħħ tagħha.

(b) Meta, qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, persuna tkun saret intitolata bl-assenjazzjoni jew it-trasmissjoni għal disinn reġistrat eżistenti imma ma tkunx irreġistrat it-titolu tagħha, kull applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' assenjazzjoni wara l-bidu fis-seħħ tiegħu għandu jsir taħt l-artikolu 83 ta' dan l-Att.

Liċenzjar ta' disinn reġistrat.

(11) L-artikoli 84 u 85 ta' dan l-Att għandhom japplikaw biss f'dak li għandu x'jaqsam ma' liċenzi mogħtija wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu.

Applikazzjonijiet pendenti għal reġistrazzjoni.

(12) Applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' disinn taħt il-Liġi l-Qadima li tkun pendenti mal-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu għandha tiġi ttrattata taħt il-Liġi l-Qadima, u, meta reġistrat, id-disinn għandu jiġi ttrattat għall-finijiet ta' dan l-artikolu bħala disinn reġistrat eżistenti.

Konverżjoni ta' applikazzjoni pendenti.

(13) (a) Fil-każ ta' applikazzjoni pendenti għal reġistrazzjoni ppreżentata qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, l-applikant jista' javża lill-Kontrollur fejn jitolbu li jiġi stabbilit dwar kemm il-marka tista' tiġi reġistrata skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsimiet XVIII sa XXIV ta' dan l-Att.

(b) Flimkien ma' l-avviż għandu jkun hemm il-ħlas adatt u dan għandu jingħata mhux iżjed tard minn sitt xhur wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu.

(ċ) Ġaladarba jingħata l-avviż dan għandu jkun irrevokabbli u għandu jkollu l-effett li l-applikazzjoni għandha

tiġi ttrattata daqslikieku tkun ġiet magħmula minnufih wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu.

Disinni reġistrati skond il-klassifikazzjoni l-qadima.

(14) Il-Kontrollur jista' jeżerċita s-setgħat mogħtija b'dan l-Att biex jiżgura li d-disinni reġistrati eżistenti li ma jkunux jikkonformaw mas-sistema ta' klassifikazzjoni stipulata taħt l-artikolu 90 ta' dan l-Att isiru konformi bis-saħħa ta' dik is-sistema.

Pretensjoni dwar prijorità minn applikazzjonijiet ġejjin minn barra l-pajjiż.

(15) L-artikolu 91 ta' dan l-Att għandu japplika għal applikazzjoni għal reġistrazzjoni taħt dan l-Att li ssir wara l-bidu fis-seħħ ta' din it-Taqsima minkejja li l-applikazzjoni skond il-Konvenzjoni tkun saret qabel il-bidu fis-seħħ.

Għal kemm iddum reġistrazzjoni u tiġdid tagħha.

(16) L-artikoli 72 u 73 ta' dan l-Att għandhom japplikaw dwar ir-reġistrazzjoni ta' disinn wara applikazzjoni magħmula wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu:

Iżda fil-każ ta' reġistrazzjoni ta' disinn taħt il-Liġi l-Qadima, li ż-żmien tal-protezzjoni tiegħu jkun għadu ma skadix mal-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, ir-reġistrazzjoni tista' tiġġedded kif provdut fl-artikoli 72 u 73 ta' dan l-Att.".

## Taqsima XXI

Emenda ta' l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data, Kap. 440.

**117.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Din it-Taqsima ta' dan l-Att għandha tibda sseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-protezzjoni tad-data jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

Emenda ta' l-artikolu 37 ta' l-Att prinċipali.

**118.** L-artikolu 37 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu u minnufih wara dak is-subartikolu (1) kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"Il-Kummissarju ma jistax ikollu karigi oħra mnejn jikseb profitt. Eċċezzjonijiet.

(2) Il-Kummissarju ma jkun jista' jiġġestixxi ebda professjoni, kummerċ jew negozju jew ikollu xi kariga oħra mnejn jikseb profitt, tkun xi tkun, ukoll jekk din tkun ta' xorta temporanja, bl-eċċezzjoni ta' kariga temporanja f'xi qorti jew tribunal internazzjonali jew xi korp aġġudikanti internazzjonali, u l-kariga ta' eżaminatur f'xi Università.".

## Taqsima XXII

**119.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att li jirregola Fondi Speċjali, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emendi ta' l-Att li jirregola Fondi Speċjali, Kap. 450.

(2) Din it-Taqsima għandha tibda sseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi u affarijiet ekonomiċi jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' din it-Taqsima.

**120.** Minnufih wara s-subartikolu (4) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan is-subartikolu li ġej: Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

Kap. 370. "(5) Ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' liċenzi taħt l-Att dwar Servizzi ta' Investiment għal Skema jew Fond għal min Jirtira li jkunu reġistrati taħt dan l-Att.".

**121.** Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 50 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 50 ta' l-Att prinċipali.

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "jidhirlu xieraq;" għandhom jidħlu l-kliem "jidhirlu xieraq; u jemenda l-Iskedi li jinsabu ma' dan l-Att;"; u

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "relatati għalihom, fejn jipprovdi", għandhom jidħlu l-kliem "relatati għalihom; jistabbilixxi l-kwalifiki u kriterji oħra ta' eliġibilità meħtieġa biex wieħed jaġixxi ta' Kustodju ta' Fond għal min Jirtira, jipprovdi dwar il-ħlas ta' dawk id-drittijiet u ħlasijiet oħra kif jista' jiġi preskritt, jipprovdi dwar is-setgħat ta' l-Awtorità fir-rigward tagħhom, inkluża l-impożizzjoni ta' penali amministrattivi jew miżuri oħra u l-appelli minnhom lit-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji, u jipprovdi dwar il-ħruġ ta' Direttivi li jistabbilixxu ħtiġijiet oħra fir-rigward ta' l-imġieba jew l-attivitajiet tagħhom; u jipprovdi".

## Taqsima XXIII

**122.** (1) Din it-Taqsima temenda u għandha tinqara u tiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emenda ta' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452.

(2) Din it-Taqsima ta' dan l-Att għandha tibda sseħħ f'dik id-data li l-Ministru għall-Politika Soċjali jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

Emenda ta' l-artikolu 30 ta' l-Att prinċipali.

**123.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 30 minflok il-kliem "tliet xhur" għandhom jidħlu l-kliem "erba' xhur".

Emenda ta' l-artikolu 38 ta' l-Att prinċipali.

**124.** (1) Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 38 fil-verżjoni bl-Ingliż, minflok il-kelma "or" għandha tidħol il-kelma "and".

(2) Fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 38 minflok il-kliem "Dan l-artikolu" għandhom jidħlu l-kliem "Is-subartikoli (1) u (3) ta' dan l-artikolu".

Emenda ta' l-artikolu 48 ta' l-Att prinċipali.

**125.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 48 wara l-kliem "Titolu I" għandhom jidħlu l-kliem "u tat-Titolu II".

Emenda ta' l-artikolu 84 ta' l-Att prinċipali.

**126.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 84 wara l-kliem "impjegat tal-Gvern" għandhom jidħlu l-kliem "ħlief kif jista' jkun provdut bis-saħħa tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 48 ta' dan l-Att".

## Taqsima XXIV

Emenda ta' l-Att ta' l-2002 li jemenda l-Kodiċi Kriminali, Att III ta' l-2002.

**127.** L-Att ta' l-2002 li jemenda l-Kodiċi Kriminali, aktar tard f'dan l-artikolu msejjaħ "il-liġi prinċipali" għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) li hemm fl-artikolu 91 tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) fil-każijiet l-oħra kollha, mill-Avukat Ġenerali.";

(b) fl-artikolu 649 li hemm fl-artikolu 152 tiegħu:

(i) fis-subartikoli (1) u (2) tiegħu, minflok il-kliem "ġudizzjarja jew prosekutriċi" għandhom jidħlu l-kliem "ġudizzjarja, prosekutriċi jew amministrattiva";

(ii) fis-subartikolu (5) tiegħu, minnufih wara l-kliem "il-maġistrat" għandhom jidħlu l-kliem "għandu jikkonforma mal-formalitajiet u l-proċeduri indikati mill-awtorità estera rikjedenti sakemm ma jkunux kontra l-prinċipji fondamentali tal-liġi Maltija u"; u

(iii) minnufih wara s-subartikolu (5) tiegħu għandhom jidħlu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(6) Meta t-talba ta' l-awtorità estera tkun biex jinstema' xhud jew espert bil-mezz ta' video-konferenza d-disposizzjonijiet tas-subartikoli (7) sa (12), it-tnejn inklużi, għandhom japplikaw.

(7) Il-maġistrat għandu jħarrek lill-persuna li jkollha tinstema' biex tidher fil-ħin u l-post li jkun mgħammar b'faċilitajiet ta' video-konferenza kif appuntat għal dak il-għan mill-maġistrat. Il-maġistrat għandu jagħti seħħ għal kull mizuri għall-protezzjoni tal-persuna li jkollha tinstema' li l-Avukat Ġenerali jista' jiddikjara li dwarhom ikun sar qbil ma' l-awtorità rikjedenti estera.

(8) Il-maġistrat għandu jmexxi l-udjenza u fejn ikun meħtieġ il-maġistrat għandu jappunta interpretu biex jassisti matul l-udjenza. Il-maġistrat preżenti għandu jiżgura li l-persuna li jkollha tinstema' tiġi identifikata u l-proċedimenti jsiru u jkomplu f'kull ħin skond il-prinċipji fondamentali tal-liġi ta' Malta.

(9) Il-persuna li jkollha tinstema' tista' tinvoka d-dritt li ma tixhidx li kien ikollha taħt il-liġi ta' Malta jew taħt il-liġi tal-pajjiż ta' l-awtorità rikjedenti estera.

(10) Salvi l-miżuri għall-protezzjoni tal-persuna li jkollha tinstema' li għalihom hemm riferenza fis-subartikolu (7), il-maġistrat għandu fi tmiem l-udjenza jżomm minuti li juru d-data u l-post ta' l-udjenza, l-identità tal-persuna li nstemgħat, l-identitajiet u l-funzjonijiet tal-persuni l-oħra kollha li ħadu sehem fl-udjenza, kull ġurament li jkun ittieħed u l-kondizzjonijiet tekniċi li fihom tkun saret l-udjenza. Id-dokument li fih ikunu ġew reġistrati l-minuti għandu jintbagħat lill-Avukat Ġenerali sabiex jiġi mibgħut lill-awtorità estera rikjedenti.

(11) Id-disposizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-persuna li jkollha tinstema' skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6):

(a) id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 522,

meta l-persuna li jkollha tinstema' tonqos milli tixhed meta hekk meħtieġa tagħmel mill-maġistrat;

(b) id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 104, 105, 107, 108 u 109, skond ma jkun il-każ, meta l-persuna li jkollha tinstema' ma tixhidx il-verità, għal dan il-għan il-proċedimenti quddiem l-awtorità estera għandhom jitqiesu li jkunu proċedimenti li jkunu qegħdin isiru f'Malta u l-persuna li jkollha tinstema' għandha titqies li tkun persuna li tkun qed tixhed f'dawk il-proċedimenti. Għall-għan li tiġi determinata l-piena li tkun tgħodd skond kif jista' jkun meħtieġ fi proċedimenti għal sperġur taħt dan is-subartikolu, il-fatt kriminali indagat jew li jkun se jiġi ġudikat mill-awtorità rikjedenti estera għandu jitqies li jkun suġġett għall-piena li għaliha kien ikun suġġett kieku l-istess fatt ġara Malta jew fil-ġurisdizzjoni tal-qrati kriminali ta' Malta.

(12) Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) sa (11), it-tnejn inklużi, għandhom japplikaw meta l-persuna li jkollha tinstema' tkun persuna akkużata fil-pajjiż ta' l-awtorità estera rikjedenti b'dan li l-udjenza għandha ssir biss bil-kunsens tal-persuna li jkollha tinstema' u li r-regoli ta' evidenza u proċedura li kienu jgħoddu għad-depożizzjoni ta' persuna akkużata fi proċedimenti kriminali f'Malta jkunu wkoll jgħoddu għad-depożizzjoni tal-persuna akkużata li jkollha tinstema' taħt dan l-artikolu.

(13) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom jgħoddu wkoll *mutatis mutandis* meta t-talba ta' l-awtorità estera tkun biex jinstema' xhud jew espert bil-mezz ta' konferenza bit-telefon, sakemm ix-xhud jew l-espert jagħti l-kunsens tiegħu għas-smigħ.".

**Taqsima XXV**

Emenda tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9.

**128.** Il-Kodiċi Kriminali, aktar tard f'dan l-artikolu msejjaħ "il-liġi prinċipali", għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 370 tiegħu, minflok il-kliem "skond is-subartikolu (1) (ċ)" għandhom jidħlu l-kliem "skond is-subartikolu (1) (b)";

(b) l-artikolu 392A tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "kif provdut fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 401" għandhom jidħlu l-kliem "fi żmien sitt ijiem tax-xogħol"; u

(ii) fit-test Ingliż biss tas-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kliem "in paragraph (b) of article 392" għandhom jidħlu l-kliem "in paragraph (b) of subarticle (1) of article 392";

(ċ) minnufih wara l-artikolu 435D tiegħu għandu jidħol l-artikolu ġdid li ġej:

"Konsenji kontrollati u investigazzjonijiet flimkien ma' awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi oħra.

435E (1) Minkejja kull ħaġa oħra li tinsab f'kull liġi oħra l-Avukat Ġenerali jkollu s-setgħa li jawtorizza lill-Pulizija Eżekuttiva u, fejn ikun xieraq, lill-awtoritajiet tad-Dwana sabiex iħallu li ssir konsenja kontrollata bil-għan li jiġu identifikati l-persuni involuti fl-għemil ta' xi reat kriminali taħt il-liġijiet ta' Malta jew taħt il-liġijiet ta' pajjiż ieħor.

Għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu "konsenja kontrollata" għandu jkollha l-istess tifsira *mutatis mutandis* li ngħatat lilha bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 30B ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi b'dan illi l-konsenja illeċita jew suspettata li għaliha hemm riferenza f'dak is-subartikolu tista' għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu tkun tikkonsisti minn ħaġa ta' kull xorta tkun li tkun u li l-konsenja tista' tiġi interċettata u mħollija tkompli ssir bil-kontenut oriġinali tagħha bla mittiefes jew imneħħi jew mibdul għal kollox jew in parti.

(2) Bl-istess għan li jiġu identifikati l-persuni involuti fl-għemil ta' reat kriminali taħt il-liġijiet ta' Malta jew taħt il-liġijiet ta' pajjiż ieħor, l-Avukat Ġenerali jkollu wkoll is-setgħa li jawtorizza lill-Pulizija Eżekuttiva jew lil xi persuna taħt is-sorveljanza jew direzzjoni tal-Pulizija Eżekuttiva biex takkwista jew tipprokura konsenja illeċita jew sospettata ta' kull ħaġa tkun li tkun mingħand kull persuna jew post ikun li jkun.

(3) Skond dak li jipprovdi xi arranġament, inkluż kull trattat, konvenzjoni, ftehim jew qbil, li tiegħu Malta tkun parti jew li jkun xort'oħra applikabbli għal Malta, l-Avukat Ġenerali jista' jawtorizza lill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż ieħor sabiex f'Malta, flimkien ma' jew taħt is-sorveljanza jew

direzzjoni tal-Pulizija Eżekuttiva, jagħmlu investigazzjonijiet dwar reati kriminali bil-mezz ta' uffiċjali li jaġixxu b'identità moħbija jew falza, b'dan li l-Avukat Ġenerali jkun sodisfatt mill-identità vera u mill-kariga uffiċjali ta' l-uffiċjali li jkunu u jkun informat għal kollox dwar in-natura ta' kull dokumenti li jidhru li jiggarantixxu, jiċċertifikaw jew jawtentikaw l-identità falza li jkunu ħadu dawk l-uffiċjali. Minkejja d-dispozizzjonijiet ta' kull liġi oħra l-għemil jew użu ta' dokumenti bħal dawk mill-awtoritajiet kompetenti jew minn dawk l-uffiċjali għall-għan ta' jew matul dawk l-investigazzjonijiet awtorizzati kif ingħad għandu jitqies li jkun skond il-liġi u ma għandux iġib miegħu xi responsabilità ċivili, kriminali jew xort'oħra, ta' dawk l-awtoritajiet jew uffiċjali.

(4) Kull uffiċjal minn pajjiż ieħor li jkun jieħu sehem f'xi waħda mill-operazzjonijiet li għalihom hemm riferenza fis-subartikoli (1) sa (3), it-tnejn inklużi, għandu, għall-għan ta' kull responsabilità kriminali taħt dan il-Kodiċi jew taħt kull liġi oħra ta' dak l-uffiċjal jew ta' ħaddieħor għal għemil kontra dak l-uffiċjal, jitqies li jkun uffiċjal pubbliku."; u

(d) minnufih wara l-artikolu 628 tiegħu għandhom jidħlu t-titolu ġdid u artikoli ġodda li ġejjin:

"Titolu VIII

Dwar Assistenza Reċiproka f'Materja Kriminali.

628A. (1) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jagħmel regolamenti sabiex jagħti seħħ lil xi arranġament, inkluż xi trattat, konvenzjoni, ftehim jew qbil li fih Malta tkun parti jew li jkun xort'oħra applikabbli għal Malta u li jipprovdi għal assistenza reċiproka f'materja kriminali.

(2) Ir-regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu jista' jkun fihom dawk id-disposizzjonijiet li l-Ministru jista' jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi, inkluża l-applikazzjoni, b'kull modifika xierqa, ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra.

628B. (1) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-setgħa mogħtija lill-Ministru bl-artikolu 628A, il-Ministru jista' b'mod partikolari, jagħmel regolamenti li bihom jindika l-persuna, korp, sew jekk ikun persuna ġuridika jew le, awtorità jew aġenzija kompetenti għall-għan li tingħata l-

assistenza li tista' tintalab taħt xi arranġament bħal dak imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 628A u li jippreskrivu l-kondizzjonijiet u l-proċeduri għall-eżekuzzjoni ta' kull talba għal assistenza bħal dik għal kull għan jew għanijiet minn dawn li ġejjin –

(a) l-interrogazzjoni ta' persuni li jkunu qegħdin jiġu investigati jew proċessati għal xi reat kriminali;

(b) il-ġbir ta' provi jew l-għoti ta' xiehda;

(ċ) in-notifika ta' kull dokument jew att;

(d) l-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet;

(e) it-trasferiment temporanju għal għanijiet ta' identifikazzjoni jew sabiex tinkiseb xiehda jew assistenza oħra;

(f) id-dħul u t-tfittxija f'kull fond u l-qbid ta' kull oġġett;

(g) it-teħid ta' marki tas-swaba jew kampjuni intimi jew mhux intimi;

(h) l-eżumazzjoni ta' xi katavru;

(i) l-għoti ta' *records* u dokumenti;

(j) l-investigazzjoni dwar ir-rikavat ta' xi reat;

(k) il-monitoraġġ, l-iffriżar jew il-qbid ta' xi assi ta' kull xorta inklużi ta' kontijiet bankarji; u

(l) il-verifika ta' xi prova jew materjal ieħor.

(2) Kull regolament magħmul taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 628A u ta' dan l-artikolu għandu jkun fih riferenza għall-arranġament li dawk ir-regolamenti jkunu maħsuba biex iġibu fis-seħħ.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 28 tal-21 ta' Lulju, 2003.

ANTON TABONE
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*